Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2025/0399(COD)

20.5.2026

EMENDI
1108 - 1367

Abbozz ta' rapport
Tsvetelina Penkova
(PE785.275v01-00)

Linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, emenda tar-Regolamenti (UE) 2019/942, (UE) 2019/943, u (UE) 2024/1789 u tħassir tar-Regolament (UE) 2022/869

Proposta għal regolament
(COM(2025)1006 – 2025/0399(COD))

Emenda 1108
Niels Flemming Hansen

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-TSOs għandhom iwarrbu 25 % ***tal-kirjiet*** tal-konġestjoni mhux minfuqa biex jiggarantixxu d-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/943 u bħala kumpens lill-operaturi tal-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fuq il-baħar skont l-Artikolu 19(2), ***il-punt*** (c), tar-Regolament (UE) 2019/943, għall-investimenti fin-network fi proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi skont l-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943.	1. It-TSOs għandhom iwarrbu 25 % ***tal-introjtu*** tal-konġestjoni ***ġġenerat fuq il-fruntieri tal-Istati Membri*** mhux minfuqa biex jiggarantixxu d-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/943 u bħala kumpens lill-operaturi tal-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fuq il-baħar skont l-Artikolu 19(2), ***il-punti (a), (b) u*** (c), tar-Regolament (UE) 2019/943, għall-investimenti fin-network ***tagħhom stess*** fi proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi skont l-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 ***fi proġetti ta' trażmissjoni tal-elettriku fuq il-lista tal-Unjoni soġġetti għall-approvazzjoni tal-ARN rilevanti***. ***Il-fondi diġà allokati għal-linja ta' kont interna separata qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.***

Or. en

Emenda 1109
Bruno Tobback, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-TSOs għandhom iwarrbu 25 % ***tal-kirjiet*** tal-konġestjoni mhux minfuqa biex jiggarantixxu d-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2), il-	1. It-TSOs għandhom iwarrbu 25 % tal-kirjiet tal-konġestjoni mhux minfuqa biex jiggarantixxu d-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2), il-

punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/943 u bħala kumpens lill-operaturi tal-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fuq il-baħar skont l-Artikolu 19(2), ***il-punt*** (c), tar-Regolament (UE) 2019/943, għall-investimenti fin-network fi proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi skont l-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943.

punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/943 u bħala kumpens lill-operaturi tal-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fuq il-baħar skont l-Artikolu 19(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/943, għall-investimenti fin-network fi proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi ***li jibbenefikaw direttament il-livell ta' interkonnessjoni tal-elettriku tal-Istat Membru minn fejn ikun inġabar l-introjtu mill-konġestjoni,*** skont l-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943. ***Il-kirjiet tal-konġestjoni li jirriżultaw mill-fruntieri interni taż-żoni tal-offerti fi Stat Membru ma għandhomx ikunu soġġetti għall-obbligi stabbiliti f'dan il-paragrafu.***

Or. en

Emenda 1110
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Tomas Tobé, Jörgen Warborn, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-TSOs għandhom iwarrbu 25 % tal-kirjiet tal-konġestjoni mhux minfuqa biex jiggarantixxu d-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/943 u bħala kumpens lill-operaturi tal-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fuq il-baħar skont l-Artikolu 19(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/943, għall-investimenti fin-network fi proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi skont l-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943.	1. It-TSOs għandhom iwarrbu 25 % tal-kirjiet tal-konġestjoni mhux ***allokati*** biex jiggarantixxu d-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/943 u bħala kumpens lill-operaturi tal-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fuq il-baħar skont l-Artikolu 19(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/943, għall-investimenti fin-network fi proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi skont l-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 ***u għat-titjib tal-adegwatezza tar-riżorsi permezz ta' appoġġ għall-ġenerazzjoni tal-elettriku b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju***

u mhux fossili**. **Il-kirjiet tal-konġestjoni interni li jirriżultaw mill-fruntieri interni taż-żoni tal-offerti fi Stat Membru ma għandhomx ikunu soġġetti għall-obbligi stabbiliti f'dan il-paragrafu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dħul mill-interkonnessjonijiet għandu jkun jista' jintuża wkoll għal investimenti li jikkontribwixxu għal kapaċità suffiċjenti u affidabbli ta' ġenerazzjoni tal-elettriku b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, peress li l-espansjoni tan-network waħedha ma tkunx biżżejjed biex tiżgura l-adegwatezza tar-riżorsi u s-sigurtà tal-provvista f'sistemi tal-enerġija dejjem aktar elettrifikati.

Emenda 1111
Tomas Tobé, Jörgen Warborn, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Borys Budka, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-TSOs għandhom iwarrbu 25 % tal-kirjiet tal-konġestjoni ***mhux minfuqa*** biex jiggarantixxu d-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/943 u bħala kumpens lill-operaturi tal-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fuq il-baħar skont l-Artikolu 19(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/943, għall-investimenti fin-network fi proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi skont l-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943.	1. It-TSOs għandhom iwarrbu 25 % tal-kirjiet tal-konġestjoni ***li jirriżultaw fil-fruntieri taż-żoni tal-offerti bejn l-Istati Membri, li ma jkunux intefqu,*** biex jiggarantixxu d-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/943 u bħala kumpens lill-operaturi tal-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fuq il-baħar skont l-Artikolu 19(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/943, għall-investimenti fin-network fi proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi skont l-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943. ***Il-kirjiet tal-konġestjoni li jirriżultaw mill-fruntieri interni taż-żoni tal-offerti fi Stat Membru ma għandhomx ikunu soġġetti għall-obbligi stabbiliti f'dan il-paragrafu.***

Or. en

Emenda 1112
Bruno Gonçalves, Tsvetelina Penkova

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-TSOs għandhom iwarrbu ***25*** % tal-kirjiet tal-konġestjoni mhux minfuqa biex jiggarantixxu d-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/943 u bħala kumpens lill-operaturi tal-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fuq il-baħar skont l-Artikolu 19(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/943, għall-investimenti fin-network fi proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi skont l-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943.	1. It-TSOs għandhom iwarrbu ***40*** % tal-kirjiet tal-konġestjoni mhux minfuqa biex jiggarantixxu d-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/943 u bħala kumpens lill-operaturi tal-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fuq il-baħar skont l-Artikolu 19(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/943, għall-investimenti fin-network fi proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi skont l-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943. ***Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-introjtu mill-konġestjoni li jirriżulta mill-fruntieri interni taż-żoni tal-offerti fi Stat Membru jew għall-introjtu mill-konġestjoni li jkun inġabar qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 1113
Giorgio Gori, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-TSOs għandhom iwarrbu 25 % tal-kirjiet tal-konġestjoni mhux minfuqa biex jiggarantixxu d-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/943 u bħala kumpens lill-operaturi tal-impjanti	1. It-TSOs għandhom iwarrbu 25 % tal-kirjiet tal-konġestjoni mhux minfuqa biex jiggarantixxu d-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/943 u bħala kumpens lill-operaturi tal-impjanti

tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fuq il-baħar skont l-Artikolu 19(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/943, għall-investimenti fin-network fi proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi skont l-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943.	tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fuq il-baħar skont l-Artikolu 19(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/943, għall-investimenti fin-network fi proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi ***li jibbenefikaw direttament lill-Istat Membru fejn ikun inġabar l-introjtu jew lil proġetti li jkunu jinsabu fit-territorju ta' tali Stat Membru jew li jkunu relatati direttament miegħu*** skont l-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943.

Or. en

Emenda 1114
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-TSOs għandhom iwarrbu 25 % tal-kirjiet tal-konġestjoni mhux minfuqa biex jiggarantixxu d-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2), ***il-punt (a),*** tar-Regolament (UE) 2019/943 ***u bħala kumpens lill-operaturi tal-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fuq il-baħar skont l-Artikolu 19(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/943, għall-investimenti*** fin-network fi proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti ***għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi skont l-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943***.	1. It-TSOs għandhom iwarrbu 25 % tal-kirjiet tal-konġestjoni mhux minfuqa biex jiggarantixxu d-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2), ***il-punti (a), (b) u (c)*** tar-Regolament (UE) 2019/943 għall-investimenti fin-network ***tagħhom stess*** fi proġetti ***tat-trażmissjoni tal-elettriku*** fil-lista tal-Unjoni ***soġġetti għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali*** rilevanti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The EC proposal risks limiting the ability of national regulatory authorities and transmission system operators (TSOs) to determine the most efficient use of congestion-related revenues within their own systems, thereby preventing the optimal allocation of these resources at national level.Currently, congestion revenues are already directed —under the full

supervision of national regulatory authorities— towards purposes that maximise consumer welfare and system efficiency in each Member State, such as tariff mitigation, ensuring the availability of allocated capacity, or supporting network development where it is most needed. Imposing a specific earmarking at European level, even if only for a share of these revenues, would create a top-down constraint for TSOs and risk preventing them from using congestion revenues in ways that deliver the highest value for their national grids and consumers.

Emenda 1115
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-TSOs għandhom iwarrbu 25 % tal-kirjiet tal-konġestjoni mhux minfuqa biex jiggarantixxu d-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2)***, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/943 u bħala kumpens lill-operaturi tal-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fuq il-baħar skont l-Artikolu 19(2), il-punt*** (c), tar-Regolament (UE) 2019/943, għall-investimenti fin-network fi proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti ***għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi skont l-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943***.	1. It-TSOs għandhom iwarrbu 25 % tal-kirjiet tal-konġestjoni mhux minfuqa biex jiggarantixxu d-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2), ***il-punti (a), (b) u*** (c) tar-Regolament (UE) 2019/943 għall-investimenti fin-network ***tagħhom stess*** fi proġetti ***tat-trażmissjoni tal-elettriku*** fil-lista tal-Unjoni ***soġġetti għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali*** rilevanti.

Or. en

Emenda 1116
Letizia Moratti, Fulvio Martusciello, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-TSOs għandhom iwarrbu 25 % tal-kirjiet tal-konġestjoni mhux minfuqa biex jiggarantixxu d-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2)***, il-***	1. ***1.*** It-TSOs għandhom iwarrbu 25 % tal-kirjiet tal-konġestjoni mhux minfuqa biex jiggarantixxu d-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2), ***il-***

punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/943 u bħala kumpens lill-operaturi tal-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fuq il-baħar skont l-Artikolu 19(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/943, għall-investimenti fin-network fi proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti ***għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi skont l-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943***.

punti (a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2019/943, għall-investimenti fin-network ***tagħhom stess*** fi proġetti ***tat-trażmissjoni tal-elettriku*** fil-lista tal-Unjoni ***soġġetti għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali*** rilevanti.

Or. en

Emenda 1117
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-TSOs għandhom iwarrbu ***25*** % tal-kirjiet tal-konġestjoni mhux minfuqa biex jiggarantixxu d-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/943 u bħala kumpens lill-operaturi tal-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fuq il-baħar skont l-Artikolu 19(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/943, għall-investimenti fin-network fi proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi skont l-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943.	1. It-TSOs għandhom iwarrbu ***50*** % tal-kirjiet tal-konġestjoni mhux minfuqa biex jiggarantixxu d-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/943 u bħala kumpens lill-operaturi tal-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fuq il-baħar skont l-Artikolu 19(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/943, għall-investimenti fin-network fi proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi ***bejn iż-żoni tal-offerti tagħhom stess u dawk ġirien*** skont l-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa kruċjali li jiġi żgurat li jiġi allokat biżżejjed finanzjament għal proġetti biex titnaqqas il-konġestjoni tal-interkonnessjonijiet. Fl-istess ħin, il-flus miġbura f'żona tal-offerti għandhom jintużaw biex jitnaqqsu l-konġestjonijiet li jinsabu f'dik iż-żona.

Emenda 1118
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-TSOs għandhom iwarrbu ***25 %*** tal-kirjiet tal-konġestjoni mhux minfuqa biex jiggarantixxu d-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/943 u bħala kumpens lill-operaturi tal-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fuq il-baħar skont l-Artikolu 19(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/943, għall-investimenti fin-network fi proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi skont l-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943.	1. It-TSOs għandhom iwarrbu ***100 %*** tal-kirjiet tal-konġestjoni mhux minfuqa biex jiggarantixxu d-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/943 u bħala kumpens lill-operaturi tal-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fuq il-baħar skont l-Artikolu 19(2), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/943, għall-investimenti fin-network fi proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi skont l-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dħul mill-konġestjoni mill-mekkaniżmu tal-kapaċità bejn iż-żoni tal-prezzijiet mhuwiex adattat għall-finanzjament ta' investimenti fit-tul fl-infrastruttura. Din il-funzjoni hija ssodisfata mill-istrumenti ta' finanzjament previsti fl-Artikolu 40b.

Emenda 1119
Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-kirjiet tal-konġestjoni li jirriżultaw mill-fruntieri interni taż-żoni tal-offerti fi Stat Membru jistgħu, flimkien mal-prinċipji skont l-Artikolu 19(2) il-punti (a) sa (c) tar-Regolament (UE) 2019/943, jiġu allokati għal inizjattivi li jbaxxu l-kostijiet għall-konsumaturi tal-elettriku, inkluż:

(a) għal investimenti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija mhux fossili jew fil-kapaċità ta' konnessjoni mal-grilja fl-Istat Membru fejn ikun ġie ġġenerat l-introjtu mill-konġestjoni; jew

(b) għall-finanzjament ta' miżuri ta' appoġġ biex itaffu l-effetti tal-prezzijiet għoljin tal-elettriku.

Il-miżuri fil-punti (a) u (b) huma applikabbli biss jekk iż-żejt, il-gass naturali u l-faħam, minbarra r-riżervi strateġiċi, ikunu tneħħew gradwalment mill-produzzjoni tal-elettriku fiż-żona tal-offerti kkonċernata u bil-kundizzjoni li ma jkunx hemm miżuri alternattivi li jikkawżaw inqas distorsjoni.

Or. en

Emenda 1120
Tomas Tobé, Jörgen Warborn

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Minbarra l-objettivi prijoritarji skont l-Artikolu 19(2), il-punti (a) sa (c) tar-Regolament (UE) 2019/943, il-kirjiet tal-konġestjoni jistgħu jiġu allokati biex jiffinanzjaw il-ġenerazzjoni tal-elettriku mhux fossili li ttejjeb il-livell ta' adegwatezza tar-riżorsi fl-Istat Membru fejn ikun ġie ġġenerat l-introjtu mill-konġestjoni. It-TSO ma għandux ikun obbligat li jwarrab il-kirjiet tal-konġestjoni sa fejn it-TSO jista' juri li l-kirjiet tal-konġestjoni ntużaw biex jiffinanzjaw tali ġenerazzjoni tal-elettriku mhux fossili.

Or. en

Emenda 1121
Virgil-Daniel Popescu, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Tomas Tobé, Jörgen Warborn, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Minbarra l-objettivi prijoritarji skont l-Artikolu 19(2), il-punti (a) sa (c) tar-Regolament (UE) 2019/943, il-kirjiet tal-konġestjoni jistgħu jiġu allokati biex jiffinanzjaw il-ġenerazzjoni tal-elettriku b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u mhux fossili biex jittejjeb il-livell ta' adegwatezza tar-riżorsi fl-Istat Membru fejn ikun ġie ġġenerat l-introjtu mill-konġestjoni. It-TSOs ma għandhomx ikunu meħtieġa jwarrbu l-kirjiet tal-konġestjoni meta jkunu jistgħu juru li tali dħul intuża biex jiffinanzja l-ġenerazzjoni tal-elettriku b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u mhux fossili.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom ikunu flessibbli biżżejjed fl-użu tal-introjtu mill-konġestjoni biex jindirizzaw il-ħtiġijiet nazzjonali ta' adegwatezza u reżiljenza, b'mod partikolari fejn tkun meħtieġa kapaċità addizzjonali ta' ġenerazzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju biex jiġi żgurat tħaddim sigur u stabbli tas-sistema.

Emenda 1122
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***It-TSOs għandhom iqiegħdu l-fondi msemmija fil-punt 1 ta' dan l-Artikolu f'linja ta' kont separata sakemm ikunu jistgħu jintefqu għall-finanzjament***	2. ***Id-dħul mill-konġestjoni għandu jingħata kollu u bħala prijorità lill-konsumaturi tal-elettriku u lin-negozjanti tal-elettriku. Dan għandu jsir permezz tal-***

ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi, jew sakemm ikunu wrew li l-objettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 ikunu ġew issodisfati b'mod adegwat u ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li tinbena kapaċità transfruntiera addizzjonali fil-fruntieri tal-Istati Membri kkonċernati biex titnaqqas il-konġestjoni tal-interkonnetturi.	***allokazzjoni ta' Drittijiet Finanzjarji ta' Trażmissjoni (FTRs) jew permezz ta' rifużjonijiet diretti b'tariffi tan-network.***

Or. en

Emenda 1123
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-TSOs għandhom iqiegħdu l-fondi msemmija ***fil-punt*** 1 ta' dan l-Artikolu f'linja ta' kont separata sakemm ikunu jistgħu jintefqu għall-finanzjament ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi, jew sakemm ikunu wrew li l-objettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 ikunu ġew issodisfati b'mod adegwat u ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li tinbena kapaċità transfruntiera addizzjonali fil-fruntieri tal-Istati Membri kkonċernati biex titnaqqas il-konġestjoni tal-interkonnetturi.	2. It-TSOs għandhom iqiegħdu l-fondi msemmija ***fil-paragrafu*** 1 ta' dan l-Artikolu f'linja ta' kont ***interna*** separata sakemm ikunu jistgħu jintefqu għall-finanzjament ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi ***tal-Istat Membru rispettiv***, jew sakemm ikunu wrew li l-objettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 ikunu ġew issodisfati b'mod adegwat u ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li tinbena kapaċità transfruntiera addizzjonali fil-fruntieri tal-Istati Membri kkonċernati biex titnaqqas il-konġestjoni tal-interkonnetturi. ***L-introjtu mill-konġestjoni li jkun diġà twarrab fil-kont intern eżistenti għandu jitqies barra mill-kalkolu tal-livell limitu tal-Artikolu 19(1).***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-objettivi u r-regoli għall-allokazzjoni tal-introjtu mill-konġestjoni huma ddeterminat fl-Artikolu 19(2) sa (4) tar-Regolament (UE) 2019/943. Kwalunkwe emenda fir-rigward ta' dawk ir-regoli għandha tibqa' fl-Artikolu 19 tar-Regolament dwar l-Elettriku.

Emenda 1124
Niels Flemming Hansen

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-TSOs għandhom iqiegħdu l-fondi msemmija ***fil-punt*** 1 ta' dan l-Artikolu f'linja ta' kont separata sakemm ikunu jistgħu jintefqu għall-finanzjament ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi, jew sakemm ikunu wrew li l-objettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 ikunu ġew issodisfati b'mod adegwat u ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li tinbena kapaċità transfruntiera addizzjonali fil-fruntieri tal-Istati Membri kkonċernati biex titnaqqas il-konġestjoni tal-interkonnetturi.	2. It-TSOs għandhom iqiegħdu l-fondi msemmija ***fil-paragrafu*** 1 ta' dan l-Artikolu f'linja ta' kont ***interna*** separata sakemm ikunu jistgħu jintefqu għall-finanzjament ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi ***tal-Istat Membru rispettiv***, jew sakemm ikunu wrew li l-objettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 ikunu ġew issodisfati b'mod adegwat u ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li tinbena kapaċità transfruntiera addizzjonali fil-fruntieri tal-Istati Membri kkonċernati biex titnaqqas il-konġestjoni tal-interkonnetturi. ***L-introjtu mill-konġestjoni li jkun diġà twarrab fil-kont intern eżistenti għandu jitqies barra mill-kalkolu tal-livell limitu tal-Artikolu 19(1).***

Or. en

Emenda 1125
Giorgio Gori, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-TSOs għandhom iqiegħdu l-fondi msemmija fil-punt 1 ta' dan l-Artikolu	2. It-TSOs għandhom iqiegħdu l-fondi msemmija fil-punt 1 ta' dan l-Artikolu

f'linja ta' kont separata sakemm ikunu jistgħu jintefqu għall-finanzjament ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi, jew sakemm ikunu wrew li l-objettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 ikunu ġew issodisfati b'mod adegwat u ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li tinbena kapaċità transfruntiera addizzjonali fil-fruntieri tal-Istati Membri kkonċernati biex titnaqqas il-konġestjoni tal-interkonnetturi.

f'linja ta' kont ***interna*** separata sakemm ikunu jistgħu jintefqu għall-finanzjament ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi ***li jibbenefikaw direttament lill-Istat Membru fejn ikun inġabar l-introjtu mill-konġestjoni jew proġetti li jkunu jinsabu fit-territorju ta' tali Stat Membru jew li jkunu relatati direttament miegħu***, jew sakemm ikunu wrew li l-objettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 ikunu ġew issodisfati b'mod adegwat u ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li tinbena kapaċità transfruntiera addizzjonali fil-fruntieri tal-Istati Membri kkonċernati biex titnaqqas il-konġestjoni tal-interkonnetturi.

Or. en

Emenda 1126
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Tomas Tobé, Jörgen Warborn, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-TSOs għandhom iqiegħdu l-fondi msemmija fil-punt 1 ta' dan l-Artikolu f'linja ta' kont separata sakemm ikunu jistgħu jintefqu għall-finanzjament ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi, jew sakemm ikunu wrew li l-objettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 ikunu ġew issodisfati b'mod adegwat u ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li tinbena kapaċità transfruntiera addizzjonali fil-fruntieri tal-Istati Membri kkonċernati biex titnaqqas il-konġestjoni tal-interkonnetturi.	2. It-TSOs għandhom iqiegħdu l-fondi msemmija fil-punt 1 ta' dan l-Artikolu f'linja ta' kont separata sakemm ikunu jistgħu jintefqu għall-finanzjament ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi, jew sakemm ikunu wrew li l-objettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 ikunu ġew issodisfati b'mod adegwat u ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li tinbena kapaċità transfruntiera addizzjonali fil-fruntieri tal-Istati Membri kkonċernati biex titnaqqas il-konġestjoni tal-interkonnetturi. ***Il-fondi diġà allokati għal-linja ta' kont interna separata qabel id-dħul fis-seħħ ta'***

dan ir-Regolament għandhom jitqiesu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tiżgura ċertezza legali u tevita l-applikazzjoni retroattiva għal fondi diġà allokati qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Emenda 1127
Bruno Tobback

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-TSOs għandhom iqiegħdu l-fondi msemmija fil-punt 1 ta' dan l-Artikolu f'linja ta' kont separata sakemm ikunu jistgħu jintefqu għall-finanzjament ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi, jew sakemm ikunu wrew li l-objettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 ikunu ġew issodisfati b'mod adegwat u ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li tinbena kapaċità transfruntiera addizzjonali fil-fruntieri tal-Istati Membri kkonċernati biex titnaqqas il-konġestjoni tal-interkonnetturi.	2. It-TSOs għandhom iqiegħdu l-fondi msemmija fil-punt 1 ta' dan l-Artikolu f'linja ta' kont separata sakemm ikunu jistgħu jintefqu għall-finanzjament ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi ***li jibbenefikaw direttament il-livell ta' interkonnessjoni tal-elettriku tal-Istat Membru minn fejn ikun inġabar l-introjtu mill-konġestjoni***, jew sakemm ikunu wrew li l-objettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 ikunu ġew issodisfati b'mod adegwat u ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li tinbena kapaċità transfruntiera addizzjonali fil-fruntieri tal-Istati Membri kkonċernati biex titnaqqas il-konġestjoni tal-interkonnetturi.

Or. en

Emenda 1128
Letizia Moratti, Fulvio Martusciello, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-TSOs għandhom iqiegħdu l-fondi msemmija fil-punt 1 ta' dan l-Artikolu f'linja ta' kont separata sakemm ikunu jistgħu jintefqu għall-finanzjament ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi, jew sakemm ikunu wrew li l-objettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 ikunu ġew issodisfati b'mod adegwat u ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li tinbena kapaċità transfruntiera addizzjonali fil-fruntieri tal-Istati Membri kkonċernati biex titnaqqas il-konġestjoni tal-interkonnetturi.	2. ***2.*** It-TSOs għandhom iqiegħdu l-fondi msemmija fil-punt 1 ta' dan l-Artikolu f'linja ta' kont ***interna*** separata sakemm ikunu jistgħu jintefqu għall-finanzjament ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi ***tal-Istat Membru rispettiv***, jew sakemm ikunu wrew li l-objettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 ikunu ġew issodisfati b'mod adegwat u ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li tinbena kapaċità transfruntiera addizzjonali fil-fruntieri tal-Istati Membri ***rispettivi*** kkonċernati biex titnaqqas il-konġestjoni tal-interkonnetturi.

Or. en

Emenda 1129
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-TSOs għandhom iqiegħdu l-fondi msemmija fil-punt 1 ta' dan l-Artikolu f'linja ta' kont separata sakemm ikunu jistgħu jintefqu għall-finanzjament ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi, jew sakemm ikunu wrew li l-objettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 ikunu ġew issodisfati b'mod adegwat u ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li tinbena kapaċità transfruntiera addizzjonali fil-fruntieri tal-Istati Membri kkonċernati biex titnaqqas il-konġestjoni tal-interkonnetturi.	2. It-TSOs għandhom iqiegħdu l-fondi msemmija fil-punt 1 ta' dan l-Artikolu f'linja ta' kont ***interna*** separata sakemm ikunu jistgħu jintefqu għall-finanzjament ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi ***tal-Istat Membru rispettiv***, jew sakemm ikunu wrew li l-objettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 ikunu ġew issodisfati b'mod adegwat u ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li tinbena kapaċità transfruntiera addizzjonali fil-fruntieri tal-Istati Membri kkonċernati biex titnaqqas il-konġestjoni tal-interkonnetturi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-fondi delimitati għandhom jiġu allokati biss għal proġetti fl-Istat Membru rispettiv.

Emenda 1130
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***L-użu tal-fondi msemmija fil-paragrafu 1:***	3. ***Id-Drittijiet Finanzjarji ta' Trażmissjoni għandhom ikunu disponibbli fis-suq forward biex il-konsumaturi, in-negozjanti u l-ġeneraturi jkunu jistgħu jiħħeġġjaw kontra d-differenzi fil-prezzijiet bejn żoni ta' pprezzar ġirien. Dan japplika kemm għall-konfini nazzjonali tal-prezzijiet kif ukoll għaż-żoni transfruntiera.***

Or. en

Emenda 1131
Bruno Gonçalves, Nicolás González Casares, Tsvetelina Penkova

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għandu jindirizza d-diskrepanza fil-finanzjament tal-proġetti fil-lista tal-Unjoni ***li jkollhom benefiċċji sinifikanti barra mill-pajjiżi ospitanti tagħhom***, filwaqt li jitqies kif xieraq il-finanzjament mistenni mit-tariffi***;***	(a) għandu jindirizza d-diskrepanza fil-finanzjament tal-proġetti fil-lista tal-Unjoni, filwaqt li jitqies kif xieraq il-finanzjament mistenni mit-tariffi***. Għandha tingħata prijorità lil-lista ta' proġetti msemmija fl-Anness I. Jekk l-Istat Membru ma jospitax proġetti relatati mal-Anness I, jew fejn xi proġetti bħal dawn ma jippreżentawx nuqqas ta' finanzjament jew ikunu ġew konklużi, il-fondi jistgħu jintużaw biex jindirizzaw in-nuqqas ta' finanzjament ta' proġetti oħra fuq il-lista tal-Unjoni, inkluż barra mill-fruntieri ta' dan l-Istat Membru, fejn***

jibbenefika indirettament minnhom.

Or. en

Emenda 1132
Letizia Moratti, Fulvio Martusciello, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għandu jindirizza d-diskrepanza fil-finanzjament tal-proġetti fil-lista tal-Unjoni li ***jkollhom benefiċċji sinifikanti barra mill-pajjiżi ospitanti tagħhom, filwaqt li jitqies kif xieraq il-finanzjament mistenni mit-tariffi***;	(a) għandu jindirizza d-diskrepanza fil-finanzjament tal-proġetti fil-lista tal-Unjoni li ***jinsabu fl-Istat Membru fejn jinġabar id-dħul mill-konġestjoni u jiġi allokat esklużivament għal proġetti konnessi direttament mat-territorju tal-Istat Membru jew tal-Istati Membri fejn ikun ġie ġġenerat tali introjtu mill-konġestjoni***;

Or. en

Emenda 1133
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għandu jindirizza d-diskrepanza fil-finanzjament tal-proġetti fil-lista tal-Unjoni li ***jkollhom benefiċċji sinifikanti barra mill-pajjiżi ospitanti tagħhom, filwaqt li jitqies kif xieraq il-finanzjament mistenni mit-tariffi***;	(a) għandu jindirizza d-diskrepanza fil-finanzjament tal-proġetti fil-lista tal-Unjoni li ***jinsabu fl-Istat Membru fejn jinġabar id-dħul mill-konġestjoni u jintuża għal proġetti relatati direttament mat-territorju tal-Istat Membru jew tal-Istati Membri fejn ikun ġie ġġenerat l-introjtu mill-konġestjoni***;

Or. en

Emenda 1134
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għandu jindirizza d-diskrepanza fil-finanzjament tal-proġetti fil-lista tal-Unjoni li ***jkollhom benefiċċji sinifikanti barra mill-pajjiżi ospitanti tagħhom, filwaqt li jitqies kif xieraq il-finanzjament mistenni mit-tariffi***;	(a) għandu jindirizza d-diskrepanza fil-finanzjament tal-proġetti fil-lista tal-Unjoni li ***jinsabu fl-Istat Membru fejn jinġabar id-dħul mill-konġestjoni u jintuża għal proġetti relatati direttament mat-territorju tal-Istat Membru jew tal-Istati Membri fejn ikun ġie ġġenerat l-introjtu mill-konġestjoni***;

Or. en

Emenda 1135
Niels Flemming Hansen

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għandu jindirizza d-diskrepanza fil-finanzjament tal-proġetti fil-lista tal-Unjoni ***li jkollhom benefiċċji sinifikanti barra mill-pajjiżi ospitanti tagħhom, filwaqt li jitqies kif xieraq il-finanzjament mistenni mit-tariffi***;	(a) għandu jindirizza d-diskrepanza fil-finanzjament tal-proġetti fil-lista tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 1136
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) għandu jindirizza d-diskrepanza fil-finanzjament tal-proġetti fil-lista tal-Unjoni ***li jkollhom benefiċċji sinifikanti barra mill-pajjiżi ospitanti tagħhom, filwaqt li jitqies kif xieraq il-finanzjament mistenni mit-tariffi***;	(a) għandu jindirizza d-diskrepanza fil-finanzjament tal-proġetti fil-lista tal-Unjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-objettivi u r-regoli għall-allokazzjoni tal-introjtu mill-konġestjoni huma ddeterminat fl-Artikolu 19(2) sa (4) tar-Regolament (UE) 2019/943. Kwalunkwe emenda fir-rigward ta' dawk ir-regoli għandha tibqa' fl-Artikolu 19 tar-Regolament dwar l-Elettriku.

Emenda 1137
Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għandu jindirizza d-diskrepanza fil-finanzjament tal-proġetti fil-lista tal-Unjoni li jkollhom benefiċċji sinifikanti barra mill-pajjiżi ospitanti tagħhom, filwaqt li jitqies kif xieraq il-finanzjament mistenni mit-tariffi;	(a) għandu jindirizza d-diskrepanza fil-finanzjament tal-proġetti fil-lista tal-Unjoni li ***jinsabu fl-Istat Membru fejn jinġabar id-dħul mill-konġestjoni u*** li jkollhom benefiċċji sinifikanti barra mill-pajjiżi ospitanti tagħhom, filwaqt li jitqies kif xieraq il-finanzjament mistenni mit-tariffi;

Or. en

Emenda 1138
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Tomas Tobé, Jörgen Warborn, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għandu jindirizza d-diskrepanza fil-finanzjament tal-proġetti fil-lista tal-Unjoni	(a) għandu jindirizza d-diskrepanza fil-finanzjament tal-proġetti fil-lista tal-Unjoni

li ***jkollhom benefiċċji sinifikanti barra mill-pajjiżi ospitanti tagħhom***, filwaqt li jitqies kif xieraq il-finanzjament mistenni mit-tariffi;	li ***jinsabu fl-Istat Membru fejn jinġabar l-introjtu mill-konġestjoni***, filwaqt li jitqies kif xieraq il-finanzjament mistenni mit-tariffi;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-introjtu mill-konġestjoni għandu jappoġġja l-ħtiġijiet tal-infrastruttura u tas-sistema fl-Istat Membru fejn jiġi ġġenerat id-dħul mill-konġestjoni, sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-restrizzjonijiet tan-network lokali u l-ħtiġijiet ta' investiment.

Emenda 1139
Niels Flemming Hansen

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) għandu jintuża għal proġetti li jinsabu direttament fit-territorju tal-Istat Membru jew tal-Istati Membri fejn ikun ġie ġġenerat l-introjtu mill-konġestjoni;

Or. en

Emenda 1140
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) għandu jindirizza d-diskrepanza fil-finanzjament tal-proġetti li jtejbu l-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija tal-UE kollha;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proġetti li jtejbu l-flessibbiltà tas-sistema spiss jiffaċċjaw diskrepanzi kbar fil-finanzjament minkejja l-kontribut sinifikanti tagħhom għar-reżiljenza u l-effiċjenza tas-sistema.

Emenda 1141
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) għandu jkun ikkoordinat mal-Istati Membri, mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u mat-TSOs ikkonċernati fil-livell reġjonali u jiżgura l-użu f'waqtu tal-finanzjament disponibbli;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-koordinazzjoni reġjonali hija meħtieġa biex jiġi żgurat li d-dħul mill-konġestjoni jintuża b'mod effiċjenti u biex jiġu appoġġjati investimenti li jindirizzaw fil-ħin il-ħtiġijiet tas-sistema transfruntiera u fil-livell tal-kurituri.

Emenda 1142
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) għandu jkun f'waqtu;

Or. en

Emenda 1143

Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) għandu jappoġġa, fejn xieraq, il-pakketti ta' investiment reġjonali magħmula minn diversi proġetti jew miżuri li kapaċi jnaqqsu l-konġestjoni b'mod aktar effiċjenti fil-livell tal-kurituri;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ għal pakketti ta' investiment reġjonali jista' jnaqqas il-konġestjoni b'mod aktar effettiv minn miżuri iżolati tal-infrastruttura u jtejjeb l-effiċjenza ġenerali tal-investimenti fin-network.

Emenda 1144
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) għandu jintuża għal proġetti li jinsabu direttament fit-territorju tal-Istat Membru jew tal-Istati Membri fejn ikun ġie ġġenerat l-introjtu mill-konġestjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-objettivi u r-regoli għall-allokazzjoni tal-introjtu mill-konġestjoni huma ddeterminat fl-Artikolu 19(2) sa (4) tar-Regolament (UE) 2019/943. Kwalunkwe emenda fir-rigward ta' dawk ir-regoli għandha tibqa' fl-Artikolu 19 tar-Regolament dwar l-Elettriku.

Emenda 1145
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom it-TSOs jistgħu jużaw il-fondi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-kundizzjonijiet li skonthom l-objettiv tal-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 jitqies bħala ssodisfat b'mod adegwat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1146
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani, Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom it-TSOs jistgħu jużaw il-fondi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-kundizzjonijiet li skonthom l-objettiv tal-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 jitqies bħala ssodisfat b'mod adegwat.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għalhekk, ir-rikors għal Att Delegat mhuwiex neċessarju u jista' joħloq sovrappożizzjonijiet mad-dispożizzjonijiet diġà stabbiliti fir-Regolament 2019/943.

Emenda 1147
Letizia Moratti, Fulvio Martusciello, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom it-TSOs jistgħu jużaw il-fondi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-kundizzjonijiet li skonthom l-objettiv tal-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 jitqies bħala ssodisfat b'mod adegwat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1148
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23*** ta' dan ir-Regolament ***biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi*** tispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom it-TSOs jistgħu jużaw il-fondi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ***u l-kundizzjonijiet li skonthom l-objettiv tal-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 jitqies bħala***	4. ***Fi żmien [18-il xahar] wara d-dħul fis-seħħ*** ta' dan ir-Regolament***, it-TSOs, wara li jikkonsultaw mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, għandhom jissottomettu lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali proposta għal metodoloġija li*** tispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom it-TSOs jistgħu jużaw il-fondi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu***. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali***

ssodisfat b'mod adegwat.

għandhom jieħdu deċiżjoni unanima dwar il-metodoloġija proposta fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni tagħha. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jitolbu lit-TSOs biex jemendaw jew jaġġornaw il-metodoloġija msemmija fl-ewwel subparagrafu. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jieħdu deċiżjoni unanima dwar il-metodoloġija emendata jew aġġornata mhux aktar tard minn tliet xhur wara s-sottomissjoni tagħha. Meta l-awtoritajiet regolatorji ma jkunux jistgħu jilħqu deċiżjoni unanima dwar il-proposta f'dak il-perjodu ta' żmien, l-ACER għandha tiddeċiedi dwar il-metodoloġija fi żmien tliet xhur oħra.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi approċċ alternattiv li taħtu t-TSOs iħejju metodoloġija dwar kif jistgħu jintużaw il-kirjiet tal-konġestjoni, wara li jikkonsultaw mal-partijiet ikkonċernati. Il-metodoloġija trid tiġi approvata mir-regolaturi nazzjonali, filwaqt li l-ACER tieħu d-deċiżjoni biss jekk ir-regolaturi ma jkunux jistgħu jaqblu. Dan l-approċċ huwa propost bħala alternattiva għal att delegat, li jfisser li l-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-metodoloġija permezz ta' att delegat.

Emenda 1149
Niels Flemming Hansen

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23*** ta' dan ir-Regolament ***biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi*** tispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom it-TSOs jistgħu jużaw il-fondi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ***u l-kundizzjonijiet li skonthom l-objettiv tal-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 jitqies bħala ssodisfat b'mod adegwat***.	4. ***Fi żmien [18-il xahar] wara d-dħul fis-seħħ*** ta' dan ir-Regolament***, it-TSOs, wara li jikkonsultaw mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, għandhom jissottomettu lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali proposta għal metodoloġija li*** tispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom it-TSOs jistgħu jużaw il-fondi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu***. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jieħdu deċiżjoni unanima***

dwar il-metodoloġija proposta fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni tagħha. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jitolbu lit-TSOs biex jemendaw jew jaġġornaw il-metodoloġija msemmija fl-ewwel subparagrafu. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jieħdu deċiżjoni unanima dwar il-metodoloġija emendata jew aġġornata mhux aktar tard minn tliet xhur wara s-sottomissjoni tagħha. Meta l-awtoritajiet regolatorji ma jkunux jistgħu jilħqu deċiżjoni unanima dwar il-proposta f'dak il-perjodu ta' żmien, l-ACER għandha tiddeċiedi dwar il-metodoloġija fi żmien tliet xhur oħra.

Or. en

Emenda 1150
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom it-TSOs jistgħu jużaw il-fondi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-kundizzjonijiet li skonthom l-objettiv tal-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 jitqies bħala ssodisfat b'mod adegwat.***	4. ***L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) għandha tiżviluppa linji gwida għall-ħruġ u n-negozjar armonizzati ta' Drittijiet Finanzjarji ta' Trażmissjoni fl-Unjoni, sal-31 ta' Diċembru 2027, sabiex tippromwovi integrazzjoni effiċjenti tas-suq u ttaffi l-volatilità tal-prezzijiet.***

Or. en

Emenda 1151
Letizia Moratti, Fulvio Martusciello, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fi żmien [6 xhur] wara d-dħul fis-seħħ ***tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 4***, l-Aġenzija għandha ***taġġorna l-metodoloġija*** dwar l-użu tad-dħul mill-kongestjoni skont l-Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) 2019/943. Il-metodoloġija aġġornata għandha tkun konsistenti mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu u ***mal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 4*** ta' dan l-Artikolu***.***	5. Fi żmien [6 xhur] wara d-dħul fis-seħħ ***ta' dan ir-Regolament***, l-Aġenzija għandha ***titlob lit-TSOs jaġġornaw il-metodoloġija*** dwar l-użu tad-dħul mill-kongestjoni skont l-Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) 2019/943. Il-metodoloġija aġġornata għandha tkun konsistenti mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu u ***għandha tispeċifika wkoll il-kundizzjonijiet li taħthom it-TSOs jistgħu jużaw il-fondi msemmija fil-paragrafu 1*** ta' dan l-Artikolu***;***

Or. en

Emenda 1152
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fi żmien [6 xhur] wara d-dħul fis-seħħ ***tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 4***, l-Aġenzija għandha ***taġġorna l-metodoloġija*** dwar l-użu tad-dħul mill-kongestjoni skont l-Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) 2019/943. Il-metodoloġija aġġornata għandha tkun konsistenti mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu u mal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu***.***	5. Fi żmien [6 xhur] wara d-dħul fis-seħħ ***ta' dan ir-Regolament***, l-Aġenzija għandha ***titlob lit-TSOs jaġġornaw il-metodoloġija*** dwar l-użu tad-dħul mill-kongestjoni skont l-Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) 2019/943. Il-metodoloġija aġġornata għandha tkun konsistenti mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu u mal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu ***u għandha tispeċifika wkoll:***

Or. en

Emenda 1153
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fi żmien [6 xhur] wara d-dħul fis-seħħ ***tal-atti delegati*** msemmija fil-paragrafu 4, l-Aġenzija għandha ***taġġorna l-metodoloġija*** dwar l-użu tad-dħul mill-konġestjoni skont l-Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) 2019/943. Il-metodoloġija aġġornata għandha tkun konsistenti mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu u mal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.	5. Fi żmien [6 xhur] wara d-dħul fis-seħħ ***tal-metodoloġija*** msemmija fil-paragrafu 4, l-Aġenzija għandha ***titlob lit-TSOs jaġġornaw il-metodoloġija*** dwar l-użu tad-dħul mill-konġestjoni skont l-Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) 2019/943. Il-metodoloġija aġġornata għandha tkun konsistenti mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu u mal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda proposta hija konsistenti mal-proposta skont l-Artikolu 19(4).

Emenda 1154
Niels Flemming Hansen

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fi żmien [6 xhur] wara d-dħul fis-seħħ ***tal-atti delegati*** msemmija fil-paragrafu 4, l-Aġenzija għandha ***taġġorna*** l-metodoloġija dwar l-użu tad-dħul mill-konġestjoni skont l-Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) 2019/943. Il-metodoloġija aġġornata għandha tkun konsistenti mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu u mal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.	5. Fi żmien [6 xhur] wara d-dħul fis-seħħ ***tal-metodoloġija*** msemmija fil-paragrafu 4, l-Aġenzija għandha ***titlob lit-TSOs jaġġornaw il-metodoloġija*** dwar l-użu tad-dħul mill-konġestjoni skont l-Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) 2019/943. Il-metodoloġija aġġornata għandha tkun konsistenti mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu u mal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 1155
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fi żmien [6 xhur] wara d-dħul fis-seħħ ***tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 4***, l-Aġenzija għandha ***taġġorna l-metodoloġija*** dwar l-użu tad-dħul mill-konġestjoni skont l-Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) 2019/943. Il-metodoloġija aġġornata għandha tkun konsistenti mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu u mal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.	5. Fi żmien [6 xhur] wara d-dħul fis-seħħ ***ta' dan ir-Regolament***, l-Aġenzija għandha ***titlob lit-TSOs jaġġornaw il-metodoloġija*** dwar l-użu tad-dħul mill-konġestjoni skont l-Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) 2019/943. Il-metodoloġija aġġornata għandha tkun konsistenti mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu u mal-atti delegati adottati skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 1156
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 5 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) il-kundizzjonijiet li taħthom it-TSOs jistgħu jużaw il-fondi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

Or. en

Emenda 1157
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Sal-31 ta' Ottubru [sena wara s-

sena tad-dħul fis-seħħ], u kull sena wara dan, l-Aġenzija għandha tippubblika u tippreżenta lill-Kummissjoni rapport li jivvaluta l-użu tal-introjtu mill-konġestjoni u t-twettiq tal-objettivi prijoritarji stabbiliti fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2019/943, u tinkludi rakkomandazzjonijiet biex jiġi żgurat li l-introjtu mill-konġenstjoni jintuża f'konformità mal-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) 2019/943. L-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali, l-ENTSO għall-Elettriku, u l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom jipprovdu lill-Aġenzija l-informazzjoni meħtieġa għall-fini tat-twettiq tal-kompitu tagħha skont dan l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Monitoraġġ effettiv huwa essenzjali biex jiġu żgurati trasparenza u effettività fl-użu tal-introjtu mill-konġestjoni.

Emenda 1158
Bruno Tobback, Nicolás González Casares, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Sa [sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ] tar-Regolament u kull sena wara dan, l-ACER għandha tippubblika l-ammont totali tal-introjtu mill-konġestjoni, kif qed jintuża minn kull Stat Membru skont l-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943, u l-ammont totali tal-introjtu mill-konġestjoni mhux minfuq akkumulat minn kull Stat Membru u TSO. L-Istati Membri u t-TSOs għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-ACER fil-ħin biex din tkun tista' tippubblikaha.

Or. en

Emenda 1159
Tomas Tobé, Jörgen Warborn

Proposta għal regolament
Artikolu 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 19a
	1. L-Istati Membri jistgħu jużaw il-kirjiet tal-konġestjoni mhux minfuqa biex jiggarantixxu d-disponibbiltà effettiva tal-kapaċità allokata skont l-Artikolu 19(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2019/943, għal investimenti fin-network fi proġetti fil-lista tal-Unjoni rilevanti għat-tnaqqis tal-konġestjoni tal-interkonnetturi skont l-Artikolu 19(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/943 u bħala kumpens lill-operaturi tal-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fuq il-baħar skont l-Artikolu 19(2), il-punt (c), jew biex jiffinanzjaw il-ġenerazzjoni tal-elettriku mhux fossili skont l-Artikolu 19(1a) ta' dan ir-Regolament, biex jiffinanzjaw miżuri b'appoġġ għall-klijenti finali tal-elettriku. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali miżuri b'appoġġ għall-klijenti finali tal-elettriku jtaffu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-elettriku fuq dawk il-klijenti, b'mod immirat.
	2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu definiti b'mod ċar, trasparenti, proporzjonati, nondiskriminatorji u verifikabbli.

Or. en

Emenda 1160
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-każ ta' deċiżjoni li jingħataw l-inċentivi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom iqisu r-riżultati tal-analiżi tal-kostbenefiċċji b'mod konsistenti mal-metodoloġija mfassla skont l-Artikolu 14 u b'mod partikolari l-esternalitajiet pożittivi reġjonali jew għall-Unjoni kollha ġġenerati mill-proġett. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom janalizzaw ukoll ir-riskji speċifiċi mġarrba mill-promoturi tal-proġett, il-mižuri ta' mitigazzjoni tar-riskju meħuda u r-raġunijiet għall-profil tar-riskju fid-dawl tal-impatt pożittiv nett ipprovdut mill-proġett, meta mqabbel ma' alternattiva b'riskju aktar baxx. Ir-riskji eliġibbli għandhom jinkludu b'mod partikolari r-riskji relatati ma' teknoloġiji ġodda tat-trażmissjoni, kemm fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar, riskji relatati mal-irkupru insuffiċjenti tal-kostijiet u r-riskji tal-iżvilupp.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1161
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-każ ta' deċiżjoni li jingħataw l-inċentivi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom iqisu r-riżultati tal-analiżi tal-kostbenefiċċji b'mod konsistenti mal-metodoloġija mfassla skont l-Artikolu 14 u b'mod partikolari l-esternalitajiet	2. Fil-każ ta' deċiżjoni li jingħataw l-inċentivi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom iqisu r-riżultati tal-analiżi tal-kostbenefiċċji b'mod konsistenti mal-metodoloġija mfassla skont l-Artikolu 14 u b'mod partikolari l-esternalitajiet

pożittivi reġjonali jew għall-Unjoni kollha ġġenerati mill-proġett. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom janalizzaw ukoll ir-riskji speċifiċi mġarrba mill-promoturi tal-proġett, il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju meħuda u r-raġunijiet għall-profil tar-riskju fid-dawl tal-impatt pożittiv nett ipprovdut mill-proġett, meta mqabbel ma' alternattiva b'riskju aktar baxx. Ir-riskji eliġibbli għandhom jinkludu b'mod partikolari r-riskji relatati ma' teknoloġiji ġodda tat-trażmissjoni, kemm fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar, riskji relatati mal-irkupru insuffiċjenti tal-kostijiet u r-riskji tal-iżvilupp.	pożittivi reġjonali jew għall-Unjoni kollha ġġenerati mill-proġett. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom janalizzaw ukoll ir-riskji speċifiċi mġarrba mill-promoturi tal-proġett, il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju meħuda u r-raġunijiet għall-profil tar-riskju fid-dawl tal-impatt pożittiv nett ipprovdut mill-proġett, meta mqabbel ma' alternattiva b'riskju aktar baxx. ***L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom japplikaw ukoll il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" f'konformità mal-Artikolu 27 tad-Direttiva (UE) 2023/1781.*** Ir-riskji eliġibbli għandhom jinkludu b'mod partikolari r-riskji relatati ma' teknoloġiji ġodda tat-trażmissjoni, kemm fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar, riskji relatati mal-irkupru insuffiċjenti tal-kostijiet u r-riskji tal-iżvilupp.

Or. en

Emenda 1162
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) investimenti li għandhom l-għan li jtejbu r-reżiljenza għall-klima tan-networks tal-elettriku, inkluż permezz ta' miżuri predittivi, preventivi u antiċipatorji kontra r-riskji relatati mal-klima, meta tali investimenti jkunu appoġġati minn valutazzjonijiet tar-riskju li jħarsu 'l quddiem u meta l-benefiċċji ewlenin ikunu mistennija li jimmaterjalizzaw permezz tal-evitar jew it-tnaqqis ta' interruzzjonijiet fis-sistema, ħsara fl-infrastruttura jew kostijiet soċjetali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

In-networks tal-elettriku qegħdin ikunu dejjem aktar esposti għar-riskji relatati mal-klima. L-investimenti li jtejbu r-reżiljenza għall-klima huma meħtieġa biex inaqqsu l-interruzzjonijiet fis-sistema, il-ħsara fl-infrastruttura u l-kostijiet ekonomiċi u soċjetali relatati.

Emenda 1163
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) investimenti mmirati lejn l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluż permezz tal-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura;

Or. en

Emenda 1164
Bruno Tobback

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Meta promotur ta' proġett iġarrab kostijiet assoċjati mal-implimentazzjoni ta' proġett ta' interess komuni jew ta' parti minnu li tinvolvi soluzzjonijiet diġitali jew mingħajr fili, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jiżviluppaw u jipprovdu metodoloġija ta' kumpens xierqa għal dawn l-investimenti mit-TSOs fl-istess skedi ta' żmien stabbiliti għall-investimenti assoċjati ma' investimenti f'infrastruttura fiżika.

Or. en

Emenda 1165
Hanna Gedin, Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 20a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20a
	Mekkaniżmi ta' stabbilizzazzjoni tal-prezzijiet domestiċi
	1. Meta l-ikkummissjonar, l-espansjoni jew iż-żieda fl-użu ta' interkonnetturi jew infrastruttura oħra ta' trażmissjoni transfruntiera tirriżulta f'żieda fil-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa jew bl-imnut jew fi prezzijiet volatili fit-territorju ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru jista' jintroduċi mekkaniżmi ta' stabbilizzazzjoni tal-prezzijiet domestiċi għall-elettriku fornut lill-klijenti finali.
	2. Il-mekkaniżmi adottati skont il-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw ma' dawn il-kundizzjonijiet:
	(a) ma għandhomx inaqqsu, jillimitaw jew b'xi mod ieħor ifixklu d-disponibbiltà tal-kapaċità ta' trażmissjoni transfruntiera;
	(b) ma għandhomx ibiddlu l-formazzjoni tal-prezzijiet fis-swieq tal-ġurnata bil-quddiem, tal-istess ġurnata, tal-ibbilanċjar għall-elettriku esportat lejn Stati Membri oħrajn;
	(c) għandhom jiżguraw li l-elettriku maħsub għall-esportazzjoni jkompli jiġi nnegozjat esklużivament bi prezzijiet ibbażati fuq is-suq;
	(d) għandhom ikunu proporzjonati, trasparenti u limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ biex jiġi indirizzat l-impatt tal-prezz identifikat;
	(e) għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni u lill-ACER qabel ma jiġu implimentati.
	3. L-applikazzjoni ta' mekkaniżmi skont dan l-Artikolu la għandha taffettwa l-

kalkolu jew l-allokazzjoni tal-introjtu mill-konġestjoni, u lanqas it-tħaddim ta' akkoppjament tas-swieq jew proċeduri ta' allokazzjoni tal-kapaċità.

4. L-ACER għandha tivvaluta, fuq bażi annwali, sa liema punt iż-żieda fil-kapaċità tal-interkonnetturi, l-infrastruttura ta' trażmissjoni transfruntiera jew il-flussi tal-esportazzjoni jikkontribwixxu għall-iżviluppi fil-prezzijiet domestiċi tal-elettriku fl-Istati Membri.

Or. en

Emenda 1166
Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Kapitolu VII – titolu

Test propost mill-Kummissjoni		*Emenda*	
VII	Finanzjament	VII	Finanzjament ***u tnaqqis tar-riskji***

Or. en

Emenda 1167
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Kapitolu VII – titolu

Test propost mill-Kummissjoni		*Emenda*	
VII	Finanzjament	VII	Finanzjament ***u tnaqqis tar-riskji***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mekkaniżmu effettiv ta' tnaqqis tar-riskji fil-livell tal-UE huwa kruċjali biex jiġi sfruttat il-finanzjament għall-infrastruttura transfruntiera, u b'hekk l-investimenti jsiru aktar attraenti u

tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni tal-enerġija. Peress li jindirizza r-riskji li altrimenti jdewmu jew jiskoraġġixxu l-investiment, tali mekkaniżmu jsaħħaħ l-integrazzjoni tas-suq u jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-klima u l-enerġija tal-UE. Dan huwa partikolarment importanti għall-infrastruttura transfruntiera, li għandha rwol ewlieni fl-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, fit-titjib tar-reżiljenza tas-sistema, u fl-iżgurar tas-sigurtà tal-enerġija.

Emenda 1168
Aura Salla

Proposta għal regolament
Kapitolu VII – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
VII Finanzjament	VII Finanzjament ***u tnaqqis tar-riskji***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea nnutat fil-Pakkett dwar il-Grilji tagħha li l-iskala tal-ħtiġijiet ta' investiment tal-Ewropa fis-sistema tal-enerġija tirrikjedi rwol aktar b'saħħtu tal-baġit tal-UE fit-tnaqqis tar-riskju tal-investiment privat u fl-isfruttament tal-kapital istituzzjonali.

Emenda 1169
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti ***fl-Artikolu 27 u*** fl-Anness II għandhom ikunu eliġibbli għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni fil-forma ta' għotjiet għal studji u strumenti finanzjarji.	1. Il-proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fl-Anness II għandhom ikunu eliġibbli għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni fil-forma ta' għotjiet għal studji u strumenti finanzjarji.

Or. en

Emenda 1170

Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-infrastrutturi nukleari kif ukoll l-infrastrutturi ta' konnessjoni assoċjati huma wkoll eliġibbli għal għajnuna finanzjarja tal-Unjoni fil-forma ta' sussidji meta dawn jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista, l-istabbiltà u r-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija Ewropea, id-dekarbonizzazzjoni u prezzijiet tal-enerġija affordabbli.

Or. fr

Emenda 1171
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fl-Artikolu 27 u fil-punti (1)(a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) u ***fil-punt (2)*** tal-Anness II u taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, għandhom ukoll ikunu eliġibbli għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni fil-forma ta' għotjiet għal xogħlijiet meta jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:	2. Il-proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fl-Artikolu 27 u fil-punti (1)(a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) u ***fil-punti (2) u (6)*** tal-Anness II u taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, għandhom ukoll ikunu eliġibbli għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni fil-forma ta' għotjiet għal xogħlijiet meta jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa propost li tiżdied soluzzjoni ta' garanzija tal-UE bħala mekkaniżmu effettiv għat-tnaqqis tar-riskju fil-livell tal-UE biex jiġi sfruttat il-finanzjament għal infrastruttura transfruntiera ddedikata. Tali garanzija tal-UE tista' tkun imfassla fil-forma ta' pagamenti

appoġġjati minn garanzija tal-UE li tippermetti lill-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni tal-idroġenu jagħlqu d-distakk bejn id-dħul permess u dak effettiv filwaqt li tiffaċilita tariffi tan-network mhux projbittivi. Il-pagamenti garantiti jkunu simili għal Allokazzjoni Intertemporali nazzjonali tal-Kostijiet u Garanzija mill-Istat iżda operati fil-livell tal-UE.

Emenda 1172
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti ***fl-Artikolu 27 u*** fil-punti (1)(a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) ***u fil-punt (2)*** tal-Anness II u taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, għandhom ukoll ikunu eliġibbli għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni fil-forma ta' għotjiet għal xogħlijiet meta jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:	2. Il-proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punti (1)(a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) tal-Anness II u taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, għandhom ukoll ikunu eliġibbli għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni fil-forma ta' għotjiet għal xogħlijiet meta jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meta jitqiesu kif xieraq is-sitwazzjoni ġeopolitika u l-ħtieġa li tiġi aċċelerata l-elettrifikazzjoni għal ekonomija tal-UE bbażata fuq effiċjenza għolja u kompletament rinnovabbli, huwa propost li l-fergħa tal-enerġija tal-FNE tiffoka biss fuq l-infrastruttura tal-elettriku. Il-baġit tal-FNE Enerġija huwa limitat, u għalhekk l-Unjoni għandha tagħmel l-aħjar użu minnu billi tinvesti fil-modernizzazzjoni, l-interkonnessjoni u r-reżiljenza tal-infrastruttura tal-elettriku transfruntiera tagħna, kif ukoll f'infrastruttura tal-elettriku ġdida meta jkun meħtieġ.

Emenda 1173
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura	2. Il-proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura

tal-enerġija stabbiliti fl-Artikolu 27 u fil-punti (1)(a), ***(b),*** (c), (d), (e), (f) ***u (h)*** u fil-punt (2) tal-Anness II u taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, għandhom ukoll ikunu eliġibbli għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni fil-forma ta' għotjiet għal xogħlijiet meta jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:	tal-enerġija stabbiliti fl-Artikolu 27 u fil-punti (1)(a), (c), (d), (e), ***u*** (f) u fil-punt (2) tal-Anness II u taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, għandhom ukoll ikunu eliġibbli għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni fil-forma ta' għotjiet għal xogħlijiet meta jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:

Or. fr

Emenda 1174
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-analiżi tal-kostbenefiċċji speċifika għall-proġett imfassla skont l-Artikolu 17(4), il-punt (a), tipprovdi evidenza dwar l-eżistenza ta' esternalitajiet pożittivi sinifikanti, bħas-sigurtà tal-provvista, il-flessibbiltà tas-sistema, is-solidarjetà jew l-innovazzjoni;	(a) l-analiżi tal-kostbenefiċċji speċifika għall-proġett imfassla skont l-Artikolu 17(4), il-punt (a), tipprovdi evidenza dwar l-eżistenza ta' esternalitajiet pożittivi sinifikanti, bħas-sigurtà tal-provvista, il-flessibbiltà tas-sistema, is-solidarjetà jew l-innovazzjoni; ***soġġett għad-dispożizzjonijiet 2a hawn taħt u l-eċċezzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 17 (17 ġdid);***

Or. en

Ġustifikazzjoni

soġġett għad-dispożizzjonijiet 2a hawn taħt u l-eċċezzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 17(17);

Emenda 1175
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(aa) Il-proġetti ta' interess komuni u reċiproku li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punt (2) tal-Anness II jistgħu japplikaw għal appoġġ finanzjarju minn fondi magħżula tal-UE u garantiti b'garanzija Ewropea. Fi żmien [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' tnaqqis tar-riskji u ta' finanzjament fil-livell tal-UE għall-infrastruttura transfruntiera tat-trasport tal-idroġenu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The proposal requires the Commission to adopt an implementing act detailing the EU guarantee set-up. Such act shall provide all necessary mandates, provide integration with existing regulation and funding frameworks, setting the budgetary envelope of the instrument and specifying the eligibility criteria and the conditions for the participation of hydrogen infrastructure projects in the EU level de-risking mechanisms. These mechanims could be designed in the form of payments supported by an EU guarantee that allow HTNOs to close the gap between allowed and actual revenues.The guarantee should also be accessible in a consistent manner to PCI or PMI projects, independently from their bundling and the application of ICA at cross-border level.

Emenda 1176
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) Deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet adottata b'mod konġunt mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kompetenti, jew, fejn rilevanti, mill-Aġenzija f'konformità mal-Artikolu 17, għandha tikkostitwixxi evidenza suffiċjenti ta' konformità mar-rekwiżiti dwar ir-rilevanza transfruntiera u l-qsim tal-kostijiet u l-benefiċċji msemmija fil-

paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li tibqa' soġġetta għat-twettiq tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà li jifdal.

Or. en

Emenda 1177
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-proġett ikun irċieva deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont l-Artikolu 17;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1178
András Gyürk, Jorge Martín Frías, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-proġett ikun irċieva deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont l-Artikolu ***17***;	(b) il-proġett ikun irċieva deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont l-Artikolu ***16 jew, fir-rigward ta' proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategorija tal-infrastruttura tal-enerġija stabbilita fil-punt (3) tal-Anness II, meta ma jaqgħux taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, u, għalhekk, ma jirċevux deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet, il-proġett ikollu l-għan li jipprovdi servizzi b'mod transfruntier, iġib l-innovazzjoni teknoloġika u jiżgura s-sikurezza tal-operat transfruntier tal-grilja***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-deċiżjonijiet dwar is-CBCA jirrappreżentaw ostaklu amministrattiv sinifikanti, kostijiet u rekwiżit ta' ħin addizzjonali. Għal din ir-raġuni, għandhom jinżammu d-dispożizzjonijiet korrispondenti tar-Regolament TEN-E attwali.

Emenda 1179
Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-proġett ikun irċieva deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont l-Artikolu 17;	(b) il-proġett ikun irċieva deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont l-Artikolu 17***, soġġett għad-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2a ta' dan l-Artikolu u l-eċċezzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 17(16a)***;

Or. en

Emenda 1180
Aura Salla

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-proġett ikun irċieva deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont l-Artikolu 17;	(b) il-proġett ikun irċieva deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont l-Artikolu 17***, soġġett għad-dispożizzjonijiet 2a u l-eċċezzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 17(17)***;

Or. en

Emenda 1181
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-proġett ikun irċieva deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont l-Artikolu 17;	(b) il-proġett ikun irċieva deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont l-Artikolu 17***, soġġett għall-eċċezzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 17(17)***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-konsistenza mal-Artikolu 17(17) il-ġdid li jeskludi l-istadju tas-CBCA għal proġetti li jipprovdu benefiċċji netti lis-sistemi nazzjonali kollha affettwati jew f'każ li l-promoturi tal-proġetti tal-infrastruttura tal-idroġenu jaqblu li jaqbżu t-talba ta' CBCA.

Emenda 1182
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-proġett ikun irċieva deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont l-Artikolu 17;	(b) il-proġett ikun irċieva deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont l-Artikolu 17***, soġġett għad-dispożizzjonijiet 2a u 2b hawn taħt u l-eċċezzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 17(17)***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa propost li tiżdied soluzzjoni ta' garanzija tal-UE bħala mekkaniżmu effettiv għat-tnaqqis tar-riskju fil-livell tal-UE biex jiġi sfruttat il-finanzjament għal infrastruttura transfruntiera ddedikata. Tali garanzija tal-UE tista' tkun imfassla fil-forma ta' pagamenti appoġġjati minn garanzija tal-UE li tippermetti lill-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni tal-idroġenu jagħlqu d-distakk bejn id-dħul permess u dak effettiv filwaqt li tiffaċilita tariffi tan-network mhux projbittivi. Il-pagamenti garantiti jkunu simili għal Allokazzjoni Intertemporali nazzjonali tal-Kostijiet u Garanzija mill-Istat iżda operati fil-livell tal-UE.

Emenda 1183
Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-proġett ikun irċieva deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont l-Artikolu 17;	(b) il-proġett ikun irċieva deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont l-Artikolu 17***, soġġett għad-dispożizzjonijiet 2a hawn taħt u l-eċċezzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 17(17)***;

Or. en

Emenda 1184
Virgil-Daniel Popescu, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Il-proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punt (2) tal-Anness II jistgħu japplikaw għal appoġġ finanzjarju minn fondi magħżula tal-Unjoni u garantiti b'garanzija tal-UE. Fi żmien ... [12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' tnaqqis tar-riskji u ta' finanzjament fil-livell tal-Unjoni għall-infrastruttura transfruntiera tat-trasport tal-idroġenu. Tali att għandu jistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa ta' governanza, finanzjament u implimentazzjoni, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-pakkett baġitarju tal-istrument, u jispeċifika l-kriterji ta' eliġibbiltà u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ta' proġetti tal-

infrastruttura tal-idroġenu fil-mekkaniżmu għat-tnaqqis tar-riskji fil-livell tal-Unjoni. L-att ta' implimentazzjoni għandu jiżgura approċċ nondiskriminatorju lejn proġetti tal-infrastruttura tal-idroġenu transfruntiera eliġibbli. L-att ta' implimentazzjoni għandu jitħejja f'konsultazzjoni mal-ENNOH u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra qabel l-adozzjoni tiegħu. Ir-rekwiżit speċifikat fil-paragrafu 2, il-punt (b), ma għandux jikkostitwixxi prerekwiżit għal proġetti li japplikaw għall-mekkaniżmu ta' tnaqqis tar-riskji appoġġat minn garanzija tal-UE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proġetti tal-infrastruttura tal-idroġenu transfruntiera bħalissa qed jiffaċċjaw inċertezza sinifikanti fl-investiment u aċċess limitat għall-finanzjament. Għalhekk huwa meħtieġ mekkaniżmu ta' garanzija ddedikat fil-livell tal-Unjoni biex jitnaqqas ir-riskju, jiġu ffaċilitati d-deċiżjonijiet ta' investiment u jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' network Ewropew integrat tal-idroġenu.

Emenda 1185
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-proġett ma jistax jiġi ffinanzjat mis-suq jew permezz tal-qafas regolatorju f'konformità mal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju u valutazzjonijiet oħra, b'mod partikolari dawk imwettqa minn investituri potenzjali, krediturijew l-awtorità regolatorja nazzjonali, b'kont meħud ta' kwalunkwe deċiżjoni dwar inċentivi u r-raġunijiet tagħha msemmija fl-Artikolu 20(2) meta tiġi vvalutata l-ħtieġa tal-proġett ta' assistenza finanzjarja mill-Unjoni.	(c) il-proġett ma jistax jiġi ffinanzjat mis-suq jew permezz tal-qafas regolatorju f'konformità mal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju u valutazzjonijiet oħra, b'mod partikolari dawk imwettqa minn investituri potenzjali, krediturijew l-awtorità regolatorja nazzjonali, ***jew il-proġett jirrikjedi l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni sabiex jitnaqqas ir-riskju tal-investiment jew biex jitnaqqas il-piż ġenerali tal-kostijiet fuq il-konsumaturi,*** b'kont meħud ta' kwalunkwe deċiżjoni dwar inċentivi u r-raġunijiet tagħha

msemmija fl-Artikolu 20(2) meta tiġi vvalutata l-ħtieġa tal-proġett ta' assistenza finanzjarja mill-Unjoni.

Or. en

Emenda 1186
Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punt (2) tal-Anness II jistgħu japplikaw għal appoġġ finanzjarju minn fondi magħżula tal-UE u garantiti b'garanzija Ewropea. Fi żmien [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' tnaqqis tar-riskji u ta' finanzjament fil-livell tal-UE għall-infrastruttura transfruntiera tat-trasport tal-idroġenu. Tali att għandu jipprovdi l-mandati kollha meħtieġa, jipprovdi integrazzjoni mar-regolamentazzjoni u l-oqfsa ta' finanzjament eżistenti, jistabbilixxi l-pakkett baġitarju tal-istrument u jispeċifika l-kriterji ta' eliġibbiltà u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ta' proġetti tal-infrastruttura tal-idroġenu fil-mekkaniżmu għat-tnaqqis tar-riskji fil-livell tal-UE.
	L-att ta' implimentazzjoni għandu japplika bl-istess mod għall-proġetti transfruntieri kollha tal-infrastruttura tal-idroġenu, kif speċifikat fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu 2a, biex jiġi ggarantit approċċ nondiskriminatorju lejn l-operaturi tan-networks f'termini tal-esponiment għar-riskju relatat mal-investimenti transfruntieri tagħhom fl-

infrastruttura tal-idroġenu.

L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi kkonsultat mal-ENNOH u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra qabel l-adozzjoni tiegħu. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe dubju, il-kriterju speċifikat fil-paragrafu 2(b) ta' dan l-Artikolu 21, ma għandux għalfejn jiġi ssodisfat biex il-proġett rispettiv ikun jista' japplika għal mekkaniżmu ta' tnaqqis tar-riskji fil-livell tal-UE appoġġat minn garanzija tal-UE skont ir-regolament ta' implimentazzjoni.

Or. en

Emenda 1187
Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punt (2) tal-Anness II jistgħu japplikaw għal appoġġ finanzjarju minn fondi magħżula tal-UE u garantiti b'garanzija Ewropea. Fi żmien [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' tnaqqis tar-riskji u ta' finanzjament fil-livell tal-UE għall-infrastruttura transfruntiera tat-trasport tal-idroġenu. Tali att għandu jipprovdi l-mandati kollha meħtieġa, jipprovdi integrazzjoni mar-regolamentazzjoni u l-oqfsa ta' finanzjament eżistenti, jistabbilixxi l-pakkett baġitarju tal-istrument u jispeċifika l-kriterji ta' eliġibbiltà u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ta' proġetti tal-infrastruttura tal-idroġenu fil-mekkaniżmu għat-tnaqqis tar-riskji fil-livell tal-UE.

L-att ta' implimentazzjoni għandu japplika bl-istess mod għall-proġetti transfruntieri kollha tal-infrastruttura tal-idroġenu, kif speċifikat fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu 2a, biex jiġi ggarantit approċċ nondiskriminatorju lejn l-operaturi tan-networks f'termini tal-esponiment għar-riskju relatat mal-investimenti transfruntieri tagħhom fl-infrastruttura tal-idroġenu.

L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi kkonsultat mal-ENNOH u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra qabel l-adozzjoni tiegħu. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe dubju, il-kriterju speċifikat fil-paragrafu 2(b) ta' dan l-Artikolu 21, ma għandux għalfejn jiġi ssodisfat biex il-proġett rispettiv ikun jista' japplika għal mekkaniżmu ta' tnaqqis tar-riskji fil-livell tal-UE appoġġat minn garanzija tal-UE skont ir-regolament ta' implimentazzjoni.

Or. en

Emenda 1188
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punt (2) tal-Anness II jistgħu japplikaw għal appoġġ finanzjarju minn fondi magħżula tal-UE u garantiti b'garanzija Ewropea. Fi żmien [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' tnaqqis tar-riskji u ta' finanzjament fil-livell tal-UE għall-infrastruttura transfruntiera tat-trasport tal-idroġenu. Tali att għandu jipprovdi l-mandati kollha

meħtieġa, jipprovdi integrazzjoni mar-regolamentazzjoni u l-oqfsa ta' finanzjament eżistenti bħal InvestEU, jistabbilixxi l-pakkett baġitarju tal-istrument u jispeċifika l-kriterji ta' eliġibbiltà u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ta' proġetti tal-infrastruttura tal-idroġenu fil-mekkaniżmu għat-tnaqqis tar-riskji fil-livell tal-UE. L-att ta' implimentazzjoni għandu japplika bl-istess mod għall-proġetti transfruntieri kollha tal-infrastruttura tal-idroġenu, kif speċifikat fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu 2a, biex jiġi ggarantit approċċ nondiskriminatorju lejn l-operaturi tan-networks f'termini tal-esponiment għar-riskju relatat mal-investimenti transfruntieri tagħhom fl-infrastruttura tal-idroġenu. L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi kkonsultat mal-ENNOH. L-ACER u partijiet ikkonċernati oħrajn rilevanti qabel l-adozzjoni tiegħu. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe dubju, il-kriterju speċifikat fil-paragrafu 2(b) ta' dan l-Artikolu 21, ma għandux għalfejn jiġi ssodisfat biex il-proġett rispettiv ikun jista' japplika għal mekkaniżmu ta' tnaqqis tar-riskji fil-livell tal-UE appoġġat minn garanzija tal-UE skont ir-regolament ta' implimentazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Soluzzjoni ta' garanzija tal-UE bħala mekkaniżmu effettiv għat-tnaqqis tar-riskju fil-livell tal-UE biex jiġi sfruttat il-finanzjament għal infrastruttura transfruntiera ddedikata.

Emenda 1189
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punt (2) tal-Anness II jistgħu japplikaw għal appoġġ finanzjarju minn fondi magħżula tal-UE u garantiti b'garanzija Ewropea. Fi żmien [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' tnaqqis tar-riskji u ta' finanzjament fil-livell tal-UE għall-infrastruttura transfruntiera tat-trasport tal-idroġenu. Tali att għandu jipprovdi l-mandati kollha meħtieġa, jipprovdi integrazzjoni mar-regolamentazzjoni u l-oqfsa ta' finanzjament eżistenti, jistabbilixxi l-pakkett baġitarju tal-istrument u jispeċifika l-kriterji ta' eliġibbiltà u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ta' proġetti tal-infrastruttura tal-idroġenu fil-mekkaniżmu għat-tnaqqis tar-riskji fil-livell tal-UE. L-att ta' implimentazzjoni għandu japplika bl-istess mod għall-proġetti transfruntieri kollha tal-infrastruttura tal-idroġenu, kif speċifikat fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu 2a, biex jiġi ggarantit approċċ nondiskriminatorju lejn l-operaturi tan-networks f'termini tal-esponiment għar-riskju relatat mal-investimenti transfruntieri tagħhom fl-infrastruttura tal-idroġenu. L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi kkonsultat mal-ENNOH u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra qabel l-adozzjoni tiegħu. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe dubju, il-kriterju speċifikat fil-paragrafu 2(b) ta' dan l-Artikolu 21, ma għandux għalfejn jiġi ssodisfat biex il-proġett rispettiv ikun jista' japplika għal mekkaniżmu ta' tnaqqis tar-riskji fil-livell tal-UE appoġġat minn garanzija tal-UE skont ir-regolament ta' implimentazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa propost li tiżdied soluzzjoni ta' garanzija tal-UE bħala mekkaniżmu effettiv għat-tnaqqis tar-riskju fil-livell tal-UE biex jiġi sfruttat il-finanzjament għal infrastruttura transfruntiera ddedikata. Tali garanzija tal-UE tista' tkun imfassla fil-forma ta' pagamenti appoġġjati minn garanzija tal-UE li tippermetti lill-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni tal-idroġenu jagħlqu d-distakk bejn id-dħul permess u dak effettiv filwaqt li tiffaċilita tariffi tan-network mhux projbittivi. Il-pagamenti garantiti jkunu simili għal Allokazzjoni Intertemporali nazzjonali tal-Kostijiet u Garanzija mill-Istat iżda operati fil-livell tal-UE.

Emenda 1190
Aura Salla

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punt (2) tal-Anness II jistgħu japplikaw għal appoġġ finanzjarju minn fondi magħżula tal-UE u garantiti b'garanzija Ewropea. Fi żmien [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' tnaqqis tar-riskji u ta' finanzjament fil-livell tal-UE għall-infrastruttura transfruntiera tat-trasport tal-idroġenu. Tali att għandu jipprovdi l-mandati kollha meħtieġa, jipprovdi integrazzjoni mar-regolamentazzjoni u l-oqfsa ta' finanzjament eżistenti, jistabbilixxi l-pakkett baġitarju tal-istrument u jispeċifika l-kriterji ta' eliġibbiltà u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ta' proġetti tal-infrastruttura tal-idroġenu fil-mekkaniżmu għat-tnaqqis tar-riskji fil-livell tal-UE. L-att ta' implimentazzjoni għandu japplika bl-istess mod għall-proġetti transfruntieri kollha tal-infrastruttura tal-idroġenu, kif speċifikat fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu 2a, biex jiġi ggarantit approċċ nondiskriminatorju lejn l-operaturi tan-

networks f'termini tal-esponiment għar-riskju relatat mal-investimenti transfruntieri tagħhom fl-infrastruttura tal-idroġenu. L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi kkonsultat mal-ENNOH u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra qabel l-adozzjoni tiegħu. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe dubju, il-kriterju speċifikat fil-paragrafu 2(b) ta' dan l-Artikolu 21, ma għandux għalfejn jiġi ssodisfat biex il-proġett rispettiv ikun jista' japplika għal mekkaniżmu ta' tnaqqis tar-riskji fil-livell tal-UE appoġġat minn garanzija tal-UE skont ir-regolament ta' implimentazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kurituri tal-H2 jeħtieġu investiment antiċipatorju b'ħafna kapital minkejja l-irrankar inċert fis-suq u r-riskji li l-HTNOs jew l-Istati Membri ma jistgħux iġorru waħedhom. L-oqfsa tal-UE taħt il-QFP, inkluż it-TEN-E, għandhom jimponu għodod imfassla apposta għat-tnaqqis tar-riskji, jippermettu FIDs, iżommu t-tariffi affordabbli u jappoġġjaw suq tal-idroġenu integrat.

Emenda 1191
Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punt (2) tal-Anness II għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ finanzjarju minn fondi magħżula tal-UE u garantiti b'garanzija Ewropea. Fi żmien sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta Att ta' Implimentazzjoni li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-istabbiliment u l-funzjonament ta' mekkaniżmu ta' tnaqqis tar-riskji u ta' finanzjament fil-livell tal-UE għall-infrastruttura transfruntiera tat-trasport

tal-idroġenu. Dan l-Att ta' Implimentazzjoni għandu jipprovdi l-mandati kollha meħtieġa, jipprovdi integrazzjoni mal-oqfsa regolatorji u ta' finanzjament eżistenti, jistabbilixxi l-pakkett baġitarju tal-istrument u jispeċifika l-kriterji ta' eliġibbiltà u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ta' proġetti tal-infrastruttura tal-idroġenu fil-mekkaniżmu għat-tnaqqis tar-riskji fil-livell tal-UE. L-Att ta' Implimentazzjoni għandu jiġi kkonsultat mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha qabel l-adozzjoni tiegħu u għandu japplika bl-istess mod għall-proġetti kollha ta' infrastruttura transfruntiera tal-idroġenu biex jiġi ggarantit approċċ nondiskriminatorju għall-Operaturi tan-Network f'termini tal-esponiment għar-riskju relatat mal-investimenti tagħhom fl-infrastruttura transfruntiera tal-idroġenu.

Or. en

Emenda 1192
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-proġetti ta' interess komuni u reċiproku li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punt (2) tal-Anness II jistgħu japplikaw għal appoġġ finanzjarju minn fondi magħżula tal-UE u garantiti b'garanzija Ewropea. Fi żmien [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' tnaqqis tar-riskji u ta' finanzjament fil-livell tal-UE għall-infrastruttura transfruntiera tat-trasport

tal-idroġenu.

Or. en

Emenda 1193
Letizia Moratti, Fulvio Martusciello, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Il-proġetti ta' interess komuni u reċiproku li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punt (2) tal-Anness II jistgħu japplikaw għal appoġġ finanzjarju minn fondi magħżula tal-UE u garantiti b'garanzija Ewropea. Fi żmien [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' tnaqqis tar-riskji u ta' finanzjament fil-livell tal-UE għall-infrastruttura transfruntiera tal-idroġenu jew tat-trasport, il-ġestjoni u l-ħżin tas-CO2.

Or. en

Emenda 1194
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Il-proġetti ta' interess komuni u reċiproku li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punt (2) tal-Anness II jistgħu japplikaw għal appoġġ finanzjarju minn fondi magħżula tal-UE u garantiti b'garanzija Ewropea. Fi żmien [12-il xahar wara d-

dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' tnaqqis tar-riskji u ta' finanzjament fil-livell tal-UE għall-infrastruttura transfruntiera tat-trasport tal-idroġenu.

Or. en

Emenda 1195
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Fil-każ ta' proġetti li jaqgħu taħt l-Anness II, il-punt (2) fejn il-proċess ta' allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet jkun għadu għaddej, il-promotur tal-proġett jista' jitlob assistenza finanzjarja mill-Unjoni għax-xogħlijiet fuq bażi kondizzjonali, soġġett għall-finalizzazzjoni u l-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa propost li tiżdied soluzzjoni ta' garanzija tal-UE bħala mekkaniżmu effettiv għat-tnaqqis tar-riskju fil-livell tal-UE biex jiġi sfruttat il-finanzjament għal infrastruttura transfruntiera ddedikata. Tali garanzija tal-UE tista' tkun imfassla fil-forma ta' pagamenti appoġġjati minn garanzija tal-UE li tippermetti lill-operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni tal-idroġenu jagħlqu d-distakk bejn id-dħul permess u dak effettiv filwaqt li tiffaċilita tariffi tan-network mhux projbittivi. Il-pagamenti garantiti jkunu simili għal Allokazzjoni Intertemporali nazzjonali tal-Kostijiet u Garanzija mill-Istat iżda operati fil-livell tal-UE.

Emenda 1196
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti ***fl-Anness*** II ***għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 2, bl-eċċezzjoni tal-kategorija tal-infrastruttura stabbilita fil-punt (3) ta' dak l-Anness*** għandhom ikunu eliġibbli wkoll għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni fil-forma ta' għotjiet għal xogħlijiet meta jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:	4. Il-proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti ***fil-punt (1)(g) tal-Anness*** II għandhom ikunu eliġibbli wkoll għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni fil-forma ta' għotjiet għal xogħlijiet meta jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:

Or. en

Emenda 1197
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu għandha tkun ibbażata fuq ix-xenarju ***stabbilit*** skont l-Artikolu 11 u kwalunkwe analiżi tas-sensittività eżistenti tiegħu u għandha tinkludi evalwazzjoni u valutazzjoni preċiżi tal-kostijiet imġarrba b'mod effiċjenti, deskrizzjoni akkurata tal-benefiċċji tal-proġett inkluż il-qsim transfruntier tagħhom għal Stati Membri individwali jew pajjiżi terzi inkluż pajjiżi mhux ospitanti, deskrizzjoni tal-qsim tal-kostijiet bejn il-fruntieri u tas-sorsi ta' finanzjament kollha rilevanti għall-proġett u diġà ċerti.	5. L-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu għandha tkun ibbażata fuq ix-xenarju ***u, jekk ikun xieraq, is-sensittivitajiet stabbiliti*** skont l-Artikolu 11 u kwalunkwe analiżi tas-sensittività eżistenti tiegħu u għandha tinkludi evalwazzjoni u valutazzjoni preċiżi tal-kostijiet imġarrba b'mod effiċjenti, deskrizzjoni akkurata tal-benefiċċji tal-proġett inkluż il-qsim transfruntier tagħhom għal Stati Membri individwali jew pajjiżi terzi inkluż pajjiżi mhux ospitanti, deskrizzjoni tal-qsim tal-kostijiet bejn il-fruntieri u tas-sorsi ta' finanzjament kollha rilevanti għall-proġett u diġà ċerti.

Or. en

Emenda 1198
Nicolás González Casares, Bruno Tobback, Yannis Maniatis, Lina Gálvez, Elena Sancho Murillo, Daniel Attard, Tsvetelina Penkova

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategorija tal-infrastruttura tal-enerġija stabbilita fil-punt (1)(c) tal-Anness II u li jinsabu fi Stati Membri periferiċi jew gżejjer, li ma jipprovdux benefiċċji diretti lil pajjiżi mhux ospitanti, għandhom jibqgħu eliġibbli għall-assistenza finanzjarja tal-Unjoni, dment li jkollhom impatt transfruntier sinifikanti kif stabbilit fl-Anness IV, il-punt (1).

Or. en

Emenda 1199
Christophe Grudler, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1) Il-proġetti ta' infrastruttura tal-elettriku li jinsabu fir-reġjuni ultraperiferiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu eliġibbli għall-assistenza finanzjarja tal-Unjoni fil-forma ta' għotjiet għal xogħlijiet skont ir-Regolament (UE) 2021/1153, inklużi proġetti fil-livell tad-distribuzzjoni, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin: ***(a) il-proġett jikkontribwixxi għal wieħed jew aktar mill-objettivi li ġejjin fir-reġjun ultraperiferiku kkonċernat:*** ***(i) l-integrazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli jew b'livell baxx ta'***

emissjonijiet tal-karbonju fin-network lokali tal-elettriku;

(ii) it-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili għall-ġenerazzjoni tal-elettriku;

(iii) is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' ġenerazzjoni jew il-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tad-distribuzzjoni;

(iv) l-elettrifikazzjoni tas-setturi tal-użu aħħari, b'mod partikolari t-trasport u t-tisħin;

(b) il-proġett ma jistax jiġi ffinanzjat mis-suq jew permezz tal-qafas regolatorju applikabbli, filwaqt li jitqiesu l-iżolament strutturali fil-qasam tal-enerġija tar-reġjun, id-daqs limitat tas-suq lokali u l-kapaċità ristretta tal-operaturi li jirkupraw il-kostijiet tal-investiment permezz ta' tariffi tan-network;

(c) l-Istat Membru rilevanti wettaq valutazzjoni li turi l-ħtieġa tal-proġett għat-tranżizzjoni tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista tar-reġjun ultraperiferiku kkonċernat, filwaqt li tqis il-limiti strutturali speċifiċi rikonoxxuti fl-Artikolu 349 tat-TFUE.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, ir-rekwiżiti tal-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw. B'mod partikolari, ma għandha tkun meħtieġa l-ebda deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont l-Artikolu 17, u l-valutazzjoni msemmija fil-punt (c) ma għandhiex tirrikjedi analiżi tad-distribuzzjoni tal-benefiċċji transfruntiera.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħtiġijiet ta' investiment tar-reġjuni ultraperiferiċi identifikati skont dan il-paragrafu jkunu riflessi kif suppost fil-PSNR tagħhom.

Or. en

Emenda 1200
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Għotja għal xogħlijiet li tkopri proġetti ta' interess komuni u proġetti ta' interess reċiproku għandha tkopri wkoll proġetti ta' diġitalizzazzjoni b'nefqa operazzjonali għolja, meta tali proġetti jikkontribwixxu b'mod evidenti għall-objettivi ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proġetti ta' diġitalizzazzjoni b'nefqa operazzjonali ogħla jistgħu jipprovdu benefiċċji sinifikanti ta' effiċjenza, ottimizzazzjoni u reżiljenza tas-sistema u għalhekk għandhom jibqgħu eliġibbli meta jikkontribwixxu għall-objettivi ta' dan ir-Regolament.

Emenda 1201
Anna Stürgkh, Emma Wiesner, Sigrid Friis, Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Barry Andrews, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21a
	Eliġibbiltà tal-proġetti taħt assistenza finanzjarja għajr assistenza finanzjarja tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/1153
	1. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-kapaċità u r-restrizzjonijiet tan-network tal-elettriku, inkluż fil-livell tad-distribuzzjoni, u jidentifikaw il-ħtiġijiet ta' investiment korrispondenti. Għall-proġetti

fil-livell tad-distribuzzjoni li ma jkunux eliġibbli għall-finanzjament skont ir-Regolament (UE) 2021/1153, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-assistenza skont ir-Regolament [COM(2025)0565 – 2025/0240(COD) li jistabbilixxi l-fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u l-affarijiet marittimi, il-prosperità u s-sigurtà għall-perjodu 2028-2034]. Meta jiġu identifikati restrizzjonijiet tal-grilja, l-investimenti fl-elettrifikazzjoni - fl-enerġija rinnovabbli jew fid-domanda - għandhom ikunu akkumpanjati minn investiment adegwat fin-networks tal-elettriku. Dan japplika wkoll għar-reġjuni ultraperiferiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 349 tat-TFUE, li jiffaċċjaw iżolament strutturali fil-qasam tal-enerġija mill-grilja Ewropea. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħtiġijiet speċifiċi ta' investiment tar-reġjuni ultraperiferiċi fl-infrastruttura tal-elettriku jitqiesu kif xieraq meta jiġu ddefiniti l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-grilji tad-distribuzzjoni jistgħu wkoll jirċievi finanzjament skont il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali.

Emenda 1202
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kriterji speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 4(3) ta' dan ir-Regolament u l-parametri stabbiliti fl-Artikolu 4(5) ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-fini	Il-kriterji speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 4(3) ta' dan ir-Regolament u l-parametri stabbiliti fl-Artikolu 4(5) ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-fini

li jiġu stabbiliti l-kriterji tal-għoti ta' assistenza finanzjarja mill-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/1153. ***Għall-proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt l-Artikolu 27 ta' dan ir-Regolament, minbarra r-rekwiżiti previsti mill-Artikolu 21(2), għandhom japplikaw il-kriterji tal-integrazzjoni tas-suq, is-sigurtà tal-provvista, il-kompetizzjoni u s-sostenibbiltà.***	li jiġu stabbiliti l-kriterji tal-għoti ta' assistenza finanzjarja mill-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/1153.

Or. en

Emenda 1203
Bruno Gonçalves, Nicolás González Casares

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta l-implimentazzjoni ta' proġett ta' interess komuni msemmi fl-Anness I tiffaċċja dewmien persistenti ta' aktar minn 18-il xahar minħabba nuqqas ta' approvazzjoni regolatorja jew amministrattiva li tkun attribwibbli prinċipalment għal Stat Membru ospitanti wieħed, l-Istat Membru jew l-Istati Membri ospitanti li jifdal affettwati minn dan id-dewmien, għandhom jingħataw status ta' prijorità fl-evalwazzjoni ta' applikazzjonijiet oħrajn għall-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għal proġetti ta' interess komuni relatati kemm mal-Anness I kif ukoll mal-Anness II.
	Dan l-istatus ta' prijorità għandu jkun magħmul minn premium ta' ponderazzjoni waqt il-fażi tal-punteġġi tal-kriterji tal-għoti. L-assistenza finanzjarja kumulattiva mogħtija taħt dan il-qafas preferenzjali lill-Istat Membru jew lill-Istati Membri li jikkoopera għandha tkun limitata għall-allokazzjoni finanzjarja totali jew il-kontribuzzjoni stmata tal-Unjoni

inizjalment prevista għall-proġett transfruntier ittardjat, u ma għandhiex taqbiżha.

Or. en

Emenda 1204
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 23	***imħassar***
Eżerċizzju tad-delega	
1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.	
2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(4), fl-Artikolu 11(6) u fl-Artikolu 19(4) għal perjodu ta' 7 snin mit-23 ta' Ġunju 2027. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 7 snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.	
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(4), fl-Artikolu 11(6) u fl-Artikolu 19(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma	

għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(4), l-Artikolu 11(6) u l-Artikolu 19(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jesprimu ebda oġġezzjoni fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. fr

Emenda 1205
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(4)***, fl-Artikolu 11(6)*** u fl-Artikolu 19(4) għal perjodu ta' 7 snin mit-23 ta' Ġunju 2027. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn 9	2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(4) u fl-Artikolu 19(4) għal perjodu ta' 7 snin mit-23 ta' Ġunju 2027. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu

xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 7 snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

ta' 7 snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tallinja d-delega tas-setgħat mal-qafas ta' governanza rivedut skont l-Artikolu 11(6).

Emenda 1206
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(4)***, fl-Artikolu 11(6)*** u fl-Artikolu 19(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.	3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(4) u fl-Artikolu 19(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tallinja d-delega tas-setgħat mal-qafas ta' governanza rivedut skont l-Artikolu 11(6).

Emenda 1207
Christophe Grudler, Bart Groothuis, Michael McNamara, Sophie Wilmès

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tal-progress miksub f'termini ta' integrazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, inkluż sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq il-baħar, u ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra permezz tal-ippjanar, l-iżvilupp, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni;	(c) tal-progress miksub f'termini ta' integrazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, inkluż sorsi ta' enerġija rinnovabbli ***u oħrajn mhux fossili*** fuq il-baħar, u ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra permezz tal-ippjanar, l-iżvilupp, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 1208
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, François-Xavier Bellamy, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Davor Ivo Stier, Radan Kanev, Tomas Tobé, Jörgen Warborn, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tal-progress miksub f'termini ta' integrazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, inkluż sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq il-baħar, u ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra permezz tal-ippjanar, l-iżvilupp, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni;	(c) tal-progress miksub f'termini ta' integrazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, inkluż sorsi ta' enerġija rinnovabbli ***u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju*** fuq il-baħar, u ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra permezz tal-ippjanar, l-iżvilupp, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiżgura approċċ newtrali fir-rigward tat-teknoloġija billi tirrikonoxxi l-kontribut tas-sorsi kollha tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inkluża l-

enerġija nukleari, għad-dekarbonizzazzjoni, is-sigurtà tal-provvista u l-ilħuq tal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni.

Emenda 1209
Angelika Winzig

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) għas-setturi tal-elettriku u ***tal-idroġenu***, tal-evoluzzjoni tal-livell ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri, ***u*** tal-evoluzzjoni korrispondenti tal-prezzijiet tal-enerġija;	(d) għas-setturi tal-elettriku u ***tal-gassijiet rinnovabbli jew b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inkluż l-idroġenu***, tal-evoluzzjoni tal-livell ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri, tal-evoluzzjoni korrispondenti tal-prezzijiet tal-enerġija***, u l-għadd ta' avvenimenti ta' ħsara tas-sistemi tan-networks, il-kawżi tagħhom u l-kostijiet ekonomiċi assoċjati***;

Or. en

Emenda 1210
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt e – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iia) il-livell ta' oppożizzjoni li jiffaċċjaw il-proġetti fil-lista tal-Unjoni, b'mod partikolari l-għadd ta' oġġezzjonijiet bil-miktub matul il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika u l-għadd ta' azzjonijiet ta' rikors legali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Miżmum mir-Regolament TEN-E eżistenti

Emenda 1211
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) tal-effettività ta dan ir-Regolament fil-kontribut għall-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni ***u għall-kisba tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050***;	(g) tal-effettività ta dan ir-Regolament fil-kontribut għall-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni;

Or. fr

Emenda 1212
Jorge Martín Frías

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) tal-effettività ta dan ir-Regolament fil-kontribut għall-miri tal-enerġija u ***tal-klima tal-Unjoni u għall-kisba tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050***;	(g) tal-effettività ta dan ir-Regolament fil-kontribut għall-miri tal-enerġija u ***tal-kompetittività***;

Or. en

Emenda 1213
Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-għadd ta' proġetti li jkunu għamlu użu minn soluzzjonijiet mingħajr fili u ż-żieda rispettiva fil-kapaċità tal-grilja.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1214
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-għadd ta' proġetti li jkunu għamlu użu minn soluzzjonijiet mingħajr fili u ż-żieda rispettiva fil-kapaċità tal-grilja.	(i) l-għadd ta' proġetti li jkunu għamlu użu minn soluzzjonijiet mingħajr fili ***u soluzzjonijiet ta' flessibbiltà mhux fossili*** u ż-żieda rispettiva fil-kapaċità tal-grilja.

Or. en

Emenda 1215
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-għadd ta' proġetti li jkunu għamlu użu minn ***soluzzjonijiet mingħajr fili*** u ż-żieda rispettiva fil-kapaċità tal-grilja.	(i) l-għadd ta' proġetti li jkunu għamlu użu minn ***teknoloġiji li jtejbu l-grilja*** u ż-żieda rispettiva fil-kapaċità tal-grilja.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tiżgura li l-isforzi ta' monitoraġġ ikopru wkoll teknoloġiji li jtejbu l-grilja li kapaċi jwasslu kapaċità addizzjonali tan-network u titjib fl-effiċjenza mingħajr ma jkunu jirrikjedu infrastruttura ġdida estensiva. Dawn is-soluzzjonijiet jistgħu jaċċeleraw l-ottimizzazzjoni tal-grilja, u jnaqqsu l-konġestjoni u l-kostijiet ġenerali tas-sistema.

Emenda 1216

Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ia) tqabbil tal-kostijiet tal-eżitu tal-proġetti mwettqa mal-kostijiet assunti fil-proċess tas-CBA li ffurmaw il-bażi tal-inklużjoni tagħhom bħala PCI/PMI,

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tintroduċi valutazzjoni ex post tal-kostijiet tal-proġett sabiex is-suppożizzjonijiet inizjali tas-CBA jitqabblu mal-eżiti reali tal-implimentazzjoni. Dan itejjeb l-affidabbiltà tal-metodoloġiji tal-ippjanar futuri u jgħin biex tiġi evitata sottovalutazzjoni jew sopravalutazzjoni sistematika tal-kostijiet tal-infrastruttura.

Emenda 1217
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt ib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ib) il-grad ta' allinjament tar-rapporti ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura u l-metodoloġiji tal-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji max-xenarju strateġiku tal-Unjoni, inklużi l-immappjar tan-network, il-kostijiet tal-investiment u l-istadji importanti tal-implimentazzjoni f'fażijiet tiegħu;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hija meħtieġa trasparenza akbar fir-rigward tal-konsistenza tas-suppożizzjonijiet tal-ippjanar tal-infrastruttura biex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet ta' investiment, l-iskedi ta' żmien għall-implimentazzjoni u l-iżvilupp tan-network jibqgħu allinjati max-xenarju strateġiku tal-Unjoni.

Emenda 1218
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt ic (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ic) il-punt sa fejn l-introjtu mill-konġestjoni ntuża fuq livell reġjonali kkoordinat skont l-Artikolu 19 u l-impatt tiegħu fuq it-tnaqqis tal-konġestjoni u l-finanzjament ta' proġetti ta' prijorità reġjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Trasparenza mtejba rigward l-użu reġjonali tal-introjtu mill-konġestjoni u l-kontribut tiegħu għat-tnaqqis tal-konġestjoni u l-finanzjament ta' proġetti ta' prijorità. Viżibbiltà aħjar dwar kif jintuża dħul bħal dan tappoġġja deċiżjonijiet ta' investiment aktar ikkoordinati u effiċjenti fil-livell reġjonali.

Emenda 1219
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sat-30 ta' Ġunju 2033, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami ta' dan ir-Regolament, abbażi tar-riżultati tar-rapportar u tal-evalwazzjoni previsti fl-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament, kif	Sat-30 ta' Ġunju 2033, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami ta' dan ir-Regolament, abbażi tar-riżultati tar-rapportar u tal-evalwazzjoni previsti fl-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament, kif

ukoll tal-monitoraġġ, ir-rapportar u l-evalwazzjoni mwettqa skont l-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament (UE) 2021/1153.	ukoll tal-monitoraġġ, ir-rapportar u l-evalwazzjoni mwettqa skont l-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament (UE) 2021/1153. ***B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-possibbiltà li testendi l-kompiti tal-Pjanifikatur skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament fl-ippjanar u fit-tħaddim tan-network madwar l-Unjoni kollha.***

Or. en

Emenda 1220
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 26	***imħassar***
Informazzjoni u pubbliċità	
Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm pjattaforma ta' trasparenza faċilment aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali permezz tal-internet. Il-pjattaforma għandha tiġi aġġornata regolarment b'informazzjoni: mir-rapporti msemmija fl-Artikolu 5(4); mis-sit web imsemmi fl-Artikolu 9(7); u minn informazzjoni diretta mill-promoturi tal-proġetti fir-rigward ta' proġetti li ma jibqgħux fil-lista tal-Unjoni. Il-pjattaforma għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:	
(a) informazzjoni ġenerali u aġġornata, inkluż informazzjoni ġeografika, għal kull proġett fil-lista tal-Unjoni;	
(b) il-pjan ta' implimentazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 5(1) għal kull proġett fil-lista tal-Unjoni, ippreżentat b'mod li jippermetti l-valutazzjoni tal-progress fl-implimentazzjoni fi kwalunkwe mument;	
(c) il-benefiċċji ewlenin mistennija u l-kontribut għall-objettivi msemmija fl-	

Artikolu 1(1) u l-kostijiet tal-proġetti ħlief għal kwalunkwe informazzjoni kummerċjalment sensittiva;

(d) il-lista tal-Unjoni;

(e) il-fondi allokati u żborżati mill-Unjoni għal kull proġett fil-lista tal-Unjoni;

(f) il-links għall-manwal nazzjonali tal-proċeduri msemmi fl-Artikolu 9;

(g) informazzjoni u status aġġornati rigward proġetti li kienu fil-lista tal-Unjoni, iżda li ma baqgħux inklużi.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-flus tal-Istati Membri ma jridux jintefqu għal finijiet ta' propaganda.

Emenda 1221
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-pjan ta' implimentazzjoni kif stipulat ***fl-Artikolu 5(1)*** għal kull proġett fil-lista tal-Unjoni, ippreżentat b'mod li jippermetti l-valutazzjoni tal-progress fl-implimentazzjoni fi kwalunkwe mument;	(b) il-pjan ta' implimentazzjoni kif stipulat ***fit-Taqsima (2), il-punt (1)(fa) tal-Anness III*** għal kull proġett fil-lista tal-Unjoni, ippreżentat b'mod li jippermetti l-valutazzjoni tal-progress fl-implimentazzjoni fi kwalunkwe mument; *(Din l-emenda tapplika għat-test kollu.)*

Or. en

Emenda 1222
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 27	***imħassar***
Deroga għall-interkonnessjonijiet għal Ċipru u Malta	
1.	
Fil-każ ta' Ċipru u Malta, li ma humiex interkonnessi man-network trans-Ewropew tal-gass, għandha tapplika deroga mill-Artikolu 3, mill-Artikolu 4(1), il-punti (a) u (b), mill-Artikolu 4(5), u mill-Annessi I, II u III. Interkonnessjoni waħda għal kull wieħed minn dawk l-Istati Membri għandha żżomm l-istatus tagħha ta' proġett ta' interess komuni skont dan ir-Regolament bid-drittijiet u l-obbligi rilevanti kollha, meta dik l-interkonnessjoni:	
(a) kienet qed tiġi żviluppata jew ippjanata fit-23 ta' Ġunju 2022;	
(b) ingħatat l-istatus ta' proġett ta' interess komuni skont ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39];	
(c) tkun meħtieġa biex tiġi żgurata interkonnessjoni permanenti ta' dawk l-Istati Membri man-network trans-Ewropew tal-gass.	
Dawk il-proġetti għandhom jiżguraw il-kapaċità ta' aċċess fil-futur għal swieq ġodda tal-enerġija, inkluż l-idroġenu.	
2.	
Il-promoturi tal-proġetti għandhom jipprovdu biżżejjed evidenza dwar kif l-interkonnessjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 se jippermettu l-aċċess għal swieq ġodda tal-enerġija, inkluż tal-idroġenu, f'konformità mal-objettivi ġenerali tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima. Tali evidenza għandha tinkludi valutazzjoni tal-provvista u tad-domanda għal idroġenu rinnovabbli jew b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, kif ukoll kalkolu tat-tnaqqis fl-emissjonijiet	

tal-gassijiet serra miksuba bis-saħħa tal-proġett.

Il-Kummissjoni għandha tivverifika fuq bażi regolari dik il-valutazzjoni u dak il-kalkolu, kif ukoll l-implimentazzjoni f'waqtha tal-proġett.

3. Minbarra l-kriterji speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 21 għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni, l-interkonnessjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitfasslu bil-ħsieb li jiżguraw aċċess għas-swieq futuri tal-enerġija, inkluż tal-idroġenu, ma għandhomx iwasslu għal estensjoni tal-ħajja tal-assi tal-gass naturali u għandhom jiżguraw l-interoperabbiltà transfruntiera tan-networks ġirien. Kwalunkwe eliġibbiltà għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni skont l-Artikolu 21 għandha tintemm fil-31 ta' Diċembru 2027.

4. Kwalunkwe talba għal assistenza finanzjarja mill-Unjoni għax-xogħlijiet għandha turi b'mod ċar l-għan li l-assi jiġi kkonvertit f'assi ddedikat għall-idroġenu sal-2036 jekk il-kundizzjonijiet tas-suq jippermettu, permezz ta' pjan direzzjonali bi skeda ta' żmien preċiża.

5. Id-deroga stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tapplika sakemm Ċipru jew Malta, rispettivament, tkun interkonnessa direttament man-network trans-Ewropew tal-gass jew sal-31 ta' Diċembru 2029, skont liema data tiġi l-ewwel.

---

[39] Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/347/oj).

Or. en

Emenda 1223
Bruno Tobback, Nicolás González Casares, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-promoturi tal-proġetti għandhom jipprovdu biżżejjed evidenza dwar kif l-interkonnessjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 se jippermettu l-aċċess għal swieq ġodda tal-enerġija, inkluż tal-idroġenu, f'konformità mal-objettivi ġenerali tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima. Tali evidenza għandha tinkludi valutazzjoni tal-provvista u tad-domanda għal idroġenu rinnovabbli ***jew b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju***, kif ukoll kalkolu tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra miksuba bis-saħħa tal-proġett.	Il-promoturi tal-proġetti għandhom jipprovdu biżżejjed evidenza dwar kif l-interkonnessjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 se jippermettu l-aċċess għal swieq ġodda tal-enerġija, inkluż tal-idroġenu, f'konformità mal-objettivi ġenerali tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima. Tali evidenza għandha tinkludi valutazzjoni tal-provvista u tad-domanda għal idroġenu rinnovabbli, kif ukoll kalkolu tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra miksuba bis-saħħa tal-proġett.

Or. en

Emenda 1224
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Minbarra l-kriterji speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 21 għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni, l-interkonnessjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitfasslu bil-ħsieb li jiżguraw aċċess għas-swieq futuri tal-enerġija, inkluż tal-idroġenu, ma għandhomx iwasslu għal estensjoni tal-ħajja tal-assi tal-gass naturali u għandhom jiżguraw l-interoperabbiltà transfruntiera tan-networks ġirien. Kwalunkwe eliġibbiltà	3. Minbarra l-kriterji speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 21 għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni, l-interkonnessjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitfasslu bil-ħsieb li jiżguraw aċċess għas-swieq futuri tal-enerġija, inkluż tal-idroġenu, ma għandhomx iwasslu għal estensjoni tal-ħajja tal-assi tal-gass naturali u għandhom jiżguraw l-interoperabbiltà transfruntiera tan-networks ġirien. Kwalunkwe eliġibbiltà

għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni skont l-Artikolu 21 għandha tintemm fil-31 ta' Diċembru ***2027***.

għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni skont l-Artikolu 21 għandha tintemm fil-31 ta' Diċembru ***2029***.

Or. en

Emenda 1225
Yannis Maniatis, Daniel Attard, Costas Mavrides

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-deroga stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tapplika sakemm Ċipru jew Malta, rispettivament, tkun interkonnessa direttament man-network trans-Ewropew tal-gass jew sal-31 ta' Diċembru ***2029***, skont liema data tiġi l-ewwel.	5. Id-deroga stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tapplika sakemm Ċipru jew Malta, rispettivament, tkun interkonnessa direttament man-network trans-Ewropew tal-gass jew sal-31 ta' Diċembru ***2033***, skont liema data tiġi l-ewwel.

Or. en

Emenda 1226
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1
Regolament (EU) 2019/942
Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-Regolament (UE) 2019/942 huwa emendat kif ġej:	***imħassar***
(1) fl-Artikolu 3(2), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:	
"Meta mitluba mill-ACER, l-awtoritajiet regolatorji, l-ENTSO għall-Elettriku, l-ENTSO għall-Gass, l-ENNOH, iċ-ċentri ta' koordinazzjoni reġjonali, l-Entità tal-UE għad-DSO, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, l-operaturi tan-networks tal-idroġenu, l-operaturi nominati tas-suq tal-	

elettriku, u l-entitajiet stabbiliti mill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni tal-gass naturali, l-operaturi tas-sistemi tal-LNG, l-operaturi tas-sistemi tal-ħażna tal-gass naturali jew l-operaturi tal-ħżin tal-idroġenu jew l-operaturi tat-terminals tal-idroġenu għandhom jipprovdu l-informazzjoni lill-ACER bl-istess livell ta' dettall meħtieġ għall-fini ta' twettiq tal-kompiti tal-ACER skont dan ir-Regolament, sakemm l-ACER ma tkunx diġà talbet u rċeviet din l-informazzjoni."

"(c) twettaq l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5, 11, 12, 14, 17 tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx] u fit-Taqsima 2, il-punt (8), tal-Anness III ta' dak ir-Regolament;

(d)

tieħu deċiżjonijiet dwar it-talbiet għal investiment inkluż l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont l-Artikolu 17(9) tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx].

**** Ir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx] (ĠU…, ELI: …)"***

Or. fr

Emenda 1227
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1
Regolament (UE) 2019/943
Artikolu 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

[...]	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1228
Bruno Tobback

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1
Regolament (UE) 2019/943
Artikolu 48 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha msemmi fl-Artikolu 30(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament għandu jkun ibbażat fuq ix-xenarju ċentrali u r-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tas-sistema skont l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx] u għandu jinkludi l-immudellar tan-network integrat u valutazzjoni tar-reżiljenza tas-sistema. Il-parametri rilevanti tal-input għall-immudellar tax-xenarju ċentrali, bħal suppożizzjonijiet dwar il-prezzijiet tal-fjuwil u tal-karbonju jew l-installazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, u s-suppożizzjonijiet għall-valutazzjoni Ewropea dwar l-adegwatezza tar-riżorsi żviluppata skont l-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu konsistenti sa fejn ikun possibbli.	Il-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha msemmi fl-Artikolu 30(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament għandu jkun ibbażat fuq ix-xenarju ċentrali***, massimu ta' żewġ analiżijiet tas-sensittività kif imsemmi fl-Artikolu 11(2c) tar-[Regolament TEN-E]*** u r-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tas-sistema skont l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx] u għandu jinkludi l-immudellar tan-network integrat u valutazzjoni tar-reżiljenza tas-sistema. Il-parametri rilevanti tal-input għall-immudellar tax-xenarju ċentrali, bħal suppożizzjonijiet dwar il-prezzijiet tal-fjuwil u tal-karbonju jew l-installazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, u s-suppożizzjonijiet għall-valutazzjoni Ewropea dwar l-adegwatezza tar-riżorsi żviluppata skont l-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu konsistenti sa fejn ikun possibbli.

Or. en

Emenda 1229
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1
Regolament (UE) 2019/943
Artikolu 48 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha msemmi fl-Artikolu 30(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament għandu jkun ibbażat fuq ix-xenarju ***ċentrali u r-rapport*** ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tas-sistema skont l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx] u għandu jinkludi l-immudellar tan-network integrat u valutazzjoni tar-reżiljenza tas-sistema. Il-parametri rilevanti tal-input għall-immudellar tax-xenarju ***ċentrali***, bħal suppożizzjonijiet dwar il-prezzijiet tal-fjuwil u tal-karbonju jew l-installazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, u s-suppożizzjonijiet għall-valutazzjoni Ewropea dwar l-adegwatezza tar-riżorsi żviluppata skont l-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu konsistenti sa fejn ikun possibbli.	Il-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha msemmi fl-Artikolu 30(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament għandu jkun ibbażat fuq ix-xenarju ***strateġiku tal-Unjoni, inkluż ir-rapport*** ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tas-sistema skont l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx] u għandu jinkludi l-immudellar tan-network integrat u valutazzjoni tar-reżiljenza tas-sistema. Il-parametri rilevanti tal-input għall-immudellar tax-xenarju ***strateġiku tal-Unjoni***, bħal suppożizzjonijiet dwar il-prezzijiet tal-fjuwil u tal-karbonju jew l-installazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, u s-suppożizzjonijiet għall-valutazzjoni Ewropea dwar l-adegwatezza tar-riżorsi żviluppata skont l-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu konsistenti sa fejn ikun possibbli.

Or. en

Emenda 1230
Anna Stürgkh, Andreas Glück, Emma Wiesner, Sigrid Friis, Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1
Regolament (UE) 2019/943
Artikolu 48 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha msemmi fl-	Il-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha msemmi fl-

Artikolu 30(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament għandu jkun ibbażat fuq ***ix-xenarju ċentrali*** u r-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tas-sistema skont l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx] u għandu jinkludi l-immudellar tan-network integrat u valutazzjoni tar-reżiljenza tas-sistema. Il-parametri rilevanti tal-input għall-immudellar ***tax-xenarju ċentrali***, bħal suppożizzjonijiet dwar il-prezzijiet tal-fjuwil u tal-karbonju jew l-installazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, u s-suppożizzjonijiet għall-valutazzjoni Ewropea dwar l-adegwatezza tar-riżorsi żviluppata skont l-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu konsistenti sa fejn ikun possibbli.	Artikolu 30(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament għandu jkun ibbażat fuq ***ix-xenarji*** u r-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tas-sistema skont l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx] u għandu jinkludi l-immudellar tan-network integrat u valutazzjoni tar-reżiljenza tas-sistema. Il-parametri rilevanti tal-input għall-immudellar ***tax-xenarji***, bħal suppożizzjonijiet dwar il-prezzijiet tal-fjuwil u tal-karbonju jew l-installazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, u s-suppożizzjonijiet għall-valutazzjoni Ewropea dwar l-adegwatezza tar-riżorsi żviluppata skont l-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu konsistenti sa fejn ikun possibbli.

Or. en

Emenda 1231
András Gyürk, Jorge Martín Frías, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1
Regolament (UE) 2019/943
Artikolu 48 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha msemmi fl-Artikolu 30(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament għandu jkun ibbażat fuq ***ix-xenarju ċentrali*** u r-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tas-sistema skont l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx] u għandu jinkludi l-immudellar tan-network integrat u valutazzjoni tar-reżiljenza tas-sistema. Il-parametri rilevanti tal-input għall-immudellar ***tax-xenarju ċentrali***, bħal	Il-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha msemmi fl-Artikolu 30(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament għandu jkun ibbażat fuq ***ix-xenarji*** u r-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tas-sistema skont l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx] u għandu jinkludi l-immudellar tan-network integrat u valutazzjoni tar-reżiljenza tas-sistema. Il-parametri rilevanti tal-input għall-immudellar ***tax-xenarji***, bħal

suppożizzjonijiet dwar il-prezzijiet tal-fjuwil u tal-karbonju jew l-installazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, u s-suppożizzjonijiet għall-valutazzjoni Ewropea dwar l-adegwatezza tar-riżorsi żviluppata skont l-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu konsistenti sa fejn ikun possibbli.	suppożizzjonijiet dwar il-prezzijiet tal-fjuwil u tal-karbonju jew l-installazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, u s-suppożizzjonijiet għall-valutazzjoni Ewropea dwar l-adegwatezza tar-riżorsi żviluppata skont l-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu konsistenti sa fejn ikun possibbli.

Or. en

Emenda 1232
Ondřej Krutílek, Daniel Obajtek

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1
Regolament (UE) 2019/943
Artikolu 48 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jikkunsidra bi prijorità alternattivi għall-espansjoni tan-network, ***bħal soluzzjonijiet mingħajr fili skont ir-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx] jew il-flessibbiltà*** mhux fossili;	(b) jikkunsidra bi prijorità alternattivi għall-espansjoni tan-network, ***bħall-flessibbiltà*** mhux fossili;

Or. en

Emenda 1233
Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1
Regolament (UE) 2019/943
Artikolu 48 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jikkunsidra bi prijorità alternattivi għall-espansjoni tan-network, ***bħal soluzzjonijiet mingħajr fili skont ir-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament***	(b) jikkunsidra bi prijorità alternattivi għall-espansjoni tan-network, ***bħall-flessibbiltà*** mhux fossili;

TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx] jew il-flessibbiltà mhux fossili;

Or. en

Emenda 1234
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, François-Xavier Bellamy, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Davor Ivo Stier, Radan Kanev, Tomas Tobé, Jörgen Warborn, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1
Regolament 2019/943
Artikolu 48 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jikkunsidra bi prijorità alternattivi għall-espansjoni tan-network, bħal soluzzjonijiet mingħajr fili skont ir-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx] jew il-flessibbiltà ***mhux fossili***;	(b) jikkunsidra bi prijorità alternattivi għall-espansjoni tan-network, bħal soluzzjonijiet mingħajr fili skont ir-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx] jew il-flessibbiltà ***rinnovabbli jew b'emissjonijiet baxxi***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tiżgura li s-soluzzjonijiet ta' flessibbiltà jiġu vvalutati b'mod newtrali fir-rigward tat-teknoloġija u ma jkunux limitati għal approċċi rinnovabbli biss. Jekk jiġu permessi soluzzjonijiet ta' flessibbiltà rinnovabbli u oħrajn b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-Istati Membri jkollhom aktar flessibbiltà biex jindirizzaw il-ħtiġijiet tas-sistema filwaqt li jappoġġjaw l-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni.

Emenda 1235
Sigrid Friis, Martin Hojsík, Barry Andrews, Yvan Verougstraete, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1
Regolament (UE) 2019/943
Artikolu 48 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) rigward l-interkonnessjonijiet transfruntieri, jibni wkoll fuq il-ħtiġijiet raġonevoli tal-utenti differenti tas-sistema u jintegra impenji fit-tul mill-investituri msemmija fl-Artikoli 44 u 51 tad-Direttiva (UE) 2019/944;	(c) rigward l-interkonnessjonijiet transfruntieri***, u r-reżiljenza tas-sistema***, jibni wkoll fuq il-ħtiġijiet raġonevoli tal-utenti differenti tas-sistema***, il-protezzjoni ta' elementi kritiċi tal-infrastruttura*** u jintegra impenji fit-tul mill-investituri msemmija fl-Artikoli 44 u 51 tad-Direttiva (UE) 2019/944;

Or. en

Emenda 1236
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1
Regolament (UE) 2019/943
Artikolu 48 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ACER għandha tagħti opinjoni dwar il-pjanijiet nazzjonali ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network biex tivvaluta l-konsistenza tagħhom mal-pjan għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, inkluż il-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 3(6) u (7) tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx]. Jekk l-ACER tidentifika inkonsistenzi bejn pjan nazzjonali ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network u l-pjan għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, hija għandha tirrakkomanda li l-pjan nazzjonali ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network jew il-pjan għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jkun emendat kif xieraq sa ***xahrejn*** minn meta tirċevih. Jekk dan il-pjan nazzjonali ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network ikun żviluppat f'konformità mal-Artikolu 40a tad-Direttiva (UE) 2019/944, l-ACER għandha tirrakkomanda li l-awtorità regolatorja temenda l-pjan	L-ACER għandha tagħti opinjoni dwar il-pjanijiet nazzjonali ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network biex tivvaluta l-konsistenza tagħhom mal-pjan għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, inkluż il-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 3(6) u (7) tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx]. Jekk l-ACER tidentifika inkonsistenzi bejn pjan nazzjonali ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network u l-pjan għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, hija għandha tirrakkomanda li l-pjan nazzjonali ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network jew il-pjan għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha jkun emendat kif xieraq sa ***tliet xhur*** minn meta tirċevih. Jekk dan il-pjan nazzjonali ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network ikun żviluppat f'konformità mal-Artikolu 40a tad-Direttiva (UE) 2019/944, l-ACER għandha tirrakkomanda li l-awtorità regolatorja temenda l-pjan

nazzjonali ta’ 10 snin għall-iżvilupp tan-network f’konformità mal-Artikolu 40a(7) ta’ dik id-Direttiva u tinforma lill-Kummissjoni dwar dan.	nazzjonali ta’ 10 snin għall-iżvilupp tan-network f’konformità mal-Artikolu 40a(7) ta’ dik id-Direttiva u tinforma lill-Kummissjoni dwar dan.

Or. en

Emenda 1237
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1a (ġdid)
Regolament (UE) 2019/943
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Artikolu 19(2) huwa emendat kif ġej:
	L-objettivi li ġejjin għandu jkollhom prijorità fir-rigward tal-allokazzjoni ta’ kwalunkwe dħul li jirriżulta mill-allokazzjoni ta’ kapaċità transżonali, filwaqt li sa 35 % tal-introjtu mill-konġestjoni jista’ jiġi allokat ukoll għall-objettiv prijoritarju tat-tnaqqis tal-kostijiet tan-network għall-klijenti finali tal-elettriku fl-Istat Membru kkonċernat b’mod oġġettiv u nondiskriminatorju:
	(a) il-garanzija tad-disponibbiltà reali tal-kapaċità allokata inkluż il-kumpens għaċ-ċertezza; jew
	(b) iż-żamma jew iż-żieda tal-kapaċitajiet transżonali permezz tal-ottimizzazzjoni tal-użu tal-interkonnetturi eżistenti permezz ta’ azzjonijiet ta’ rimedju kkoordinati, fejn applikabbli; jew il-kopertura tal-kostijiet li jirriżultaw mill-investimenti fin-networks li huma rilevanti biex tonqos il-konġestjoni tal-interkonnettur.
	(c) l-għoti ta’ kumpens lill-operaturi ta’ impjanti ta’ ġenerazzjoni ta’ elettriku rinnovabbli lil hinn mill-kosta f’żona tal-offerti lil hinn mill-kosta direttament

	konnessi ma' żewġ żoni tal-offerti jew aktar meta l-aċċess għal swieq interkonnessi jkun tnaqqas b'mod li jirriżulta li l-operatur tal-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku lil hinn mill-kosta ma jkunx jista' jesporta l-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku tiegħu lejn is-suq u, fejn rilevanti, jirriżulta fi tnaqqis korrispondenti fil-prezz fiż-żona tal-offerti lil hinn mill-kosta meta mqabbel ma' tnaqqis mingħajr kapaċità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jużaw l-introjtu mill-konġestjoni wkoll biex inaqqsu t-tariffi tan-network fuq l-istess livell ma' objettivi prijoritarji oħra, peress li t-tariffi tan-network qed isiru element dejjem aktar importanti tal-kontijiet tal-elettriku għall-konsumaturi finali. Filwaqt li jemenda l-Artikolu 19(1) tar-Regolament TEN-e, sabiex tinkiseb konsistenza leġiżlattiva, huwa meħtieġ li jsiru bidliet rilevanti anke fir-Regolament 2019/943.

Emenda 1238
Anna Stürgkh, Emma Wiesner, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1a (ġdid)
Regolament (UE) 2019/943
Artikolu 49 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Fl-Artikolu 49, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 68 ***biex*** jissumplimentaw dan ir-Regolament, ***biex jistabbilixxi dwar*** l-ammonti ta' kumpens li għandhom jitħallsu.	**"*4. Tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament emendatorju,*** il-Kummissjoni għandha***, wara li tkun ikkonsultat lill-Aġenzija,*** tadotta atti delegati skont l-Artikolu 68 ***li*** jissumplimentaw dan ir-Regolament, ***u jaġġornaw*** l-ammonti ta' pagamenti ta' kumpens pagabbli. ***L-att delegat għandu jiġi aġġornat kull ħames snin, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi fis-swieq tal-enerġija."***

Or. en

(32019R0943)

Ġustifikazzjoni

L-ammonti massimi sa fejn l-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni jistgħu jiġu kkumpensati talli jospitaw flussi transfruntieri jmorru lura għall-2010 u jeħtieġ li jiġu aġġornati b'mod urġenti. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat li jirrieżamina l-kumpens bejn it-TSOs u l-ammonti tiegħu kif xieraq.

Emenda 1239
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 30
Regolament (EU) 2024/1789
Artikolu 60

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	imħassar

Or. fr

Emenda 1240
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2024/1789
Artikolu 60 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha għandu jkun ibbażat fuq ix-xenarju ċentrali u r-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tas-sistema skont l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx] u għandu jinkludi l-immudellar tan-network tal-idroġenu integrat, prospett dwar l-adegwatezza tal-provvista Ewropea u valutazzjoni tal-kapaċità ta' rkupru tas-	Il-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha għandu jkun ibbażat fuq ix-xenarju ċentrali u r-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tas-sistema skont l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx] u għandu jinkludi l-immudellar tan-network tal-idroġenu integrat, prospett dwar l-adegwatezza tal-provvista Ewropea***, valutazzjoni tad-domanda tas-suq u tal-***

sistema.	***ħtiġijiet għall-ħolqien u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tat-trasport,*** u valutazzjoni tal-kapaċità ta' rkupru tas-sistema.

Or. en

Emenda 1241
Seán Kelly

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2024/1789
Artikolu 60 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha għandu jkun ibbażat fuq ix-xenarju ċentrali u r-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tas-sistema skont l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx] u għandu jinkludi l-immudellar tan-network tal-idroġenu integrat, prospett dwar l-adegwatezza tal-provvista Ewropea u valutazzjoni tal-kapaċità ta' rkupru tas-sistema.	Il-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha għandu jkun ibbażat fuq ix-xenarju ċentrali u r-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tas-sistema skont l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx] u għandu jinkludi l-immudellar ***u l-kalkolu tal-kostijiet*** tan-network tal-idroġenu integrat, prospett dwar l-adegwatezza tal-provvista Ewropea u valutazzjoni tal-kapaċità ta' rkupru tas-sistema.

Or. en

Emenda 1242
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2024/1789
Artikolu 60 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-	Il-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-

idroġenu għall-Unjoni kollha għandu jkun ibbażat fuq ix-xenarju ***ċentrali*** u r-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tas-sistema skont l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx] u għandu jinkludi l-immudellar tan-network tal-idroġenu integrat, prospett dwar l-adegwatezza tal-provvista Ewropea u valutazzjoni tal-kapaċità ta' rkupru tas-sistema.

idroġenu għall-Unjoni kollha għandu jkun ibbażat fuq ix-xenarju ***strateġiku tal-Unjoni*** u r-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tas-sistema skont l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx] u għandu jinkludi l-immudellar tan-network tal-idroġenu integrat, prospett dwar l-adegwatezza tal-provvista Ewropea u valutazzjoni tal-kapaċità ta' rkupru tas-sistema.

Or. en

Emenda 1243
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2024/1789
Artikolu 60 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-ACER għandha tagħti opinjoni dwar il-pjanijiet nazzjonali tal-iżvilupp tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu meta rilevanti biex tivvaluta l-konsistenza tagħhom mal-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha, inkluż il-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 3(6) u (7) tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx]. Jekk l-ACER tidentifika inkonsistenzi bejn pjan nazzjonali tal-iżvilupp tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu u l-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha, din għandha tirrakkomanda l-emendar kif xieraq tal-pjan nazzjonali tal-iżvilupp tan-network ta' trażmissjoni tal-idroġenu jew tal-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha, mhux aktar tard minn ***xahrejn*** wara li tirċievi l-pjan nazzjonali tal-iżvilupp tan-	2. L-ACER għandha tagħti opinjoni dwar il-pjanijiet nazzjonali tal-iżvilupp tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu meta rilevanti biex tivvaluta l-konsistenza tagħhom mal-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha, inkluż il-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 3(6) u (7) tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament TEN-E kif propost minn COM(2025)xxxx]. Jekk l-ACER tidentifika inkonsistenzi bejn pjan nazzjonali tal-iżvilupp tan-networks ta' trażmissjoni tal-idroġenu u l-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha, din għandha tirrakkomanda l-emendar kif xieraq tal-pjan nazzjonali tal-iżvilupp tan-network ta' trażmissjoni tal-idroġenu jew tal-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-idroġenu għall-Unjoni kollha, mhux aktar tard minn ***tliet xhur*** wara li tirċievi l-pjan nazzjonali tal-

network ta’ trażmissjoni tal-idroġenu.	iżvilupp tan-network ta’ trażmissjoni tal-idroġenu.

Or. en

Emenda 1244
Michael Bloss
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2024/1789
Artikolu 61 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ENNOH għandu jikkoopera mill-qrib mal-ENTSO għall-Elettriku u l-ENTSO għall-Gass biex jiżviluppaw pjanijiet integrati għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha skont l-Artikoli 32 u 60 ta’ dan ir-Regolament u l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2019/943 rispettivament.	3. L-ENNOH għandu jikkoopera mill-qrib mal-ENTSO għall-Elettriku u l-ENTSO għall-Gass biex jiżviluppaw pjanijiet integrati għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha skont l-Artikoli 32 u 60 ta’ dan ir-Regolament u l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2019/943 rispettivament. ***Ir-rwol tal-ENTSO għall-Gass għandu jkun limitat għal aspetti relatati mad-dekummissjonar tal-infrastruttura tal-gass fossili.***

Or. en

Emenda 1245
Michael Bloss
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2024/1789
Artikolu 61

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Ir-rwol tal-ENTSO għall-Gass u tar-rappreżentanti tas-settur tal-gass għandu jkun limitat għal aspetti relatati mad-dekummissjonar tal-infrastruttura tal-

gass fossili.

Or. en

Emenda 1246
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Regolament (UE) 2024/1789
Artikolu 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-Artikolu 32 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	"Artikolu 32
	Pjan ta' żvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha L-ENTSO għall-Gass għandu jadotta u jippubblika l-pjan ta' żvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha kull sentejn. Il-pjan ta' żvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha għandu jinkludi t-tfassil tan-network integrat, l-iżvilupp tax-xenarju, prospett dwar l-adegwatezza tal-provvista Ewropea u valutazzjoni tal-kapaċità ta' rkupru tas-sistema, inkluża l-infrastruttura li għandha tiġi dekummissjonata jew adattata għal skop ġdid.
	Il-pjan ta' żvilupp tan-network għall-gass naturali fl-Unjoni kollha għandu, b'mod partikolari:
	a) jibni fuq pjanijiet ta' investiment nazzjonali u l-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2022/869;
	b) rigward l-interkonnessjonijiet transfruntieri, jibni wkoll fuq il-ħtiġijiet raġonevoli tal-utenti differenti tan-network u jintegra impenji fit-tul mill-investituri, kif imsemmija fl-Artikolu 55(7) tad-Direttiva (UE) 2024/1788;

c) jidentifika l-lakuni fl-investiment, b'mod partikolari mal-kapaċitajiet transfruntieri; u

d) jivvaluta l-impatt tal-adattament tal-infrastruttura tal-gass għall-iskop ġdid tal-idroġenu u għal gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju oħra, jew żviluppi oħra tal-infrastruttura, speċjalment fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista u l-istabbiltà tas-sistema tal-enerġija kollha. Din il-valutazzjoni għandha tqis il-kriterji rilevanti ta' adattament għal skop ġdid.

Fir-rigward tat-tieni paragrafu, il-punt (c), mal-pjan tal-iżvilupp tan-network għall-gass naturali għall-Unjoni kollha jista' jinkludi rieżami tal-ostakli għaż-żieda fil-kapaċità transfruntiera tan-network li jirriżultaw minħabba proċeduri jew prattiki ta' approvazzjoni differenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Where transmission system operators in specific EU countries decide to repurpose gas infrastructure for hydrogen, the cross-border impacts of such repurposing on neighboring countries must be assessed. Beyond the immediately adjacent countries along the relevant corridors, the potential effects on third countries connected to, or indirectly affected by, these corridors should also be taken into account, as repurposing decisions may have wider system implications for security of supply, market functioning and network stability.The conclusions of the 10th Energy Infrastructure Forum in Copenhagen (CEIF) in June 2024, required ENNOH and ENTSOG to develop a report on criteria for repurposing natural gas infrastructure for hydrogen, which was finalised in November 2025 as requested by the 11th CEIF in June 2025. The described process represents just one possibility to be considered by relevant competent authorities within the Member States for the needed flexibility during the planning process. The findings of this report will be taken into account in the Ten-Year Network Development Plan 2026, as requested by the Forum.

Emenda 1247
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1a (ġdid)

Regolament (UE) 2024/1789
Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fl-Artikolu 32(1), jiżdied il-punt li ġej:
	"(ca) jivvaluta l-impatt tal-adattament tal-infrastruttura tal-gass għall-iskop ġdid tal-idroġenu u għal gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju oħra, jew żviluppi oħra tal-infrastruttura, speċjalment fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-enerġija kollha; dik il-valutazzjoni għandha tqis il-kriterji rilevanti ta' adattament għal skop ġdid."

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-adattament tal-infrastruttura tal-gass għall-iskop ġdid tal-idroġenu jista' jkollu implikazzjonijiet transfruntieri u sistemiċi sinifikanti, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista, il-funzjonament tas-suq u l-istabbiltà tan-network. Għalhekk huwa meħtieġ qafas ta' valutazzjoni usa' biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet ta' adattament għal skop differenti jibqgħu konsistenti mal-objettivi fit-tul tal-Unjoni dwar l-enerġija, il-klima u r-reżiljenza.

Emenda 1248
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 31	***imħassar***
Dispożizzjonijiet tranżizzjonali	
1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-għoti, il-kontinwazzjoni jew il-modifika tal-assistenza finanzjarja mogħtija mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40] u r-Regolament (UE) 2021/1153.	

2.

Kwalunkwe proċess għall-iżvilupp tal-metodoloġija tal-analiżi tal-kostbenefiċċji mibdija mill-ENTSO għall-Elettriku jew mill-ENNOH f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2022/869 qabel [id-data tad-dħul fis-seħħ/il-bidu tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] għandu jkompli skont l-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament.

Kwalunkwe pass imwettaq skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2022/869 għandu jitqies li tlesta skont id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament.

Kwalunkwe metodoloġija ta' analiżi tal-kostbenefiċċji tas-sistema tal-enerġija kollha approvata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) 2022/869 għandha titqies li ġiet approvata skont l-Artikolu 14(7) ta' dan ir-Regolament u għandha tibqa' valida sakemm tiġi ssostitwita b'metodoloġija ġdida ta' analiżi tal-kostbenefiċċji għas-sistema tal-enerġija kollha żviluppata skont l-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament.

3. Ix-xenarji konġunti li qed jiġu żviluppati mill-ENTSO għall-Elettriku, mill-ENTSO għall-Gass, u mill-ENNOH skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2022/869 għandhom ikomplu jiġu żviluppati u approvati mill-Kummissjoni skont il-proċedura stabbilita f'dak l-Artikolu. Dawk ix-xenarji konġunti, ladarba jiġu approvati mill-Kummissjoni, għandhom jitqiesu bħala xenarji ċentrali ta' referenza skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament u għandhom jibqgħu validi sakemm jiġu ssostitwiti b'xenarji ċentrali ta' referenza ġodda żviluppati skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.

4. L-Anness VII tar-Regolament (UE) 2022/869 li jistabbilixxi l-[__] lista tal-Unjoni ta' proġetti ta' interess komuni u proġetti ta' interess reċiproku kif ukoll l-Artikoli [___] tar-Regolament (UE) 2022/869, u l-Annessi [___] ta' dak ir-

Regolament, għandhom ikomplu japplikaw għall-proġetti ta' interess komuni u l-proġetti ta' interess reċiproku inklużi fil-[__] lista tal-Unjoni sakemm jibda japplika l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 3(4) ta' dan ir-Regolament li jistabbilixxi l-ewwel lista tal-Unjoni.

---

[40] Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129, http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1316/oj.

Or. fr

Emenda 1249
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-Regolament (UE) 2022/869 huwa mħassar. ***Ir-referenzi kollha għar-Regolament (UE) 2022/869 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.***	Ir-Regolament (UE) 2022/869 huwa mħassar.

Or. fr

Emenda 1250
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 3 – punt 1 – punt 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

L-interkonnessjonijiet tal-elettriku Tramuntana-Nofsinhar fil-Punent tal-Ewropa (NSI West Electricity): interkonnessjonijiet bejn l-Istati Membri tar-reġjun u maż-żona tal-Mediterran inkluża l-peniżola Iberika, b'mod partikolari biex ***jiġi integrat l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli,*** jissaħħu l-infrastrutturi tal-grilja interna biex titrawwem l-integrazzjoni tas-suq fir-reġjun u biex jintemm l-iżolament tal-Irlanda, biex jiżdiedu s-sigurtà tal-provvista u s-sigurtà tan-network***, u biex jiġu żgurati l-estensjonijiet neċessarji fuq l-art tal-grilji fil-baħar għall-enerġija rinnovabbli u r-rinfurzar tal-grilja domestika neċessarju biex tiġi żgurata grilja ta' trażmissjoni adegwata u affidabbli u biex jiġi pprovdut l-elettriku ġġenerat fil-baħar lill-Istati Membri mingħajr kosta***.	L-interkonnessjonijiet tal-elettriku Tramuntana-Nofsinhar fil-Punent tal-Ewropa (NSI West Electricity): interkonnessjonijiet bejn l-Istati Membri tar-reġjun u maż-żona tal-Mediterran inkluża l-peniżola Iberika, b'mod partikolari biex jissaħħu l-infrastrutturi tal-grilja interna biex titrawwem l-integrazzjoni tas-suq fir-reġjun u biex jintemm l-iżolament tal-Irlanda, biex jiżdiedu s-sigurtà tal-provvista u s-sigurtà tan-network.

Or. fr

Emenda 1251
Christophe Grudler, Bart Groothuis, Michael McNamara, Sophie Wilmès

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 3 – punt 1 – punt 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-interkonnessjonijiet tal-elettriku Tramuntana-Nofsinhar fil-Punent tal-Ewropa (NSI West Electricity): interkonnessjonijiet bejn l-Istati Membri tar-reġjun u maż-żona tal-Mediterran inkluża l-peniżola Iberika, b'mod partikolari biex jiġi integrat l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, jissaħħu l-infrastrutturi tal-grilja interna biex titrawwem l-integrazzjoni tas-suq fir-reġjun u biex jintemm l-iżolament tal-Irlanda, biex jiżdiedu s-sigurtà tal-provvista u s-sigurtà tan-network, u biex jiġu żgurati l-estensjonijiet neċessarji fuq l-art tal-grilji fil-baħar għall-enerġija	L-interkonnessjonijiet tal-elettriku Tramuntana-Nofsinhar fil-Punent tal-Ewropa (NSI West Electricity): interkonnessjonijiet bejn l-Istati Membri tar-reġjun u maż-żona tal-Mediterran inkluża l-peniżola Iberika, b'mod partikolari biex jiġi integrat l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli ***u oħrajn mhux fossili***, jissaħħu l-infrastrutturi tal-grilja interna biex titrawwem l-integrazzjoni tas-suq fir-reġjun u biex jintemm l-iżolament tal-Irlanda, biex jiżdiedu s-sigurtà tal-provvista u s-sigurtà tan-network, u biex jiġu żgurati l-estensjonijiet neċessarji fuq l-

rinnovabbli u r-rinfurzar tal-grilja domestika neċessarju biex tiġi żgurata grilja ta' trażmissjoni adegwata u affidabbli u biex jiġi pprovdut l-elettriku ġġenerat fil-baħar lill-Istati Membri mingħajr kosta.	art tal-grilji fil-baħar għall-enerġija rinnovabbli u r-rinfurzar tal-grilja domestika neċessarju biex tiġi żgurata grilja ta' trażmissjoni adegwata u affidabbli u biex jiġi pprovdut l-elettriku ġġenerat fil-baħar lill-Istati Membri mingħajr kosta.

Or. en

Emenda 1252
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 3 – punt 1 – punt 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-interkonnessjonijiet tal-elettriku Tramuntana-Nofsinhar fil-Lvant Ċentrali u fix-Xlokk tal-Ewropa (NSI East Electricity): interkonnessjonijiet, u linji interni fid-direzzjonijiet Tramuntana-Nofsinhar u Lvant-Punent biex ***jitlesta s-suq intern, tiġi integrata l-ġenerazzjoni minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli biex*** jintemm l-iżolament ta' Ċipru, jiżdiedu s-sigurtà tal-provvista u s-sigurtà tan-network, u ***biex jiġu żgurati l-estensjonijiet neċessarji fuq l-art tal-grilji fil-baħar għall-enerġija rinnovabbli u*** r-rinfuzar tal-grilja domestika neċessarja biex tiġi żgurata grilja ta' trażmissjoni adegwata u affidabbli ***u biex jiġi pprovdut l-elettriku ġġenerat fil-baħar lill-Istati Membri mingħajr kosta***.	L-interkonnessjonijiet tal-elettriku Tramuntana-Nofsinhar fil-Lvant Ċentrali u fix-Xlokk tal-Ewropa (NSI East Electricity): interkonnessjonijiet, u linji interni fid-direzzjonijiet Tramuntana-Nofsinhar u Lvant-Punent biex jintemm l-iżolament ta' Ċipru, jiżdiedu s-sigurtà tal-provvista u s-sigurtà tan-network, u r-rinfuzar tal-grilja domestika neċessarja biex tiġi żgurata grilja ta' trażmissjoni adegwata u affidabbli.

Or. fr

Emenda 1253
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 3 – punt 1 – punt 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq tal-Enerġija tal-Baltiku fl-elettriku (BEMIP Electricity, Baltic Energy Market Interconnection Plan In Electricity): interkonnessjonijiet bejn l-Istati Membri u linji interni fir-reġjun Baltiku, biex titrawwem l-integrazzjoni tas-suq filwaqt li ***jiġi integrat is-sehem dejjem akbar tal-enerġija rinnovabbli fir-reġjun, u biex*** jiżdiedu s-sigurtà tal-provvista u s-sigurtà tan-network.	Il-Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq tal-Enerġija tal-Baltiku fl-elettriku (BEMIP Electricity, Baltic Energy Market Interconnection Plan In Electricity): interkonnessjonijiet bejn l-Istati Membri u linji interni fir-reġjun Baltiku, biex titrawwem l-integrazzjoni tas-suq filwaqt li jiżdiedu s-sigurtà tal-provvista u s-sigurtà tan-network.

Or. fr

Emenda 1254
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 3 – punt 2 – punt 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-grilji fil-baħar tal-Ibħra tat-Tramuntana (NSOG, Northern Seas Offshore Grids): l-iżvilupp ta' grilja tal-elettriku fil-baħar, l-iżvilupp ta' grilja integrata tal-elettriku fil-baħar, kif ukoll, fejn xieraq, l-iżvilupp ta' grilja tal-idroġenu u l-interkonnetturi relatati fil-Baħar tat-Tramuntana, fil-Baħar Irlandiż, fil-Baħar Ċeltiku, fil-Kanal Ingliż, u fl-ilmijiet ġirien ***għat-trasport tal-elettriku jew, fejn xieraq, tal-idroġenu minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli tal-baħar lejn ċentri ta' konsum u ta' ħżin jew għaż-żieda tal-iskambju transfruntier tal-enerġija rinnovabbli***.	Il-grilji fil-baħar tal-Ibħra tat-Tramuntana (NSOG, Northern Seas Offshore Grids): l-iżvilupp ta' grilja tal-elettriku fil-baħar, l-iżvilupp ta' grilja integrata tal-elettriku fil-baħar, kif ukoll, fejn xieraq, l-iżvilupp ta' grilja tal-idroġenu u l-interkonnetturi relatati fil-Baħar tat-Tramuntana, fil-Baħar Irlandiż, fil-Baħar Ċeltiku, fil-Kanal Ingliż, u fl-ilmijiet ġirien.

Or. fr

Emenda 1255
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 3 – punt 2 – punt 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-grilji fil-baħar tal-Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq tal-Enerġija tal-Baltiku (BEMIP offshore): l-iżvilupp ta' grilja tal-elettriku fil-baħar, l-iżvilupp ta' grilja integrata tal-elettriku fil-baħar, kif ukoll, fejn xieraq, l-iżvilupp ta' grilja tal-idroġenu u l-interkonnetturi relatati fil-Baħar Baltiku u fl-ilmijiet ġirien ***għat-trasport tal-elettriku jew, fejn xieraq, tal-idroġenu minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli tal-baħar lejn ċentri ta' konsum u ta' ħżin jew għaż-żieda tal-iskambju transfruntier tal-enerġija rinnovabbli***.	Il-grilji fil-baħar tal-Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq tal-Enerġija tal-Baltiku (BEMIP offshore): l-iżvilupp ta' grilja tal-elettriku fil-baħar, l-iżvilupp ta' grilja integrata tal-elettriku fil-baħar, kif ukoll, fejn xieraq, l-iżvilupp ta' grilja tal-idroġenu u l-interkonnetturi relatati fil-Baħar Baltiku u fl-ilmijiet ġirien.

Or. fr

Emenda 1256
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 3 – punt 2 – punt 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-grilji fil-baħar fin-Nofsinhar u fil-Punent (SW offshore): l-iżvilupp ta' grilja tal-elettriku fil-baħar, l-iżvilupp ta' grilja integrata tal-elettriku fil-baħar, kif ukoll, fejn xieraq, l-iżvilupp ta' grilja tal-idroġenu u l-interkonnetturi relatati fil-Baħar Mediterran, inkluż fil-Golf ta' Cadiz, u fl-ilmijiet ġirien ***għat-trasport tal-elettriku jew, fejn xieraq, tal-idroġenu minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli tal-baħar lejn ċentri ta' konsum u ta' ħżin jew għaż-żieda tal-iskambju transfruntier tal-enerġija rinnovabbli***.	Il-grilji fil-baħar fin-Nofsinhar u fil-Punent (SW offshore): l-iżvilupp ta' grilja tal-elettriku fil-baħar, l-iżvilupp ta' grilja integrata tal-elettriku fil-baħar, kif ukoll, fejn xieraq, l-iżvilupp ta' grilja tal-idroġenu u l-interkonnetturi relatati fil-Baħar Mediterran, inkluż fil-Golf ta' Cadiz, u fl-ilmijiet ġirien.

Or. fr

Emenda 1257
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 3 – punt 2 – punt 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-grilji fil-baħar fin-Nofsinhar u l-Lvant (SE offshore): l-iżvilupp ta' grilja tal-elettriku fil-baħar, l-iżvilupp ta' grilja integrata tal-elettriku fil-baħar, kif ukoll, fejn xieraq, l-iżvilupp ta' grilja tal-idroġenu u l-interkonnetturi relatati fil-Baħar Mediterran, fil-Baħar l-Iswed u fl-ilmijiet ġirien ***għat-trasport tal-elettriku jew, fejn xieraq, tal-idroġenu minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli tal-baħar lejn ċentri ta' konsum u ta' ħżin jew għaż-żieda tal-iskambju transfruntier tal-enerġija rinnovabbli***.	Il-grilji fil-baħar fin-Nofsinhar u l-Lvant (SE offshore): l-iżvilupp ta' grilja tal-elettriku fil-baħar, l-iżvilupp ta' grilja integrata tal-elettriku fil-baħar, kif ukoll, fejn xieraq, l-iżvilupp ta' grilja tal-idroġenu u l-interkonnetturi relatati fil-Baħar Mediterran, fil-Baħar l-Iswed u fl-ilmijiet ġirien.

Or. fr

Emenda 1258
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 3 – punt 2 – punt 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-grilji fil-baħar fl-Atlantiku: l-iżvilupp ta' grilja tal-elettriku fil-baħar, l-iżvilupp ta' grilja integrata tal-elettriku fil-baħar u l-interkonnetturi relatati fl-ilmijiet tat-Tramuntana tal-Oċean Atlantiku ***għat-trasport tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli tal-baħar lejn ċentri ta' konsum u ta' ħżin u għaż-żieda tal-iskambju transfruntier tal-elettriku***.	Il-grilji fil-baħar fl-Atlantiku: l-iżvilupp ta' grilja tal-elettriku fil-baħar, l-iżvilupp ta' grilja integrata tal-elettriku fil-baħar u l-interkonnetturi relatati fl-ilmijiet tat-Tramuntana tal-Oċean Atlantiku.

Or. fr

Emenda 1259

Angelika Winzig

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 3 – punt 3 – punt 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-interkonnessjonijiet tal-idroġenu fil-Punent tal-Ewropa (HI West): l-infrastruttura tal-idroġenu u l-adattament għal skop differenti tal-infrastruttura tal-gass, li jippermetti l-ħolqien ta' pedament tal-idroġenu integrat, direttament jew indirettament (permezz ta' interkonnessjoni ma' pajjiż terz), li jgħaqqad il-pajjiżi tar-reġjun u jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-infrastruttura tagħhom għall-idroġenu b'appoġġ għall-ħolqien ta' network għall-UE kollha għat-trasport tal-idroġenu fl-Unjoni.	L-interkonnessjonijiet tal-idroġenu fil-Punent tal-Ewropa (HI West): l-infrastruttura tal-idroġenu u l-adattament għal skop differenti tal-infrastruttura tal-gass, li jippermetti l-ħolqien ta' pedament tal-idroġenu integrat, direttament jew indirettament (permezz ta' interkonnessjoni ma' pajjiż terz), li jgħaqqad il-pajjiżi tar-reġjun u jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-infrastruttura tagħhom għall-idroġenu b'appoġġ għall-ħolqien ta' network għall-UE kollha għat-trasport tal-idroġenu fl-Unjoni ***filwaqt li jiġu żgurati s-sigurtà tal-provvista, is-sigurtà tan-network u ċ-ċibersigurtà***.

Or. en

Emenda 1260
Bruno Gonçalves

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 3 – punt 3 – punt 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-interkonnessjonijiet tal-idroġenu fil-Punent tal-Ewropa (HI West): l-infrastruttura tal-idroġenu ***u*** l-adattament għal skop differenti tal-infrastruttura tal-gass, li jippermetti l-ħolqien ta' pedament tal-idroġenu integrat, direttament jew indirettament (permezz ta' interkonnessjoni ma' pajjiż terz), li jgħaqqad il-pajjiżi tar-reġjun u jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-infrastruttura tagħhom għall-idroġenu b'appoġġ għall-ħolqien ta' network għall-UE kollha għat-trasport tal-idroġenu fl-Unjoni.	L-interkonnessjonijiet tal-idroġenu fil-Punent tal-Ewropa (HI West): l-infrastruttura tal-idroġenu***, inklużi*** l-adattament għal skop differenti tal-infrastruttura tal-gass ***u l-iżvilupp ta' terminals tal-importazzjoni jew tad-dispaċċ***, li jippermetti l-ħolqien ta' pedament tal-idroġenu integrat, direttament jew indirettament (permezz ta' interkonnessjoni ma' pajjiż terz), li jgħaqqad il-pajjiżi tar-reġjun u jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-infrastruttura tagħhom għall-idroġenu b'appoġġ għall-ħolqien ta' network għall-UE kollha għat-trasport tal-

idroġenu fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 1261
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 3 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. KURITURI PRIJORITARJI GĦALL-PROTEZZJONI U R-REŻILJENZA TAS-SISTEMI KRITIĊI TAL-ENERĠIJA
	(11a) Il-protezzjoni tal-infrastruttura tal-enerġija fl-Ewropa tal-Punent (EIP WEST): it-tishiħ tal-protezzjoni fiżika u tar-reżiljenza operazzjonali tal-infrastruttura tal-enerġija eżistenti essenzjali għat-tħaddim sikur, sigur u effiċjenti tas-sistemi tal-enerġija ta' rilevanza transfruntiera, b'mod partikolari l-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-mitigazzjoni jew ir-rispons għal atti ta' sabotaġġ jew interferenza fiżika malizzjuża oħra.
	L-Istati Membri kkonċernati: il-Belġju, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Portugall.
	(11b) Il-protezzjoni tal-infrastruttura tal-enerġija fil-Lvant Ċentrali u fix-Xlokk tal-Ewropa (EIP EAST): it-tishiħ tal-protezzjoni fiżika u tar-reżiljenza operazzjonali tal-infrastruttura tal-enerġija eżistenti essenzjali għat-tħaddim sikur, sigur u effiċjenti tas-sistemi tal-enerġija ta' rilevanza transfruntiera, b'mod partikolari l-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-mitigazzjoni jew ir-rispons għal atti ta' sabotaġġ jew interferenza

fiżika malizzjuża oħra.

L-Istati Membri kkonċernati: il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja.

(11c) Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq tal-Enerġija tal-Baltiku fil-protezzjoni tal-infrastruttura tal-enerġija (EIP BEMIP): it-tishiħ tal-protezzjoni fiżika u tar-reżiljenza operazzjonali tal-infrastruttura tal-enerġija eżistenti essenzjali għat-tħaddim sikur, sigur u effiċjenti tas-sistemi tal-enerġija ta' rilevanza transfruntiera, b'mod partikolari l-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-mitigazzjoni jew ir-rispons għal atti ta' sabotaġġ jew interferenza fiżika malizzjuża oħra.

L-Istati Membri kkonċernati: id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Finlandja u l-Iżvezja.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The proposed amendments aim to explicitly recognise protection and resilience investments concerning existing critical energy systems as eligible for inclusion as Projects of Common Interest (PCIs), where such investments address risks of sabotage, physical interference and hybrid threats.Recent geopolitical developments and evolving security risks have demonstrated that critical energy infrastructure – including electricity, gas, crude oil, in the future hydrogen and CO2 – constitutes strategic infrastructure for the functioning of the internal energy market and the security of supply of the Union.The protection of existing energy infrastructure strengthens system reliability and reduces the risk of disruptions affecting multiple Member States.By explicitly linking eligibility to cross-border benefits and cost-benefit analysis, the amendments ensure that PCI status is granted only where projects contribute to security of supply, network resilience and enhanced solidarity between Member States.The amendments close a regulatory gap by ensuring that resilience-enhancing investments aimed at safeguarding existing electricity, gas, crude oil, hydrogen and CO2 infrastructure may qualify for PCI status where cross-border benefits are demonstrated. At the same time, the proposal for the TEN-E regulation already provides for the possibility of granting PCI status to projects that protect electricity and CO2 infrastructure as part of strengthening the resilience and security of critical energy networks.

Emenda 1262

Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 3 – punt 4 – punt 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-varar ta' grilji intelliġenti tal-elettriku: l-adozzjoni ta' teknoloġiji ta' grilji intelliġenti madwar l-Unjoni biex jintegraw b'mod effiċjenti l-imġiba u l-azzjonijiet tal-utenti kollha konnessi man-network tal-elettriku***, b'mod partikolari l-ġenerazzjoni ta' ammonti kbar ta' elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew distribwiti u r-rispons tad-domanda mill-konsumaturi, il-ħżin tal-enerġija, il-vetturi elettriċi u sorsi oħra ta' flessibbiltà u, barra minn hekk, fir-rigward tal-ġejjer u tas-sistemi tal-ġejjer, it-tnaqqis tal-iżolament fil-qasam tal-enerġija, l-appoġġ għal soluzzjonijiet innovattivi u oħrajn li jinvolvu mill-inqas żewġ Stati Membri b'impatt pożittiv sinifikanti fuq il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050, u l-kontribut sinifikanti għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-enerġija tal-ġejjer u dik tal-Unjoni***.	Il-varar ta' grilji intelliġenti tal-elettriku: l-adozzjoni ta' teknoloġiji ta' grilji intelliġenti madwar l-Unjoni biex jintegraw b'mod effiċjenti l-imġiba u l-azzjonijiet tal-utenti kollha konnessi man-network tal-elettriku.

Or. fr

Emenda 1263
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 3 – punt 4 – punt 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-varar ta' grilji intelliġenti tal-elettriku: l-adozzjoni ta' teknoloġiji ta' grilji intelliġenti madwar l-Unjoni biex jintegraw b'mod effiċjenti l-imġiba u l-azzjonijiet tal-utenti kollha konnessi man-network tal-elettriku, b'mod partikolari l-ġenerazzjoni ta' ammonti kbar ta' elettriku minn sorsi	Il-varar ta' grilji intelliġenti tal-elettriku: l-adozzjoni ta' teknoloġiji ta' grilji intelliġenti madwar l-Unjoni biex jintegraw b'mod effiċjenti l-imġiba u l-azzjonijiet tal-utenti kollha konnessi man-network tal-elettriku, b'mod partikolari l-ġenerazzjoni ta' ammonti kbar ta' elettriku minn sorsi

ta' enerġija ***rinnovabbli jew distribwiti*** u r-rispons tad-domanda mill-konsumaturi, il-ħżin tal-enerġija, il-vetturi elettriċi u sorsi oħra ta' flessibbiltà u, barra minn hekk, fir-rigward tal-gżejjer u tas-sistemi tal-gżejjer, it-tnaqqis tal-iżolament fil-qasam tal-enerġija, l-appoġġ għal soluzzjonijiet innovattivi u oħrajn ***li jinvolvu mill-inqas żewġ Stati Membri*** b'impatt pożittiv sinifikanti ***fuq il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050***, u l-kontribut sinifikanti għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-enerġija tal-gżejjer u dik tal-Unjoni.	ta' enerġija u r-rispons tad-domanda mill-konsumaturi, il-ħżin tal-enerġija, il-vetturi elettriċi ***għall-konsumaturi li jagħżluhom*** u sorsi oħra ta' flessibbiltà u, barra minn hekk, fir-rigward tal-gżejjer u tas-sistemi tal-gżejjer, it-tnaqqis tal-iżolament fil-qasam tal-enerġija, l-appoġġ għal soluzzjonijiet innovattivi u oħrajn b'impatt pożittiv sinifikanti, u l-kontribut sinifikanti għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-enerġija tal-gżejjer u dik tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1264
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 3 – punt 4 – punt 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-varar ta' grilji intelliġenti tal-elettriku: l-adozzjoni ta' teknoloġiji ta' grilji intelliġenti madwar l-Unjoni biex jintegraw b'mod effiċjenti ***l-imġiba u l-azzjonijiet*** tal-utenti kollha konnessi man-network tal-elettriku, b'mod partikolari l-ġenerazzjoni ta' ammonti kbar ta' elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew distribwiti u r-rispons tad-domanda mill-konsumaturi, il-ħżin tal-enerġija, il-vetturi elettriċi u sorsi oħra ta' flessibbiltà u, barra minn hekk, fir-rigward tal-gżejjer u tas-sistemi tal-gżejjer, it-tnaqqis tal-iżolament fil-qasam tal-enerġija, l-appoġġ għal soluzzjonijiet innovattivi u oħrajn li jinvolvu mill-inqas żewġ Stati Membri b'impatt pożittiv sinifikanti fuq il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050, u l-kontribut sinifikanti għas-sostenibbiltà tas-sistema	Il-varar ta' grilji intelliġenti tal-elettriku: l-adozzjoni ta' teknoloġiji ta' grilji intelliġenti madwar l-Unjoni biex jintegraw b'mod effiċjenti ***l-parteċipazzjoni attiva*** tal-utenti kollha konnessi man-network tal-elettriku, b'mod partikolari l-ġenerazzjoni ta' ammonti kbar ta' elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew distribwiti u r-rispons tad-domanda mill-konsumaturi, il-ħżin tal-enerġija, il-vetturi elettriċi u sorsi oħra ta' flessibbiltà ***mhux fossili, biex jikkontribwixxu għall-adattament għat-tibdil fil-klima tan-network tal-elettriku,*** u, barra minn hekk, fir-rigward tal-gżejjer u tas-sistemi tal-gżejjer, it-tnaqqis tal-iżolament fil-qasam tal-enerġija, l-appoġġ għal soluzzjonijiet innovattivi u oħrajn li jinvolvu mill-inqas żewġ Stati Membri b'impatt pożittiv sinifikanti fuq il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv

tal-enerġija tal-ġejjer u dik tal-Unjoni.	tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050, u l-kontribut sinifikanti għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-enerġija tal-ġejjer u dik tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1265
Bruno Tobback, Nicolás González Casares, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 3 – punt 4 – punt 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-varar ta' grilji intelliġenti tal-elettriku: l-adozzjoni ta' teknoloġiji ta' grilji intelliġenti madwar l-Unjoni biex jintegraw b'mod effiċjenti l-imġiba u l-azzjonijiet tal-utenti kollha konnessi man-network tal-elettriku, b'mod partikolari l-ġenerazzjoni ta' ammonti kbar ta' elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew distribwiti u r-rispons tad-domanda mill-konsumaturi, il-ħżin tal-enerġija, il-vetturi elettriċi u sorsi oħra ta' flessibbiltà u, barra minn hekk, fir-rigward tal-ġejjer u tas-sistemi tal-ġejjer, it-tnaqqis tal-iżolament fil-qasam tal-enerġija, l-appoġġ għal soluzzjonijiet innovattivi u oħrajn ***li jinvolvu mill-inqas żewġ Stati Membri*** b'impatt pożittiv sinifikanti fuq il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050, u l-kontribut sinifikanti għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-enerġija tal-ġejjer u dik tal-Unjoni.	Il-varar ta' grilji intelliġenti tal-elettriku: l-adozzjoni ta' teknoloġiji ta' grilji intelliġenti madwar l-Unjoni biex jintegraw b'mod effiċjenti l-imġiba u l-azzjonijiet tal-utenti kollha konnessi man-network tal-elettriku, b'mod partikolari l-ġenerazzjoni ta' ammonti kbar ta' elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew distribwiti u r-rispons tad-domanda mill-konsumaturi, il-ħżin tal-enerġija, il-vetturi elettriċi u sorsi oħra ta' flessibbiltà ***mhux fossili*** u, barra minn hekk, fir-rigward tal-ġejjer u tas-sistemi tal-ġejjer, it-tnaqqis tal-iżolament fil-qasam tal-enerġija, l-appoġġ għal soluzzjonijiet innovattivi u oħrajn b'impatt pożittiv sinifikanti fuq il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050, u l-kontribut sinifikanti għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-enerġija tal-ġejjer u dik tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1266
Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 3 – punt 4 – punt 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
In-network transfruntier tad-diossidu tal-karbonju: l-iżvilupp ta' infrastruttura għat-trasport u għall-ħżin tad-diossidu tal-karbonju bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi ġirien tal-qbid u tal-ħżin tad-diossidu tal-karbonju maqbud mill-installazzjonijiet industrijali bil-ħsieb ta' ħżin ġeoloġiku permanenti, kif ukoll għall-utilizzazzjoni tad-diossidu tal-karbonju għal gassijiet gassużi sintetiċi li jwassal għan-newtralizzazzjoni permanenti tad-diossidu tal-karbonju.	In-network transfruntier tad-diossidu tal-karbonju: l-iżvilupp ta' infrastruttura għat-trasport u għall-ħżin tad-diossidu tal-karbonju bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi ġirien tal-qbid u tal-ħżin tad-diossidu tal-karbonju maqbud mill-installazzjonijiet industrijali bil-ħsieb ta' ħżin ġeoloġiku permanenti, kif ukoll għall-utilizzazzjoni tad-diossidu tal-karbonju għal gassijiet gassużi sintetiċi li jwassal għan-newtralizzazzjoni permanenti tad-diossidu tal-karbonju. ***Min-naħa tat-trasport, l-infrastruttura tista' twassal għall-interkonnessjoni tas-sorsi industrijali tas-CO2 u taż-żoni ġeografiċi, bl-użu ta' mill-inqas żewġ modi differenti ta' trasport, inklużi pipelines, tbaħħir, ferroviji, jew toroq, u bl-integrazzjoni tal-likwefazzjoni, il-ħżin temporanju, u l-faċilitajiet tat-tagħbija li jaggregaw is-CO2 minn sorsi multipli.***

Or. en

Emenda 1267
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 3 – punt 4 – punt 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
In-network transfruntier tad-diossidu tal-karbonju: l-iżvilupp ta' infrastruttura għat-trasport u għall-ħżin tad-diossidu tal-karbonju bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi ġirien ***tal-qbid u tal-ħżin*** tad-diossidu tal-karbonju ***maqbud*** mill-installazzjonijiet industrijali bil-ħsieb ta' ħżin ġeoloġiku permanenti, ***kif ukoll għall-utilizzazzjoni tad-diossidu tal-karbonju għal gassijiet gassużi sintetiċi li jwassal għan-newtralizzazzjoni permanenti tad-diossidu tal-karbonju.***	In-network transfruntier tad-diossidu tal-karbonju: l-iżvilupp ta' infrastruttura għat-trasport u għall-ħżin tad-diossidu tal-karbonju bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi ġirien ***ta' emissjonijiet inevitabbli*** tad-diossidu tal-karbonju mill-installazzjonijiet industrijali ***maqbud permezz ta' tagħmir b'rata ta' effiċjenza ta' mill-inqas 95 %*** bil-ħsieb ta' ħżin ġeoloġiku permanenti***.***

Or. en

Emenda 1268
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 3 – punt 4 – punt 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Infrastruttura tal-gass intelliġenti: l-adozzjoni ta' teknoloġiji tal-infrastruttura tal-gass intelliġenti madwar l-Unjoni biex jiġu integrati b'mod effiċjenti diversi sorsi tal-gass b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u b'mod partikolari rinnovabbli fin-network tal-gass, l-appoġġ għall-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi u diġitali għal ġestjoni flessibbli u interoperabbli tan-network, inkluża l-ġestjoni tal-kwalità tal-gass, u l-iffaċilitar tal-integrazzjoni intelliġenti tas-sistema tal-enerġija u r-rispons għad-domanda.
	L-Istati Membri kkonċernati: kollha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

This amendment reinstates smart gas infrastructure as a dedicated TEN-E priority area in order to support the integration of renewable and low-carbon gases, improve network interoperability and strengthen the technology-neutral approach of the Regulation. Smart gas infrastructure can facilitate more efficient system integration and support the resilience and flexibility of the Union energy system. As the Proposal expressly removes the smart gas grid category, reintroducing it is necessary to avoid excluding infrastructure that can facilitate the integration of renewable gases into existing gas networks.

Emenda 1269
Virgil-Daniel Popescu, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-linji ta' trażmissjoni fl-ajru b'vultaġġ għoli u għoli ħafna, li jaqsmu fruntiera jew fi ħdan territorju ta' Stat Membru inkluża ż-żona ekonomika esklużiva, jekk ikunu tfasslu għal vultaġġ ta' 220 kV jew aktar, u kejbils għat-trażmissjoni taħt l-art u sottomarini, jekk ikunu tfasslu għal vultaġġ ta' 150 kV jew aktar. Għall-Istati Membri u għal sistemi iżolati żgħar b'sistema ta' trażmissjoni ġenerali b'vultaġġ aktar baxx, dawk il-livelli limitu tal-vultaġġ huma ugwali għall-ogħla livell ta' vultaġġ fis-sistemi tal-elettriku rispettivi tagħhom;	(a) il-linji ta' trażmissjoni fl-ajru b'vultaġġ għoli u għoli ħafna, li jaqsmu fruntiera jew fi ħdan territorju ta' Stat Membru inkluża ż-żona ekonomika esklużiva, jekk ikunu tfasslu għal vultaġġ ta' 220 kV jew aktar, u kejbils għat-trażmissjoni taħt l-art u sottomarini, jekk ikunu tfasslu għal vultaġġ ta' 150 kV jew aktar. ***Din il-kategorija tinkludi linji tat-trażmissjoni u kejbils li jużaw konduttturi b'teknoloġija avvanzata, inklużi superkondutturi u konduttturi avvanzati fl-ajru.*** Għall-Istati Membri u għal sistemi iżolati żgħar b'sistema ta' trażmissjoni ġenerali b'vultaġġ aktar baxx, dawk il-livelli limitu tal-vultaġġ huma ugwali għall-ogħla livell ta' vultaġġ fis-sistemi tal-elettriku rispettivi tagħhom;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tiżgura li l-konduttturi b'teknoloġiji avvanzati, inklużi s-superkondutturi, ikunu koperti b'mod espliċitu mid-definizzjoni ta' infrastruttura ta' trażmissjoni. Teknoloġiji bħal dawn jistgħu jżidu b'mod sinifikanti l-kapaċità tat-trażmissjoni u l-effiċjenza tan-network filwaqt li jappoġġjaw l-ottimizzazzjoni tal-kurituri tal-infrastruttura eżistenti. Is-superkondutturi jistgħu jżidu l-kapaċità tat-trasferiment tal-enerġija meta mqabbla ma' kejbils konvenzjonali filwaqt li joperaw b'effiċjenza ogħla.

Emenda 1270
Seán Kelly

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-linji ta' trażmissjoni fl-ajru b'vultaġġ għoli u għoli ħafna, li jaqsmu fruntiera jew fi ħdan territorju ta' Stat Membru inkluża ż-żona ekonomika	(a) il-linji ta' trażmissjoni fl-ajru b'vultaġġ għoli u għoli ħafna, li jaqsmu fruntiera jew fi ħdan territorju ta' Stat Membru inkluża ż-żona ekonomika

eskluživa, jekk ikunu tfasslu għal vultaġġ ta' 220 kV jew aktar, u kejbils għat-trażmissjoni taħt l-art u sottomarini, jekk ikunu tfasslu għal vultaġġ ta' 150 kV jew aktar. Għall-Istati Membri u għal sistemi iżolati żgħar b'sistema ta' trażmissjoni ġenerali b'vultaġġ aktar baxx, dawk il-livelli limitu tal-vultaġġ huma ugwali għall-ogħla livell ta' vultaġġ fis-sistemi tal-elettriku rispettivi tagħhom;	eskluživa, jekk ikunu tfasslu għal vultaġġ ta' 220 kV jew aktar, u kejbils għat-trażmissjoni taħt l-art u sottomarini, jekk ikunu tfasslu għal vultaġġ ta' 150 kV jew aktar. ***Din il-kategorija tinkludi linji tat-trażmissjoni u kejbils li jużaw konduttturi b'teknoloġija avvanzata, inklużi superkondutturi u konduttturi avvanzati fl-ajru.*** Għall-Istati Membri u għal sistemi iżolati żgħar b'sistema ta' trażmissjoni ġenerali b'vultaġġ aktar baxx, dawk il-livelli limitu tal-vultaġġ huma ugwali għall-ogħla livell ta' vultaġġ fis-sistemi tal-elettriku rispettivi tagħhom;

Or. en

Emenda 1271
Bruno Gonçalves

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-linji ta' trażmissjoni fl-ajru b'vultaġġ għoli u għoli ħafna, li jaqsmu fruntiera jew fi ħdan territorju ta' Stat Membru inkluża ż-żona ekonomika eskluživa***, *jekk ikunu tfasslu għal vultaġġ ta' 220 kV jew aktar***, u kejbils għat-trażmissjoni taħt l-art u sottomarini, jekk ikunu tfasslu għal vultaġġ ta' 150 kV jew aktar. Għall-Istati Membri u għal sistemi iżolati żgħar b'sistema ta' trażmissjoni ġenerali b'vultaġġ aktar baxx, dawk il-livelli limitu tal-vultaġġ huma ugwali għall-ogħla livell ta' vultaġġ fis-sistemi tal-elettriku rispettivi tagħhom;	(a) il-linji ta' trażmissjoni fl-ajru b'vultaġġ għoli u għoli ħafna, li jaqsmu fruntiera jew fi ħdan territorju ta' Stat Membru inkluża ż-żona ekonomika eskluživa, u kejbils għat-trażmissjoni taħt l-art u sottomarini, jekk ikunu tfasslu għal vultaġġ ta' 150 kV jew aktar. Għall-Istati Membri u għal sistemi iżolati żgħar b'sistema ta' trażmissjoni ġenerali b'vultaġġ aktar baxx, dawk il-livelli limitu tal-vultaġġ huma ugwali għall-ogħla livell ta' vultaġġ fis-sistemi tal-elettriku rispettivi tagħhom;

Or. en

Emenda 1272
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni li jaqgħu taħt il-kategorija tal-infrastruttura tal-enerġija msemmija fil-punt (a) li jippermettu t-trażmissjoni tal-elettriku rinnovabbli fil-baħar mis-siti ta' ġenerazzjoni fil-baħar (infrastruttura tal-enerġija għall-elettriku rinnovabbli fil-baħar);	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1273
François-Xavier Bellamy, Tomas Tobé, Jörgen Warborn

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni li jaqgħu taħt il-kategorija tal-infrastruttura tal-enerġija msemmija fil-punt (a) li jippermettu t-trażmissjoni tal-elettriku ***rinnovabbli fil-baħar*** mis-siti ta' ġenerazzjoni ***fil-baħar*** (infrastruttura tal-enerġija għall-elettriku ***rinnovabbli fil-baħar***);	(b) kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni li jaqgħu taħt il-kategorija tal-infrastruttura tal-enerġija msemmija fil-punt (a) li jippermettu t-trażmissjoni tal-elettriku ***b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju*** mis-siti ta' ġenerazzjoni (infrastruttura tal-enerġija għall-elettriku ***b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju***);

Or. en

Emenda 1274
Bruno Gonçalves

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-faċilitajiet għall-ħżin tal-enerġija,	(c) il-faċilitajiet għall-ħżin tal-enerġija,

f'forma individwali jew aggregata, użati għall-ħżin tal-enerġija fuq bażi permanenti jew temporanja f'infrastruttura jew f'siti ġeoloġiċi fuq l-art jew taħt l-art, dment li dawn ikunu konnessi direttament ma' linji ta' trażmissjoni u ma' linji ta' distribuzzjoni b'vultaġġ għoli mfassla għal vultaġġ ta' ***110*** kV jew aktar. Għall-Istati Membri u għal sistemi iżolati żgħar b'sistema ta' trażmissjoni ġenerali b'vultaġġ aktar baxx, dawk il-livelli limitu tal-vultaġġ huma ugwali għall-ogħla livell ta' vultaġġ fis-sistemi tal-elettriku rispettivi tagħhom;	f'forma individwali jew aggregata, użati għall-ħżin tal-enerġija fuq bażi permanenti jew temporanja f'infrastruttura jew f'siti ġeoloġiċi fuq l-art jew taħt l-art, dment li dawn ikunu konnessi direttament ma' linji ta' trażmissjoni u ma' linji ta' distribuzzjoni b'vultaġġ għoli mfassla għal vultaġġ ta' ***60*** kV jew aktar. Għall-Istati Membri u għal sistemi iżolati żgħar b'sistema ta' trażmissjoni ġenerali b'vultaġġ aktar baxx, dawk il-livelli limitu tal-vultaġġ huma ugwali għall-ogħla livell ta' vultaġġ fis-sistemi tal-elettriku rispettivi tagħhom;

Or. en

Emenda 1275
Aura Salla, Tomas Tobé, Jörgen Warborn

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni, li jkunu mfassla speċifikament biex jipprovdu protezzjoni u reżiljenza għall-elementi kritiċi eżistenti tan-network skont ir-Regolament (UE) 2019/943, ikunu fiżikament konnessi magħhom, u jkunu essenzjali biex is-sistemi jitħaddmu b'mod sikur, sigur u effiċjenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1276
Tomas Tobé, Jörgen Warborn, Aura Salla, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Borys Budka, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni, li jkunu mfassla speċifikament biex jippprovdu protezzjoni u reżiljenza għall-elementi kritiċi eżistenti tan-network skont ir-Regolament (UE) 2019/943, ikunu fiżikament konnessi magħhom, u jkunu essenzjali biex is-sistemi jitħaddmu b'mod sikur, sigur u effiċjenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1277
Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) kwalunkwe tagħmir ***jew*** installazzjoni, li ***jkunu mfassla*** speċifikament biex ***jippprovdu*** protezzjoni u reżiljenza għall-elementi kritiċi eżistenti tan-network skont ir-Regolament (UE) 2019/943, ***ikunu*** fiżikament ***konnessi*** magħhom, u ***jkunu*** essenzjali biex is-sistemi jitħaddmu b'mod sikur, sigur u effiċjenti;	(e) kwalunkwe tagħmir***,*** installazzjoni***, sistema jew element strutturali***, li ***jkun imfassal*** speċifikament biex ***jippprovdi*** protezzjoni u reżiljenza għall-elementi kritiċi eżistenti tan-network skont ir-Regolament (UE) 2019/943, ***ir-Regolament (UE) 2022/869, ir-Regolament (UE) 347/2013, id-Direttiva (UE) 2022/2557, ir-Regolament (UE) 2017/1938 ikun*** fiżikament ***konness*** magħhom, u ***jkun*** essenzjali biex is-sistemi jitħaddmu b'mod sikur, sigur u effiċjenti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ġew miżjuda referenzi għal-leġiżlazzjoni relatata mal-linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija, mar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi, u li tiżgura s-sigurtà tal-provvista tal-gass.

Emenda 1278

Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni, li ***jkunu mfassla*** speċifikament biex ***jipprovdu*** protezzjoni u reżiljenza għall-elementi kritiċi eżistenti tan-network skont ir-Regolament (UE) 2019/943, ***ikunu*** fiżikament ***konnessi*** magħhom, u ***jkunu*** essenzjali biex is-sistemi jitħaddmu b'mod sikur, sigur u effiċjenti;	(e) kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni, li ***tkun ddisinjata*** speċifikament biex ***tipprovdi*** protezzjoni u reżiljenza għall-elementi kritiċi eżistenti tan-network***, f'kull livell ta' vultaġġ,*** skont ir-Regolament (UE) 2019/943, ***tkun*** fiżikament ***konnessa*** magħhom, u ***tkun*** essenzjali biex is-sistemi jitħaddmu b'mod sikur, sigur u effiċjenti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

In-networks ta' distribuzzjoni joperaw f'livelli differenti ta' vultaġġ. Il-limitazzjoni tal-eliġibbiltà għal livelli ta' vultaġġ ogħla tipprevjeni ħafna investimenti meħtieġa fir-reżiljenza u l-protezzjoni fil-livell tad-distribuzzjoni milli jaċċessaw l-appoġġ tal-Unjoni.

Emenda 1279
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni, li ***jkunu mfassla*** speċifikament biex ***jipprovdu*** protezzjoni u reżiljenza għall-elementi kritiċi eżistenti tan-network skont ir-Regolament (UE) 2019/943, ***ikunu*** fiżikament ***konnessi*** magħhom, u ***jkunu*** essenzjali biex is-sistemi jitħaddmu b'mod sikur, sigur u effiċjenti;	(e) kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni, li ***tkun imfassla*** speċifikament biex ***tipprovdi*** protezzjoni u reżiljenza għall-elementi eżistenti tan-network, ***tkun*** fiżikament ***konnessa*** magħhom, u ***tkun*** essenzjali biex is-sistemi jitħaddmu b'mod sikur, sigur u effiċjenti;

Or. en

Emenda 1280
Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) b'rispons għat-theddid emerġenti u fi spirtu ta' solidarjetà, kwalunkwe tagħmir, installazzjoni, sistema jew element strutturali, inklużi riżervi ta' emerġenza ta' komponenti kritiċi, għall-preparatezza u t-tiswija immedjata ta' infrastruttura kritika tal-enerġija, b'mod partikolari dawk taħt il-baħar u transfruntieri, speċjalment dawk skont ir-Regolament (UE) 2022/869 u r-Regolament (UE) Nru 347/2013, huwa wkoll ta' rilevanza partikolari. Il-finanzjament għal tiswijiet ex post għandu japplika għall-infrastruttura tal-enerġija li tista' potenzjalment issirilha ħsara minn atti ostili, bħal attakki ibridi u fiżiċi.

Or. en

Emenda 1281
Katri Kulmuni, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(eb) kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni li tkun iddisinjata speċifikament biex tipprovdi protezzjoni u reżiljenza lis-sistema ta' trażmissjoni u ħżin tal-fjuwil likwidu matul il-funzjonament tas-sistema, skont id-Direttiva (UE) 2022/2557, tkun fiżikament jew funzjonalment konnessa direttament magħhom, u tkun essenzjali biex is-sistemi jitħaddmu b'mod sikur, sigur u**

effiċjenti, dment li tippermetti l-integrazzjoni ta' fjuwils rinnovabbli jew b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;

Or. en

Emenda 1282
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni essenzjali għall-elementi eżistenti tan-network b'vultaġġ għoli biex joperaw is-sistemi b'mod sikur u effiċjenti li jikkostitwixxu tagħmir ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' diġitalizzazzjoni jew installazzjoni;	(f) kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni essenzjali għall-elementi eżistenti tan-network b'vultaġġ għoli***, medju u baxx*** biex joperaw is-sistemi b'mod sikur u effiċjenti li jikkostitwixxu tagħmir ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' diġitalizzazzjoni jew installazzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-limitazzjoni ta' dawn il-kategoriji għal infrastruttura b'vultaġġ għoli teskludi sehem kbir ta' investimenti fid-diġitalizzazzjoni u fil-monitoraġġ meħtieġa fil-livell tad-distribuzzjoni. L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għal networks b'vultaġġ medju u baxx hija meħtieġa biex tirrifletti r-rwol dejjem akbar tad-DSOs fir-reżiljenza tas-sistema, l-elettrifikazzjoni u l-integrazzjoni rinnovabbli.

Emenda 1283
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(g) il-grilji intelliġenti tal-elettriku: kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni, sistema diġitali u komponent li jintegraw it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT)**,** permezz ta' pjattaformi diġitali ***operazzjonali***, sistemi ta' kontroll u teknoloġiji tas-sensuri kemm fil-livell ta' trażmissjoni kif ukoll tad-distribuzzjoni b'vultaġġ medju u għoli, bl-għan li jiġi żgurat network ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni tal-elettriku aktar effiċjenti u intelliġenti, ***kapaċità akbar*** biex jiġu integrati forom ġodda ta' ġenerazzjoni, ta' ħżin u ta' konsum tal-enerġija u jiġu ffaċilitati mudelli ta' negozju u strutturi tas-suq ġodda, inklużi investimenti fi gżejjer u f'sistemi tal-gżejjer biex jitnaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija, jappoġġa soluzzjonijiet innovattivi u oħrajn li jinvolvu mill-inqas żewġ Stati Membri b'impatt pożittiv sinifikanti fuq il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050, u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-enerġija tal-gżejjer u dik tal-Unjoni;	(g) il-grilji intelliġenti tal-elettriku: kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni, sistema diġitali u komponent li jintegraw ***kemm*** it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) ***u Teknoloġiji ta' Software u ta' Awtomazzjoni Operazzjonali (OT),*** permezz ta' pjattaformi diġitali, sistemi ta' kontroll u teknoloġiji tas-sensuri kemm fil-livell ta' trażmissjoni kif ukoll tad-distribuzzjoni b'vultaġġ ***baxx,*** medju u għoli, bl-għan li jiġi żgurat network ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni tal-elettriku aktar effiċjenti***,*** ***sigur*** u intelliġenti, ***inkluż billi tissaħħaħ ir-reżiljenza ċibernetika u operazzjonali tal-infrastruttura tal-enerġija tal-Unjoni, bil-kapaċità li tipprevjeni inċidenti ċibernetiċi, interruzzjonijiet fiżiċi u theddid ibridu, tiflaħ għalihom u tirkupra minnhom, filwaqt li tiżdied il-kapaċità*** biex jiġu integrati forom ġodda ta' ġenerazzjoni, ta' ħżin u ta' konsum tal-enerġija u jiġu ffaċilitati mudelli ta' negozju u strutturi tas-suq ġodda, inklużi investimenti fi gżejjer u f'sistemi tal-gżejjer biex jitnaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija, jappoġġa soluzzjonijiet innovattivi u oħrajn li jinvolvu mill-inqas żewġ Stati Membri b'impatt pożittiv sinifikanti fuq il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050, u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-enerġija tal-gżejjer u dik tal-Unjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-elettrifikazzjoni dejjem akbar tal-ekonomija u l-integrazzjoni deċentralizzata dejjem tikber tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jirrikjedu li l-grilji intelliġenti joperaw b'mod sigur f'kull livell ta' vultaġġ. Din l-emenda tiżgura li l-appoġġ lit-TEN-E jkopri wkoll it-teknoloġiji operazzjonali u l-infrastruttura b'vultaġġ baxx meħtieġa għar-reżiljenza tal-grilja, iċ-ċibersigurtà u l-flessibbiltà tas-sistema.

Emenda 1284

Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-grilji intelliġenti tal-elettriku: kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni, sistema diġitali u komponent li jintegraw it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT)**,** permezz ta' pjattaformi diġitali ***operazzjonali***, sistemi ta' kontroll u teknoloġiji tas-sensuri kemm fil-livell ta' trażmissjoni kif ukoll tad-distribuzzjoni ***b'vultaġġ medju u għoli***, bl-għan li jiġi żgurat network ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni tal-elettriku aktar effiċjenti u intelliġenti, kapaċità akbar biex jiġu integrati forom ġodda ta' ġenerazzjoni, ta' ħżin u ta' konsum tal-enerġija u jiġu ffaċilitati mudelli ta' negozju u strutturi tas-suq ġodda, inklużi investimenti fi gżejjer u f'sistemi tal-gżejjer biex jitnaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija, jappoġġa soluzzjonijiet innovattivi u oħrajn li jinvolvu mill-inqas żewġ Stati Membri b'impatt pożittiv sinifikanti fuq il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050, u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-enerġija tal-gżejjer u dik tal-Unjoni;	(g) il-grilji intelliġenti tal-elettriku: kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni, sistema diġitali u komponent li jintegraw it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) ***u Teknoloġiji ta' Software u ta' Awtomazzjoni Operazzjonali (OT),*** permezz ta' pjattaformi diġitali, sistemi ta' kontroll u teknoloġiji tas-sensuri***, kif ukoll tewmin diġitali jew pjattaformi oħra li jippermettu jew itejbu u jikkoordinaw l-ippjanar, l-operazzjonijiet, l-akkwist tas-suq jew l-attivazzjoni ta' riżorsi tal-enerġija distribwiti biex tingħata l-flessibbiltà lill-operaturi tas-sistema,*** kemm fil-livell ta' trażmissjoni kif ukoll tad-distribuzzjoni, bl-għan li jiġi żgurat network ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni tal-elettriku aktar effiċjenti u intelliġenti, kapaċità akbar biex jiġu integrati forom ġodda ta' ġenerazzjoni, ta' ħżin u ta' konsum tal-enerġija u jiġu ffaċilitati mudelli ta' negozju u strutturi tas-suq ġodda, inklużi investimenti fi gżejjer u f'sistemi tal-gżejjer biex jitnaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija, jappoġġa soluzzjonijiet innovattivi u oħrajn li jinvolvu mill-inqas żewġ Stati Membri b'impatt pożittiv sinifikanti fuq il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050, u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-enerġija tal-gżejjer u dik tal-Unjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-allokazzjoni attwali tal-FNE tiffavorixxi b'mod sproporzjonat it-trażmissjoni aktar milli d-distribuzzjoni, minkejja li l-maġġoranza l-kbira tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-flessibbiltà huma konnessi mal-grilji ta' distribuzzjoni. Biex dan jiġi indirizzat, il-kategorija

(g) "grilji intelliġenti tal-elettriku" għandha tinkludi l-livelli kollha ta' vultaġġ u għandha tinkludi wkoll pjattaformi diġitali li huma prerekwiżit għat-twassil tal-flessibbiltà.

Emenda 1285
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-grilji intelliġenti tal-elettriku: kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni, sistema diġitali u komponent li jintegraw it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), permezz ta' pjattaformi diġitali operazzjonali, sistemi ta' kontroll u teknoloġiji tas-sensuri kemm fil-livell ta' trażmissjoni kif ukoll tad-distribuzzjoni ***b'vultaġġ medju u għoli***, bl-għan li jiġi żgurat network ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni tal-elettriku aktar effiċjenti u intelliġenti, kapaċità akbar biex jiġu integrati forom ġodda ta' ġenerazzjoni, ta' ħżin u ta' konsum tal-enerġija u jiġu ffaċilitati mudelli ta' negozju u strutturi tas-suq ġodda, inklużi investimenti fi gżejjer u f'sistemi tal-gżejjer biex jitnaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija, jappoġġa soluzzjonijiet innovattivi ***u oħrajn li jinvolvu mill-inqas żewġ Stati Membri b'impatt pożittiv sinifikanti fuq il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050,*** u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-enerġija tal-gżejjer u dik tal-Unjoni;	(g) il-grilji intelliġenti tal-elettriku: kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni, sistema diġitali u komponent li jintegraw it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), permezz ta' pjattaformi diġitali operazzjonali, sistemi ta' kontroll u teknoloġiji tas-sensuri kemm fil-livell ta' trażmissjoni kif ukoll tad-distribuzzjoni, bl-għan li jiġi żgurat network ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni tal-elettriku aktar effiċjenti u intelliġenti, kapaċità akbar biex jiġu integrati forom ġodda ta' ġenerazzjoni, ta' ħżin u ta' konsum tal-enerġija u jiġu ffaċilitati mudelli ta' negozju u strutturi tas-suq ġodda, inklużi investimenti fi gżejjer u f'sistemi tal-gżejjer biex jitnaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija, jappoġġa soluzzjonijiet innovattivi u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-enerġija tal-gżejjer u dik tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 1286
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-grilji intelliġenti tal-elettriku: kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni, sistema diġitali u komponent li jintegraw it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), permezz ta' pjattaformi diġitali operazzjonali, sistemi ta' kontroll u teknoloġiji tas-sensuri kemm fil-livell ta' trażmissjoni kif ukoll tad-distribuzzjoni b'vultaġġ medju u għoli, bl-għan li jiġi żgurat network ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni tal-elettriku aktar effiċjenti u intelliġenti, kapaċità akbar biex jiġu integrati forom ġodda ta' ġenerazzjoni, ta' ħżin u ta' konsum tal-enerġija u jiġu ffaċilitati mudelli ta' negozju u strutturi tas-suq ġodda, inklużi investimenti fi gżejjer u f'sistemi tal-gżejjer biex jitnaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija, jappoġġa soluzzjonijiet innovattivi u oħrajn li jinvolvu mill-inqas żewġ Stati Membri b'impatt pożittiv sinifikanti fuq il-miri tal-enerġija ***u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050***, u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti ***għas-sostenibbiltà*** tas-sistema tal-enerġija tal-gżejjer u dik tal-Unjoni;	(g) il-grilji intelliġenti tal-elettriku: kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni, sistema diġitali u komponent li jintegraw it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), permezz ta' pjattaformi diġitali operazzjonali, sistemi ta' kontroll u teknoloġiji tas-sensuri kemm fil-livell ta' trażmissjoni kif ukoll tad-distribuzzjoni b'vultaġġ medju u għoli, bl-għan li jiġi żgurat network ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni tal-elettriku aktar effiċjenti u intelliġenti, kapaċità akbar biex jiġu integrati forom ġodda ta' ġenerazzjoni, ta' ħżin u ta' konsum tal-enerġija u jiġu ffaċilitati mudelli ta' negozju u strutturi tas-suq ġodda, inklużi investimenti fi gżejjer u f'sistemi tal-gżejjer biex jitnaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija, jappoġġa soluzzjonijiet innovattivi u oħrajn li jinvolvu mill-inqas żewġ Stati Membri b'impatt pożittiv sinifikanti fuq il-miri tal-enerġija, u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti ***għar-reżiljenza*** tas-sistema tal-enerġija tal-gżejjer u dik tal-Unjoni;

Or. fr

Emenda 1287
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-grilji intelliġenti tal-elettriku: kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni, sistema diġitali u komponent li jintegraw it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT)**,** permezz ta' pjattaformi diġitali ***operazzjonali***, sistemi	(g) il-grilji intelliġenti tal-elettriku: kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni, sistema diġitali u komponent li jintegraw it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) ***jew Teknoloġiji ta' Software u ta' Awtomazzjoni***

ta’ kontroll u teknoloġiji tas-sensuri kemm fil-livell ta’ trażmissjoni kif ukoll tad-distribuzzjoni ***b’vultaġġ medju u għoli***, bl-għan li jiġi żgurat network ta’ trażmissjoni u ta’ distribuzzjoni tal-elettriku aktar effiċjenti u intelliġenti, kapaċità akbar biex jiġu integrati forom ġodda ta’ ġenerazzjoni, ta’ ħżin u ta’ konsum tal-enerġija u jiġu ffaċilitati mudelli ta’ negozju u strutturi tas-suq ġodda, inklużi investimenti fi gżejjer u f’sistemi tal-gżejjer biex jitnaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija, jappoġġa soluzzjonijiet innovattivi u oħrajn li jinvolvu mill-inqas żewġ Stati Membri b’impatt pożittiv sinifikanti fuq il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050, u jikkontribwixxi b’mod sinifikanti għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-enerġija tal-gżejjer u dik tal-Unjoni;

Operazzjonali (OT), permezz ta’ pjattaformi diġitali operazzjonali, sistemi ta’ kontroll u teknoloġiji tas-sensuri kemm fil-livell ta’ trażmissjoni kif ukoll tad-distribuzzjoni ***f’kull livell ta’ vultaġġ***, bl-għan li jiġi żgurat network ta’ trażmissjoni u ta’ distribuzzjoni tal-elettriku aktar effiċjenti u intelliġenti, kapaċità akbar biex jiġu integrati forom ġodda ta’ ġenerazzjoni, ta’ ħżin u ta’ konsum tal-enerġija u jiġu ffaċilitati mudelli ta’ negozju u strutturi tas-suq ġodda, inklużi investimenti fi gżejjer u f’sistemi tal-gżejjer biex jitnaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija, jappoġġa soluzzjonijiet innovattivi u oħrajn li jinvolvu mill-inqas żewġ Stati Membri b’impatt pożittiv sinifikanti fuq il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050, u jikkontribwixxi b’mod sinifikanti għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-enerġija tal-gżejjer u dik tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 1288
Angelika Winzig

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-grilji intelliġenti tal-elettriku: kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni, sistema diġitali u komponent li jintegraw it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), permezz ta’ pjattaformi diġitali operazzjonali, sistemi ta’ kontroll u teknoloġiji tas-sensuri kemm fil-livell ta’ trażmissjoni kif ukoll tad-distribuzzjoni b’vultaġġ medju u għoli, bl-għan li jiġi żgurat network ta’ trażmissjoni u ta’ distribuzzjoni tal-elettriku aktar effiċjenti u intelliġenti, kapaċità akbar biex jiġu integrati forom ġodda ta’ ġenerazzjoni, ta’ ħżin u ta’ konsum tal-enerġija u jiġu	(g) il-grilji intelliġenti tal-elettriku: kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni, sistema diġitali u komponent li jintegraw it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), permezz ta’ pjattaformi diġitali operazzjonali, sistemi ta’ kontroll u teknoloġiji tas-sensuri kemm fil-livell ta’ trażmissjoni kif ukoll tad-distribuzzjoni b’vultaġġ medju u għoli, bl-għan li jiġi żgurat network ta’ trażmissjoni u ta’ distribuzzjoni tal-elettriku ***sigur u*** aktar effiċjenti u intelliġenti, kapaċità akbar biex jiġu integrati forom ġodda ta’ ġenerazzjoni, ta’ ħżin u ta’ konsum tal-

ffaċilitati mudelli ta’ negozju u strutturi tas-suq ġodda, inklużi investimenti fi gżejjer u f’sistemi tal-gżejjer biex jitnaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija, jappoġġa soluzzjonijiet innovattivi u oħrajn li jinvolvu mill-inqas żewġ Stati Membri b’impatt pożittiv sinifikanti fuq il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050, u jikkontribwixxi b’mod sinifikanti għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-enerġija tal-gżejjer u dik tal-Unjoni;	enerġija u jiġu ffaċilitati mudelli ta’ negozju u strutturi tas-suq ġodda, inklużi investimenti fi gżejjer u f’sistemi tal-gżejjer biex jitnaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija, jappoġġa soluzzjonijiet innovattivi u oħrajn li jinvolvu mill-inqas żewġ Stati Membri b’impatt pożittiv sinifikanti fuq il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050, u jikkontribwixxi b’mod sinifikanti għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-enerġija tal-gżejjer u dik tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 1289
András Gyürk, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-grilji intelliġenti tal-elettriku: kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni, sistema diġitali u komponent li jintegraw it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), permezz ta’ pjattaformi diġitali operazzjonali, sistemi ta’ kontroll u teknoloġiji tas-sensuri kemm fil-livell ta’ trażmissjoni kif ukoll tad-distribuzzjoni b’vultaġġ medju u għoli, bl-għan li jiġi żgurat network ta’ trażmissjoni u ta’ distribuzzjoni tal-elettriku aktar effiċjenti u intelliġenti, kapaċità akbar biex jiġu integrati forom ġodda ta’ ġenerazzjoni, ta’ ħżin u ta’ konsum tal-enerġija u jiġu ffaċilitati mudelli ta’ negozju u strutturi tas-suq ġodda, inklużi investimenti fi gżejjer u f’sistemi tal-gżejjer biex jitnaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija, jappoġġa soluzzjonijiet innovattivi u oħrajn li jinvolvu mill-inqas żewġ Stati Membri b’impatt pożittiv sinifikanti fuq il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050, u	(g) il-grilji intelliġenti tal-elettriku: kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni, sistema diġitali u komponent li jintegraw it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), permezz ta’ pjattaformi diġitali operazzjonali, sistemi ta’ kontroll u teknoloġiji tas-sensuri kemm fil-livell ta’ trażmissjoni kif ukoll tad-distribuzzjoni, bl-għan li jiġi żgurat network ta’ trażmissjoni u ta’ distribuzzjoni tal-elettriku aktar effiċjenti u intelliġenti, kapaċità akbar biex jiġu integrati forom ġodda ta’ ġenerazzjoni, ta’ ħżin u ta’ konsum tal-enerġija u jiġu ffaċilitati mudelli ta’ negozju u strutturi tas-suq ġodda, inklużi investimenti fi gżejjer u f’sistemi tal-gżejjer biex jitnaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija, jappoġġa soluzzjonijiet innovattivi u oħrajn li jinvolvu mill-inqas żewġ Stati Membri b’impatt pożittiv sinifikanti fuq il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050, u

jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-enerġija tal-gżejjer u dik tal-Unjoni;	jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-enerġija tal-gżejjer u dik tal-Unjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Grilji tal-Elettriku Intelliġenti għandhom jinkludu investimenti fid-distribuzzjoni fil-livelli kollha ta' vultaġġ (inkluż il-vultaġġ baxx).

Emenda 1290
András Gyürk, Jorge Martín Frías, Ewa Zajączkowska-Hernik, Ondřej Knotek, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) grilji tal-gass intelliġenti: network tal-gass li jagħmel użu minn soluzzjonijiet diġitali u innovattivi biex jintegra b'mod kosteffiċjenti diversi sorsi tal-gass b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u partikolarment dawk rinnovabbli f'konformità mal-ħtiġijiet tal-konsumaturi u mar-rekwiżiti dwar il-kwalità tal-gass sabiex titnaqqas l-impronta tal-karbonju tal-konsum tal-gass relatat, ikun jista' jiżdied is-sehem tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u jinħolqu rabtiet ma' vetturi u ma' setturi oħra tal-enerġija, inkluż it-titjib fiżiku relatat jekk huma indispensabbli għall-funzjonament tat-tagħmir u tal-installazzjonijiet biex jiġu integrati l-gassijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u partikolarment dawk rinnovabbli;

Or. en

Emenda 1291
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) il-grilji fil-baħar għall-enerġija rinnovabbli: kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni li jaqgħu taħt il-kategorija tal-infrastruttura tal-enerġija msemmija fil-punt (a) li għandhom funzjonalità doppja: interkonnessjoni u sistema ta' konnessjoni tal-grilja fil-baħar mis-siti ta' ġenerazzjoni rinnovabbli fil-baħar lejn żewġ Stati Membri jew aktar u lejn pajjiż terz, inkluża l-estensjoni fuq l-art ta' dan it-tagħmir sal-ewwel substazzjon fis-sistema ta' trażmissjoni fuq l-art, kif ukoll kwalunkwe tagħmir jew installazzjoni kontigwa fil-baħar essenzjali għall-operat b'mod sikur, sigur u effiċjenti, inklużi sistemi ta' protezzjoni, ta' monitoraġġ u ta' kontroll, u s-substazzjonijiet neċessarji jekk jiżguraw ukoll l-interoperabbiltà teknoloġika, fost l-oħrajn il-kompatibbiltà tal-interfaċċa bejn diversi teknoloġiji;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1292
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-pipelines għat-trasport, prinċipalment bi pressjoni għolja, tal-idroġenu, inkluża l-infrastruttura tal-gass naturali adattata għal skop differenti, li jagħtu aċċess lil utenti multipli tan-network fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja;	(a) il-pipelines għat-trasport, prinċipalment bi pressjoni għolja, tal-idroġenu ***pur rinnovabbli***, inkluża l-infrastruttura tal-gass naturali adattata għal skop differenti, li jagħtu aċċess lil utenti multipli tan-network fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja;

Or. en

Emenda 1293
Bruno Gonçalves

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 2 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) terminals tal-importazzjoni u/jew tad-dispaċċ għall-idroġenu;

Or. en

Emenda 1294
Bruno Gonçalves

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-faċilitajiet ta' ħżin li huma konnessi mal-pipelines tal-idroġenu bi pressjoni għolja msemmijin fil-punt (a);	(b) il-faċilitajiet ta' ħżin li huma konnessi mal-pipelines tal-idroġenu bi pressjoni għolja msemmijin fil-punt (a) ***u mal-infrastruttura msemmija fil-punt (aa)***;

Or. en

Emenda 1295
Angelika Winzig

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-faċilitajiet ta' ħżin li huma konnessi mal-pipelines tal-idroġenu ***bi pressjoni għolja*** msemmijin fil-punt (a);	(b) il-faċilitajiet ta' ħżin li huma konnessi mal-pipelines tal-idroġenu msemmijin fil-punt (a);

Or. en

Emenda 1296
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) fir-rigward tal-faċilitajiet tal-elettrolizzaturi:	(3) fir-rigward tal-faċilitajiet tal-elettrolizzaturi***, il-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-metan elettroniku u l-proġetti tal-produzzjoni tal-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-metan elettroniku u tal-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għandhom jiġu ttrattati b'mod konsistenti mal-faċilitajiet tal-elettrolizzaturi biex jiġi żgurat approċċ newtrali fir-rigward tat-teknoloġija għall-fjuwils gassużi dekarbonizzati.

Emenda 1297
András Gyürk, Ewa Zajączkowska-Hernik, Ondřej Knotek, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 3 – punt a – punt i
Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 3 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) għandhom kapaċità ta' mill-inqas ***500*** MW, ipprovduta minn elettrolizzatur wieħed jew minn sett ta' elettrolizzaturi li jiffurmaw proġett wieħed u kkoordinat; u	(i) għandhom kapaċità ta' mill-inqas ***100*** MW, ipprovduta minn elettrolizzatur wieħed jew minn sett ta' elettrolizzaturi li jiffurmaw proġett wieħed u kkoordinat; u

Or. en

Emenda 1298

Bruno Gonçalves

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 3 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) għandhom kapaċità ta' mill-inqas ***500*** MW, ipprovduta minn elettrolizzatur wieħed jew minn sett ta' elettrolizzaturi li jiffurmaw proġett wieħed u kkoordinat; u	(i) għandhom kapaċità ta' mill-inqas ***150*** MW, ipprovduta minn elettrolizzatur wieħed jew minn sett ta' elettrolizzaturi li jiffurmaw proġett wieħed u kkoordinat; u

Or. en

Emenda 1299
Jens Geier

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 3 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) għandhom kapaċità ta' mill-inqas ***500*** MW, ipprovduta minn elettrolizzatur wieħed jew minn sett ta' elettrolizzaturi li jiffurmaw proġett wieħed u kkoordinat; u	(i) għandhom kapaċità ta' mill-inqas ***50*** MW, ipprovduta minn elettrolizzatur wieħed jew minn sett ta' elettrolizzaturi li jiffurmaw proġett wieħed u kkoordinat; u

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Anness II rivedut tar-Regolament TEN-E jillimita b'mod sever il-firxa ta' proġetti ta' produzzjoni tal-idroġenu li jistgħu japplikaw għall-proċess tal-PCIs. Huwa previst li l-elettrolizzaturi b'kapaċitajiet ta' aktar minn 500 MW b'funzjoni relatata man-network u rilevanza transfruntiera biss jistgħu jiġu inklużi fil-kriterji tal-PCIs u tal-PMIs. Dan jirrappreżenta bidla kbira (u piż sinifikanti għall-elettrolizzaturi) fir-Regolament TEN-E peress li l-livell limitu preċedenti biex il-proġett jikkwalifika għall-istatus ta' PCI kien biss ta' mill-inqas 50 MW.

Emenda 1300
Angelika Winzig

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 3 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) għandhom kapaċità ta' mill-inqas ***500*** MW, ipprovduta minn elettrolizzatur wieħed jew minn sett ta' elettrolizzaturi li jiffurmaw proġett wieħed u kkoordinat; u	(i) għandhom kapaċità ta' mill-inqas ***50*** MW, ipprovduta minn elettrolizzatur wieħed jew minn sett ta' elettrolizzaturi li jiffurmaw proġett wieħed u kkoordinat; u

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-iżvilupp aktar kajman milli mistenni tal-ekonomija tal-idroġenu u x-xenarju attwali tal-proġetti, il-livell limitu minimu għandu jibqa' ta' 50 MW biex jiġi żgurat li proġetti realistiċi jibqgħu eliġibbli taħt il-qafas tat-TEN-E.

Emenda 1301
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 3 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) għandhom kapaċità ta' mill-inqas ***500*** MW, ipprovduta minn elettrolizzatur wieħed jew minn sett ta' elettrolizzaturi li jiffurmaw proġett wieħed u kkoordinat; u	(i) għandhom kapaċità ta' mill-inqas ***50*** MW, ipprovduta minn elettrolizzatur wieħed jew minn sett ta' elettrolizzaturi li jiffurmaw proġett wieħed u kkoordinat; u

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tnaqqis tal-livell limitu tal-kapaċità jippermetti li firxa usa' ta' proġetti tal-idroġenu strateġikament rilevanti jikkwalifikaw bħala proġetti ta' interess komuni u jirriflettu aħjar l-istadju attwali tal-iżvilupp tas-suq.

Emenda 1302
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 3 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) il-produzzjoni tikkwalifika bħala ***idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju f'konformità mad-Direttiva (UE) 2024/1788 fil-każ ta' idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jew ta'*** karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001; u	(ii) il-produzzjoni tikkwalifika bħala karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001; u

Or. en

Emenda 1303
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) proġetti ta' produzzjoni tal-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju b'kapaċità ta' aktar minn 200 MW, inklużi l-idroġenu elettrolitiku u l-idroġenu bbażat fuq il-metan flimkien ma' teknoloġiji tal-qbid u l-ħżin tal-karbonju;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan jirrifletti r-rwol tat-teknoloġiji tal-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-appoġġ għas-sigurtà tal-provvista u d-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija.

Emenda 1304
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 3 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) proġetti ta' produzzjoni tal-metan elettroniku li: (i) għandhom kapaċità ta' mill-inqas 50 MW, ippruvduta minn faċilità tal-produzzjoni tal-metan elettroniku waħda jew minn sett ta' faċilitajiet li jiffurmaw proġett wieħed ikkoordinat; u (ii) li jużaw produzzjoni tal-idroġenu li jikkwalifika bħala idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju f'konformità mad-Direttiva (UE) 2024/1788 jew bħala karburant rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001; u (iii) għandhom funzjoni relatata man-network kemm għan-networks tal-elettriku kif ukoll tal-gass, b'mod partikolari bl-għan li jkun hemm flessibbiltà ġenerali tas-sistema u l-effiċjenza tas-sistema.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan jiżgura li l-proġetti tal-metan elettroniku jkunu jistgħu jikkontribwixxu għall-flessibbiltà tas-sistema u għall-użu effiċjenti tal-infrastruttura tal-gass eżistenti.

Emenda 1305
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 2 – punt 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-pipelines dedikati, minbarra network ta' pipelines upstream, użati għat-trasport tad-diossidu tal-karbonju minn iżjed minn sors wieħed, għall-fini tal-ħżin ġeoloġiku permanenti tad-diossidu tal-karbonju skont id-Direttiva 2009/31/KE;	(a) il-pipelines dedikati, minbarra network ta' pipelines upstream, użati għat-trasport tad-diossidu tal-karbonju minn iżjed minn sors ***industrijali*** wieħed***, maqbud minn installazzjonijiet industrijali permezz ta' tagħmir b'rata ta' effiċjenza tal-qbid ta' mill-inqas 95 %***, għall-fini tal-ħżin ġeoloġiku permanenti

tad-diossidu tal-karbonju skont id-Direttiva 2009/31/KE;

Or. en

Emenda 1306
(8) Għal proġetti li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u, l-Aġenzija għandhom, filwaqt li jqisu l-kooperazzjoni reġjonali skont l-Artikolu 80 tad-Direttiva (UE) 2024/1788 u l-Artikolu 61 tad-Direttiva (UE) 2019/944, jivverifikaw l-applikazzjoni konsistenti tal-kriterji u tal-metodoloġija ta' analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji speċifika għall-proġett skont l-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament, u jevalwaw ir-rilevanza transfruntiera tal-proġetti u l-progress miksub għall-proġetti fil-lista tal-Unjoni, filwaqt li jqisu r-rapporti sottomessi skont l-Artikolu 5(4) ta' dan ir-Regolament. Huma għandhom jippreżentaw il-valutazzjoni tagħhom lill-Grupp. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kriterji u l-metodoloġiji msemmija fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament u fl-Anness IV jiġu applikati b'mod armonizzat biex tiġi żgurata l-konsistenza fil-gruppi reġjonali kollha.	(8) Għal proġetti li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u, l-Aġenzija għandhom, filwaqt li jqisu l-kooperazzjoni reġjonali skont l-Artikolu 80 tad-Direttiva (UE) 2024/1788 u l-Artikolu 61 tad-Direttiva (UE) 2019/944, jivverifikaw l-applikazzjoni konsistenti tal-kriterji u tal-metodoloġija ta' analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji speċifika għall-proġett skont l-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament, u jevalwaw ir-rilevanza transfruntiera tal-proġetti u l-progress miksub għall-proġetti fil-lista tal-Unjoni, filwaqt li jqisu r-rapporti sottomessi skont l-Artikolu 5(4) ta' dan ir-Regolament. Huma għandhom jippreżentaw il-valutazzjoni tagħhom lill-Grupp ***sal-31 ta' Marzu ta' kull sena li fiha tkun trid tiġi adottata lista ġdida tal-Unjoni***. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kriterji u l-metodoloġiji msemmija fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament u fl-Anness IV jiġu applikati b'mod armonizzat biex tiġi żgurata l-konsistenza fil-gruppi reġjonali kollha.

Or. en

Emenda 1337
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Anness III – punt 2 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Kull Stat Membru li proġett propost ma jkunx relatat mat-territorju tiegħu, iżda li fit-territorju tiegħu l-proġett propost jista' jkollu impatt pożittiv nett potenzjali jew effett sinifikanti potenzjali, bħal fuq l-ambjent jew fuq l-operat tal-infrastruttura tal-enerġija fit-territorju tiegħu, jista' jippreżenta opinjoni lill-Grupp fejn jispeċifika t-tħassib tiegħu.	(10) Kull Stat Membru li proġett propost ma jkunx relatat mat-territorju tiegħu, iżda li fit-territorju tiegħu l-proġett propost jista' jkollu impatt pożittiv ***jew negattiv*** nett potenzjali jew effett sinifikanti potenzjali, bħal fuq l-ambjent jew fuq l-operat tal-infrastruttura tal-enerġija fit-territorju tiegħu, jista' jippreżenta opinjoni lill-Grupp fejn jispeċifika t-tħassib tiegħu

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kwalunkwe impatt potenzjali tal-proġett kandidat PMI jew PCI għandu jkun soġġett għall-opinjoni tal-Istati Membri mhux involuti direttament fil-proġett, speċjalment jekk ikun mistenni impatt negattiv.

Emenda 1338
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Anness III – punt 2 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Il-Grupp għandu jikkunsidra jekk il-prinċipju l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel huwiex applikat fir-rigward tal-istabbiliment tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura reġjonali u fir-rigward ta' kull wieħed mill-proġetti kandidati. Il-Grupp għandu, b'mod partikolari, iqis soluzzjonijiet bħal ***soluzzjonijiet mhux bil-wajers***, ġestjoni tad-domanda, flessibbiltà mhux fossili, soluzzjonijiet ta' arranġament tas-suq, l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali, u r-rinnovazzjoni tal-bini bħala soluzzjonijiet ta' prijorità fejn dawn	(12) Il-Grupp għandu jikkunsidra jekk il-prinċipju l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel huwiex applikat fir-rigward tal-istabbiliment tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura reġjonali u fir-rigward ta' kull wieħed mill-proġetti kandidati. Il-Grupp għandu, b'mod partikolari, iqis soluzzjonijiet bħal ***teknoloġiji li jtejbu l-grilja***, ġestjoni tad-domanda, flessibbiltà mhux fossili, soluzzjonijiet ta' arranġament tas-suq, l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali, u r-rinnovazzjoni tal-bini bħala soluzzjonijiet ta' prijorità fejn dawn

jitqiesu aktar kosteffiċjenti fuq perspettiva tas-sistema kollha mill-kostruzzjoni ta' infrastruttura ġdida tal-provvista.	jitqiesu aktar kosteffiċjenti fuq perspettiva tas-sistema kollha mill-kostruzzjoni ta' infrastruttura ġdida tal-provvista.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan jirrikonoxxi t-teknoloġiji li jtejbu l-grilja li jistgħu jtejbu l-effiċjenza tan-network u jottimizzaw l-infrastruttura eżistenti.

Emenda 1339
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Anness III – punt 2 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-Grupp għandu jiltaqa' biex jeżamina u jikklassifika l-proġetti proposti abbażi ta' valutazzjoni trasparenti tal-proġetti u bl-użu tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4 filwaqt li jqis il-valutazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, jew il-valutazzjoni tal-Kummissjoni għal proġetti li ma jaqgħux taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.	(13) Il-Grupp għandu jiltaqa' biex jeżamina u jikklassifika l-proġetti proposti abbażi ta' valutazzjoni trasparenti tal-proġetti u bl-użu tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4 filwaqt li jqis il-valutazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ***u tal-Aġenzija***, jew il-valutazzjoni tal-Kummissjoni għal proġetti li ma jaqgħux taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.

Or. en

Emenda 1340
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Anness III – punt 2 – punt 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Il-Grupp għandu jivvaluta l-ħtiġijiet mhux imqabbla identifikati fir-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-

infrastruttura għall-elettriku skont l-Artikolu 12. Dan għandu jiddetermina liema minn dawk il-ħtiġijiet mhux imqabbla jirrikjedu li tiġi identifikata u indirizzata soluzzjoni fil-pjanijiet ta' investiment reġjonali skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/943.

Or. en

Emenda 1341
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Anness III – punt 2 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Il-korp tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' kull Grupp għandu jadotta l-lista finali tiegħu ta' proġetti proposti sa mhux aktar tard minn xahrejn qabel id-data tal-adozzjoni tal-lista tal-Unjoni tal-Artikolu 22, filwaqt li jirrispetta d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(3), abbażi tal-proposta tal-Gruppi u filwaqt li jqis il-valutazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tal-Aġenzija u l-valutazzjoni tal-Kummissjoni għal proġetti li ma jaqgħux taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali proposti f'konformità mal-punt (9), u l-parir mill-Kummissjoni li għandu l-għan li jiżgura għadd totali maniġġabbli ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni, speċjalment fi fruntieri relatati ma' proġetti f'kompetizzjoni jew potenzjalment f'kompetizzjoni. Il-korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Gruppi għandhom jippreżentaw il-listi finali lill-Kummissjoni, flimkien ma' kwalunkwe opinjoni kif speċifikat fil-punt (10).	(14) Il-korp tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' kull Grupp għandu jadotta l-lista finali tiegħu ta' proġetti proposti sa mhux aktar tard minn xahrejn qabel id-data tal-adozzjoni tal-lista tal-Unjoni tal-Artikolu 22, filwaqt li jirrispetta d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(3), abbażi tal-proposta tal-Gruppi u filwaqt li jqis il-valutazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tal-Aġenzija u l-valutazzjoni tal-Kummissjoni għal proġetti li ma jaqgħux taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali proposti f'konformità mal-punt (9), u l-parir mill-Kummissjoni li għandu l-għan li jiżgura għadd totali maniġġabbli ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni, speċjalment fi fruntieri relatati ma' proġetti f'kompetizzjoni jew potenzjalment f'kompetizzjoni. Il-korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Gruppi għandhom jippreżentaw il-listi finali lill-Kummissjoni, flimkien ma' kwalunkwe opinjoni kif speċifikat fil-punt (10) ***u jinkludu deskrizzjoni tal-ħtiġijiet mhux imqabbla li jkun jifdal biex jiġu indirizzati***.

Or. en

Emenda 1342
Bruno Tobback, Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għall-proġetti ta' trażmissjoni tal-elettriku li jaqgħu taħt il-punt (1)(a), (b), (d), ***u (f)*** tal-Anness II, il-proġett iżid il-kapaċità netta ta' trasferiment, fil-fruntiera ta' dak l-Istat Membru ma' Stat Membru wieħed jew aktar b'mill-inqas 200 Megawatt (MW) meta mqabbla mas-sitwazzjoni mingħajr l-ikkummissjonar tal-proġett;	(a) għall-proġetti ta' trażmissjoni tal-elettriku li jaqgħu taħt il-punt (1)(a), (b), (d) ***(f) u (g)***tal-Anness II, il-proġett iżid il-kapaċità netta ta' trasferiment, fil-fruntiera ta' dak l-Istat Membru ma' Stat Membru wieħed jew aktar b'mill-inqas 200 Megawatt (MW) meta mqabbla mas-sitwazzjoni mingħajr l-ikkummissjonar tal-proġett***, inkluża l-infrastruttura meħtieġa biex jissaħħu l-grilji tal-elettriku interni fejn tali infrastruttura tkun konnessa direttament ma' proġett PCI/PMI ġdid tat-trażmissjoni tal-elettriku li ma jistax jiffunzjona b'mod effiċjenti mingħajr l-imsemmi tisħiħ u fejn dan ma jistax jiġi ffinanzjat b'mezzi oħra***;

Or. en

Emenda 1343
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għall-proġetti ta' trażmissjoni tal-elettriku li jaqgħu taħt il-punt (1)(a), (b), (d), u (f) tal-Anness II, il-proġett iżid il-kapaċità netta ta' trasferiment, fil-fruntiera ta' dak l-Istat Membru ma' Stat Membru wieħed jew aktar b'mill-inqas ***200*** Megawatt (MW) meta mqabbla mas-sitwazzjoni mingħajr l-ikkummissjonar tal-	(a) għall-proġetti ta' trażmissjoni tal-elettriku li jaqgħu taħt il-punt (1)(a), (b), (d), u (f) tal-Anness II, il-proġett iżid il-kapaċità netta ta' trasferiment, fil-fruntiera ta' dak l-Istat Membru ma' Stat Membru wieħed jew aktar b'mill-inqas ***500*** Megawatt (MW) meta mqabbla mas-sitwazzjoni mingħajr l-ikkummissjonar tal-

proġett;	proġett;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda fil-livell limitu tgħin biex l-appoġġ tal-Unjoni jiġi ffukat fuq proġetti ta' trażmissjoni tal-elettriku b'impatt sostanzjali fuq il-kapaċità transfruntiera u l-integrazzjoni tas-sistema.

Emenda 1344
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) għall-infrastruttura intelliġenti tal-gass stabbilita fil-punt (5) tal-Anness II, il-proġett jinvolvi mill-inqas żewġ operaturi tas-sistema ta' mill-inqas żewġ Stati Membri, li jistgħu jkunu Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni jew Operaturi tas-Sistema ta' Distribuzzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan jirrifletti r-rwol dejjem akbar tal-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni fl-integrazzjoni ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

Emenda 1345
Bruno Gonçalves

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) għal proġetti ta' ħżin tal-elettriku li jaqgħu taħt il-punt (1)(c) tal-Anness II, il-proġett jipprovdi kapaċità installata ta' mill-inqas ***225*** MW u jkollu kapaċità ta'	(c) għal proġetti ta' ħżin tal-elettriku li jaqgħu taħt il-punt (1)(c) tal-Anness II, il-proġett jipprovdi kapaċità installata ta' mill-inqas ***150*** MW u jkollu kapaċità ta'

ħżin li tippermetti ġenerazzjoni annwali netta tal-elettriku ta’ 250 GW-siegħa/sena;	ħżin li tippermetti ġenerazzjoni annwali netta tal-elettriku ta’ 250 GW-siegħa/sena;

Or. en

Emenda 1346
Tsvetelina Penkova, Bruno Tobback, Bruno Gonçalves, Daniel Attard, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo, Nicolás González Casares

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) għal proġetti ta’ ħżin tal-elettriku li jaqgħu taħt il-punt (1)(c) tal-Anness II, il-proġett jipprovdi kapaċità installata ta’ mill-inqas 225 MW ***u jkollu*** kapaċità ta’ ħżin li tippermetti ġenerazzjoni annwali netta tal-elettriku ta’ 250 GW-siegħa/sena;	(c) għal proġetti ta’ ħżin tal-elettriku li jaqgħu taħt il-punt (1)(c) tal-Anness II, il-proġett jipprovdi kapaċità installata ta’ mill-inqas 225 MW ***jew ikollu*** kapaċità ta’ ħżin li tippermetti ġenerazzjoni annwali netta tal-elettriku ta’ 250 GW-siegħa/sena;

Or. en

Emenda 1347
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) għal proġetti ta’ grilji intelliġenti tal-elettriku li jaqgħu taħt il-punt (1)(g) tal-Anness II, il-proġett huwa mfassal għal tagħmir u għal installazzjonijiet f’livell ta’ vultaġġ għoli u ta’ vultaġġ medju, u jinvolvi lit-TSOs, lit-TSOs u d-DSOs, jew lid-DSOs ***minn mill-inqas żewġ Stati Membri***. Il-proġett jista’ jinvolvi lid-DSOs biss ***dment li jkunu mill-inqas żewġ Stati Membri u*** dment li tiġi żgurata l-interoperabbiltà. Il-proġett ***għandu jissodisfa mill-inqas tnejn mill-kriterji li ġejjin:*** jinvolvi 50 000 utent, ġeneratur, konsumatur jew prosumatur tal-elettriku,	(d) għal proġetti ta’ grilji intelliġenti tal-elettriku li jaqgħu taħt il-punt (1)(g) tal-Anness II, il-proġett huwa mfassal għal tagħmir u għal installazzjonijiet f’livell ta’ vultaġġ għoli u ta’ vultaġġ medju, u jinvolvi lit-TSOs, lit-TSOs u d-DSOs, jew lid-DSOs. Il-proġett jista’ jinvolvi lid-DSOs biss dment li tiġi żgurata l-interoperabbiltà. Il-proġett ***għandu*** jinvolvi 50 000 utent, ġeneratur, konsumatur jew prosumatur tal-elettriku, ikopri żona ta’ konsum ta’ mill-inqas 300 GW siegħa/sena, jew inaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija ta’ sistemi mhux

ikopri żona ta’ konsum ta’ mill-inqas 300 GW siegħa/sena, ***mill-inqas 20 % tal-konsum tal-elettriku marbut mal-proġett joriġina minn riżorsi rinnovabbli varjabbli,*** jew inaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija ta’ sistemi mhux interkonnessi fi Stat Membru wieħed jew aktar. Il-proġett mhux bilfors ikun jinvolvi fruntiera fiżika komuni. Għal proġetti relatati ma’ sistemi iżolati żgħar kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (42) tad-Direttiva (UE) 2019/944, inklużi gżejjer, dawk il-livelli ta’ vultaġġ għandhom ikunu daqs l-ogħla livell ta’ vultaġġ fis-sistema tal-elettriku rilevanti;

interkonnessi fi Stat Membru wieħed jew aktar. Il-proġett mhux bilfors ikun jinvolvi fruntiera fiżika komuni. Għal proġetti relatati ma’ sistemi iżolati żgħar kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (42) tad-Direttiva (UE) 2019/944, inklużi gżejjer, dawk il-livelli ta’ vultaġġ għandhom ikunu daqs l-ogħla livell ta’ vultaġġ fis-sistema tal-elettriku rilevanti;

Or. en

Emenda 1348
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) għal proġetti ta’ grilji intelliġenti tal-elettriku li jaqgħu taħt il-punt (1)(g) tal-Anness II, il-proġett huwa mfassal għal tagħmir u għal installazzjonijiet f’livell ta’ vultaġġ għoli u ta’ vultaġġ medju, u jinvolvi lit-TSOs, lit-TSOs u d-DSOs, jew lid-DSOs minn mill-inqas żewġ Stati Membri. Il-proġett jista’ jinvolvi lid-DSOs biss dment li jkunu mill-inqas żewġ Stati Membri u dment li tiġi żgurata l-interoperabbiltà. Il-proġett għandu jissodisfa mill-inqas tnejn mill-kriterji li ġejjin: jinvolvi 50 000 utent, ġeneratur, konsumatur jew prosumatur tal-elettriku, ikopri żona ta’ konsum ta’ mill-inqas 300 GW siegħa/sena, ***mill-inqas 20 % tal-konsum tal-elettriku marbut mal-proġett joriġina minn riżorsi rinnovabbli varjabbli,*** jew inaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija ta’ sistemi mhux interkonnessi fi Stat Membru wieħed jew	(d) għal proġetti ta’ grilji intelliġenti tal-elettriku li jaqgħu taħt il-punt (1)(g) tal-Anness II, il-proġett huwa mfassal għal tagħmir u għal installazzjonijiet f’livell ta’ vultaġġ għoli u ta’ vultaġġ medju, u jinvolvi lit-TSOs, lit-TSOs u d-DSOs, jew lid-DSOs minn mill-inqas żewġ Stati Membri. Il-proġett jista’ jinvolvi lid-DSOs biss dment li jkunu mill-inqas żewġ Stati Membri u dment li tiġi żgurata l-interoperabbiltà. Il-proġett għandu jissodisfa mill-inqas tnejn mill-kriterji li ġejjin: jinvolvi 50 000 utent, ġeneratur, konsumatur jew prosumatur tal-elettriku, ikopri żona ta’ konsum ta’ mill-inqas 300 GW siegħa/sena, jew inaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija ta’ sistemi mhux interkonnessi fi Stat Membru wieħed jew aktar. Il-proġett mhux bilfors ikun jinvolvi fruntiera fiżika komuni. Għal proġetti relatati ma’ sistemi iżolati żgħar kif definiti

aktar. Il-proġett mhux bilfors ikun jinvolvi fruntiera fiżika komuni. Għal proġetti relatati ma' sistemi iżolati żgħar kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (42) tad-Direttiva (UE) 2019/944, inklużi gżejjer, dawk il-livelli ta' vultaġġ għandhom ikunu daqs l-ogħla livell ta' vultaġġ fis-sistema tal-elettriku rilevanti;

fl-Artikolu 2, il-punt (42) tad-Direttiva (UE) 2019/944, inklużi gżejjer, dawk il-livelli ta' vultaġġ għandhom ikunu daqs l-ogħla livell ta' vultaġġ fis-sistema tal-elettriku rilevanti;

Or. fr

Emenda 1349
Bruno Tobback, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) għal proġetti ta' grilji intelliġenti tal-elettriku li jaqgħu taħt il-punt (1)(g) tal-Anness II, il-proġett huwa mfassal għal tagħmir u għal installazzjonijiet f'livell ta' vultaġġ għoli u ta' vultaġġ medju, u jinvolvi lit-TSOs, lit-TSOs u d-DSOs, jew lid-DSOs ***minn mill-inqas żewġ Stati Membri***. Il-proġett jista' jinvolvi lid-DSOs biss dment li ***jkunu mill-inqas żewġ Stati Membri*** u dment li tiġi żgurata l-interoperabbiltà. Il-proġett għandu jissodisfa mill-inqas tnejn mill-kriterji li ġejjin: jinvolvi 50 000 utent, ġeneratur, konsumatur jew prosumatur tal-elettriku, ikopri żona ta' konsum ta' mill-inqas 300 GW siegħa/sena, mill-inqas 20 % tal-konsum tal-elettriku marbut mal-proġett joriġina minn riżorsi rinnovabbli varjabbli, jew inaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija ta' sistemi mhux interkonnessi fi Stat Membru wieħed jew aktar. Il-proġett mhux bilfors ikun jinvolvi fruntiera fiżika komuni. Għal proġetti relatati ma' sistemi iżolati żgħar kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (42) tad-Direttiva (UE) 2019/944, inklużi gżejjer, dawk il-livelli ta' vultaġġ għandhom ikunu daqs l-ogħla livell ta'	(d) għal proġetti ta' grilji intelliġenti tal-elettriku li jaqgħu taħt il-punt (1)(g) tal-Anness II, il-proġett huwa mfassal għal tagħmir u għal installazzjonijiet f'livell ta' vultaġġ għoli u ta' vultaġġ medju, u jinvolvi lit-TSOs, lit-TSOs u d-DSOs, jew lid-DSOs. Il-proġett jista' jinvolvi lid-DSOs biss dment li ***jkun hemm livell għoli ta' koordinazzjoni mat-TSOs rilevanti sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tas-sistema,*** u dment li tiġi żgurata l-interoperabbiltà. Il-proġett għandu jissodisfa mill-inqas tnejn mill-kriterji li ġejjin: jinvolvi 50 000 utent, ġeneratur, konsumatur jew prosumatur tal-elettriku, ikopri żona ta' konsum ta' mill-inqas 300 GW siegħa/sena, mill-inqas 20 % tal-konsum tal-elettriku marbut mal-proġett joriġina minn riżorsi rinnovabbli varjabbli, jew inaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija ta' sistemi mhux interkonnessi fi Stat Membru wieħed jew aktar. Il-proġett mhux bilfors ikun jinvolvi fruntiera fiżika komuni. Għal proġetti relatati ma' sistemi iżolati żgħar kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (42) tad-Direttiva (UE) 2019/944, inklużi gżejjer, dawk il-livelli ta' vultaġġ għandhom ikunu daqs l-ogħla livell ta' vultaġġ fis-sistema tal-

vultaġġ fis-sistema tal-elettriku rilevanti;	elettriku rilevanti;

Or. en

Emenda 1350
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) għal proġetti ta' grilji intelliġenti tal-elettriku li jaqgħu taħt il-punt (1)(g) tal-Anness II, il-proġett huwa mfassal għal tagħmir u għal installazzjonijiet ***f'livell ta' vultaġġ għoli u*** ta' vultaġġ ***medju***, u jinvolvi lit-TSOs, lit-TSOs u d-DSOs, jew lid-DSOs ***minn mill-inqas żewġ Stati Membri***. Il-proġett jista' jinvolvi lid-DSOs biss dment li ***jkunu mill-inqas żewġ Stati Membri u dment li tiġi żgurata l-interoperabbiltà***. Il-proġett għandu jissodisfa mill-inqas tnejn mill-kriterji li ġejjin: jinvolvi 50 000 utent, ġeneratur, konsumatur jew prosumatur tal-elettriku, ikopri żona ta' konsum ta' mill-inqas 300 GW siegħa/sena, mill-inqas 20 % tal-konsum tal-elettriku marbut mal-proġett joriġina minn riżorsi rinnovabbli varjabbli, jew inaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija ta' sistemi mhux interkonnessi fi Stat Membru wieħed jew aktar. Il-proġett mhux bilfors ikun jinvolvi fruntiera fiżika komuni. Għal proġetti relatati ma' sistemi iżolati żgħar kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (42) tad-Direttiva (UE) 2019/944, inklużi gżejjer, dawk il-livelli ta' vultaġġ għandhom ikunu daqs l-ogħla livell ta' vultaġġ fis-sistema tal-elettriku rilevanti;	(d) għal proġetti ta' grilji intelliġenti tal-elettriku li jaqgħu taħt il-punt (1)(g) tal-Anness II, il-proġett huwa mfassal għal tagħmir u għal installazzjonijiet ***fi kwalunkwe livell*** ta' vultaġġ, u jinvolvi lit-TSOs, lit-TSOs u d-DSOs, jew lid-DSOs. Il-proġett jista' jinvolvi lid-DSOs biss dment li ***l-proġett jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-integrazzjoni tas-suq tal-UE, u għall-miri klimatiċi tal-UE***. Il-proġett għandu jissodisfa mill-inqas tnejn mill-kriterji li ġejjin: jinvolvi 50 000 utent, ġeneratur, konsumatur jew prosumatur tal-elettriku, ikopri żona ta' konsum ta' mill-inqas 300 GW siegħa/sena, mill-inqas 20 % tal-konsum tal-elettriku marbut mal-proġett joriġina minn riżorsi rinnovabbli varjabbli, jew inaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija ta' sistemi mhux interkonnessi fi Stat Membru wieħed jew aktar. Il-proġett mhux bilfors ikun jinvolvi fruntiera fiżika komuni. Għal proġetti relatati ma' sistemi iżolati żgħar kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (42) tad-Direttiva (UE) 2019/944, inklużi gżejjer, dawk il-livelli ta' vultaġġ għandhom ikunu daqs l-ogħla livell ta' vultaġġ fis-sistema tal-elettriku rilevanti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-allokazzjoni attwali tal-FNE tiffavorixxi b'mod sproporzjonat it-trażmissjoni aktar milli d-distribuzzjoni, minkejja li l-maġġoranza l-kbira tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-

flessibbiltà huma konnessi mal-grilji ta' distribuzzjoni. Biex dan jiġi indirizzat, il-kategorija (g) "grilji intelliġenti tal-elettriku" għandha tinkludi l-livelli kollha ta' vultaġġ.

Emenda 1351
András Gyürk, Ewa Zajączkowska-Hernik, Ondřej Knotek, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) għal proġetti ta' grilji intelliġenti tal-elettriku li jaqgħu taħt il-punt (1)(g) tal-Anness II, il-proġett huwa mfassal għal tagħmir u għal installazzjonijiet ***f'livell ta' vultaġġ għoli u ta' vultaġġ medju***, u jinvolvi lit-TSOs, lit-TSOs u d-DSOs, jew lid-DSOs minn mill-inqas żewġ Stati Membri. Il-proġett jista' jinvolvi lid-DSOs biss dment li jkunu mill-inqas żewġ Stati Membri u dment li tiġi żgurata l-interoperabbiltà. Il-proġett għandu jissodisfa mill-inqas tnejn mill-kriterji li ġejjin: jinvolvi 50 000 utent, ġeneratur, konsumatur jew prosumatur tal-elettriku, ikopri żona ta' konsum ta' mill-inqas 300 GW siegħa/sena, mill-inqas 20 % tal-konsum tal-elettriku marbut mal-proġett joriġina minn riżorsi rinnovabbli varjabbli, jew inaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija ta' sistemi mhux interkonnessi fi Stat Membru wieħed jew aktar. Il-proġett mhux bilfors ikun jinvolvi fruntiera fiżika komuni. Għal proġetti relatati ma' sistemi iżolati żgħar kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (42) tad-Direttiva (UE) 2019/944, inklużi gżejjer, dawk il-livelli ta' vultaġġ għandhom ikunu daqs l-ogħla livell ta' vultaġġ fis-sistema tal-elettriku rilevanti;	(d) għal proġetti ta' grilji intelliġenti tal-elettriku li jaqgħu taħt il-punt (1)(g) tal-Anness II, il-proġett huwa mfassal għal tagħmir u għal installazzjonijiet, u jinvolvi lit-TSOs, lit-TSOs u d-DSOs, jew lid-DSOs minn mill-inqas żewġ Stati Membri. Il-proġett jista' jinvolvi lid-DSOs biss dment li jkunu mill-inqas żewġ Stati Membri u dment li tiġi żgurata l-interoperabbiltà. Il-proġett għandu jissodisfa mill-inqas tnejn mill-kriterji li ġejjin: jinvolvi 50 000 utent, ġeneratur, konsumatur jew prosumatur tal-elettriku, ikopri żona ta' konsum ta' mill-inqas 300 GW siegħa/sena, mill-inqas 20 % tal-konsum tal-elettriku marbut mal-proġett joriġina minn riżorsi rinnovabbli varjabbli, jew inaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija ta' sistemi mhux interkonnessi fi Stat Membru wieħed jew aktar. Il-proġett mhux bilfors ikun jinvolvi fruntiera fiżika komuni. Għal proġetti relatati ma' sistemi iżolati żgħar kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (42) tad-Direttiva (UE) 2019/944, inklużi gżejjer, dawk il-livelli ta' vultaġġ għandhom ikunu daqs l-ogħla livell ta' vultaġġ fis-sistema tal-elettriku rilevanti;

Or. en

Emenda 1352

Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) għal proġetti ta' grilji intelliġenti tal-elettriku li jaqgħu taħt il-punt (1)(g) tal-Anness II, il-proġett huwa mfassal għal tagħmir u għal installazzjonijiet ***f'livell ta' vultaġġ għoli u*** ta' vultaġġ ***medju***, u jinvolvi lit-TSOs, lit-TSOs u d-DSOs, jew lid-DSOs minn mill-inqas żewġ Stati Membri. Il-proġett jista' jinvolvi lid-DSOs biss dment li jkunu mill-inqas żewġ Stati Membri u dment li tiġi żgurata l-interoperabbiltà. Il-proġett għandu jissodisfa mill-inqas tnejn mill-kriterji li ġejjin: jinvolvi 50 000 utent, ġeneratur, konsumatur jew prosumatur tal-elettriku, ikopri żona ta' konsum ta' mill-inqas 300 GW siegħa/sena, mill-inqas 20 % tal-konsum tal-elettriku marbut mal-proġett joriġina minn riżorsi rinnovabbli varjabbli, jew inaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija ta' sistemi mhux interkonnessi fi Stat Membru wieħed jew aktar. Il-proġett mhux bilfors ikun jinvolvi fruntiera fiżika komuni. Għal proġetti relatati ma' sistemi iżolati żgħar kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (42) tad-Direttiva (UE) 2019/944, inklużi gżejjer, dawk il-livelli ta' vultaġġ għandhom ikunu daqs l-ogħla livell ta' vultaġġ fis-sistema tal-elettriku rilevanti;	(d) għal proġetti ta' grilji intelliġenti tal-elettriku li jaqgħu taħt il-punt (1)(g) tal-Anness II, il-proġett huwa mfassal għal tagħmir u għal installazzjonijiet ***f'kull livell*** ta' vultaġġ, u jinvolvi lit-TSOs, lit-TSOs u d-DSOs, jew lid-DSOs minn mill-inqas żewġ Stati Membri. Il-proġett jista' jinvolvi lid-DSOs biss dment li jkunu mill-inqas żewġ Stati Membri u dment li tiġi żgurata l-interoperabbiltà. Il-proġett għandu jissodisfa mill-inqas tnejn mill-kriterji li ġejjin: jinvolvi 50 000 utent, ġeneratur, konsumatur jew prosumatur tal-elettriku, ikopri żona ta' konsum ta' mill-inqas 300 GW siegħa/sena, mill-inqas 20 % tal-konsum tal-elettriku marbut mal-proġett joriġina minn riżorsi rinnovabbli varjabbli, jew inaqqas l-iżolament fil-qasam tal-enerġija ta' sistemi mhux interkonnessi fi Stat Membru wieħed jew aktar. Il-proġett mhux bilfors ikun jinvolvi fruntiera fiżika komuni. Għal proġetti relatati ma' sistemi iżolati żgħar kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (42) tad-Direttiva (UE) 2019/944, inklużi gżejjer, dawk il-livelli ta' vultaġġ għandhom ikunu daqs l-ogħla livell ta' vultaġġ fis-sistema tal-elettriku rilevanti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-limitazzjoni tal-grilji intelliġenti għal-livelli ta' vultaġġ medju u għoli teskludi sehem sinifikanti ta' investimenti fl-integrazzjoni rinnovabbli u fl-elettrifikazzjoni fil-livell tad-distribuzzjoni. L-enerġija rinnovabbli kollha tal-unitajiet domestiċi u tad-daqs tal-unitajiet domestiċi hija konnessa fuq livell ta' vultaġġ baxx, bħall-elettrifikazzjoni residenzjali ta' setturi oħra, bħall-vetturi elettriċi, il-pompi tas-sħana, u jikkontribwixxu b'mod sostanzjali kemm għas-sovranità tal-enerġija kif ukoll għad-dekarbonizzazzjoni.

Emenda 1353
András Gyürk, Ewa Zajączkowska-Hernik, Ondřej Knotek, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) għall-elettrolizzaturi, il-proġett jipprovdi kapaċità installata ta' mill-inqas ***500*** MW ipprovduta minn elettrolizzatur wieħed jew minn sett ta' elettrolizzaturi li jiffurmaw proġett koordinat uniku u jġib benefiċċji direttament jew indirettament għal mill-inqas żewġ Stati Membri;	(g) għall-elettrolizzaturi, il-proġett jipprovdi kapaċità installata ta' mill-inqas ***100*** MW ipprovduta minn elettrolizzatur wieħed jew minn sett ta' elettrolizzaturi li jiffurmaw proġett koordinat uniku u jġib benefiċċji direttament jew indirettament għal mill-inqas żewġ Stati Membri;

Or. en

Emenda 1354
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) għat-trażmissjoni tal-elettriku rinnovabbli fil-baħar, il-proġett ikun imfassal biex jittrasferixxi l-elettriku minn siti ta' ġenerazzjoni fil-baħar b'kapaċità ta' mill-inqas 500 MW u jippermetti t-trażmissjoni tal-elettriku lill-grilja fuq l-art ta' Stat Membru speċifiku, filwaqt li jżid il-volum ta' elettriku rinnovabbli disponibbli fis-suq intern. Il-proġett għandu jiġi żviluppat f'żoni b'penetrazzjoni baxxa ta' elettriku rinnovabbli fil-baħar u għandu juri impatt pożittiv sinifikanti fuq il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1355
Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) għat-trażmissjoni tal-elettriku rinnovabbli fil-baħar, il-proġett ikun imfassal biex jittrasferixxi l-elettriku minn siti ta' ġenerazzjoni fil-baħar b'kapaċità ta' mill-inqas 500 MW u jippermetti t-trażmissjoni tal-elettriku lill-grilja fuq l-art ta' Stat Membru speċifiku, filwaqt li jżid il-volum ta' elettriku rinnovabbli disponibbli fis-suq intern. Il-proġett ***għandu jiġi żviluppat f'żoni b'penetrazzjoni baxxa ta' elettriku rinnovabbli fil-baħar u*** għandu juri impatt pożittiv sinifikanti fuq il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050;	(h) għat-trażmissjoni tal-elettriku rinnovabbli fil-baħar, il-proġett ikun imfassal biex jittrasferixxi l-elettriku minn siti ta' ġenerazzjoni fil-baħar b'kapaċità ta' mill-inqas 500 MW u jippermetti t-trażmissjoni tal-elettriku lill-grilja fuq l-art ta' Stat Membru speċifiku, filwaqt li jżid il-volum ta' elettriku rinnovabbli disponibbli fis-suq intern. Il-proġett għandu juri impatt pożittiv sinifikanti fuq il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma hemm l-ebda raġuni biex issir diskriminazzjoni bejn iż-żoni b'penetrazzjoni baxxa u dawk b'penetrazzjoni għolja sakemm proġett jikkontribwixxi għall-objettivi tat-TEN-E.

Emenda 1356
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Anness IV – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) għall-proġetti tad-diossidu tal-karbonju, il-proġett jintuża għat-trasport u, fejn applikabbli, għall-ħżin tad-diossidu tal-karbonju antropoġeniku li joriġina minn mill-inqas żewġ Stati Membri.	(i) għall-proġetti tad-diossidu tal-karbonju, il-proġett jintuża għat-trasport u, fejn applikabbli, għall-ħżin tad-diossidu tal-karbonju antropoġeniku li joriġina minn mill-inqas żewġ Stati Membri ***u li jinqabad minn installazzjonijiet industrijali permezz ta' tagħmir li jiżgura l-kejl, ir-***

rapportar u l-verifika tal-effiċjenza tal-qbid f'konformità ma' livell limitu minimu ta' 95 %.

Or. en

Emenda 1357
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – punt – ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ia) għat-trażmissjoni tal-idroġenu fil-baħar, il-proġett ikun imfassal biex jittrasferixxi l-idroġenu minn siti ta' produzzjoni fil-baħar lil network fuq l-art ta' Stat Membru speċifiku, u b'hekk iżid il-volum ta' idroġenu rinnovabbli disponibbli fis-suq intern. Il-proġett għandu jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tal-idroġenu rinnovabbli fis-suq intern u jappoġġa l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni għall-2050.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-infrastruttura tal-idroġenu fil-baħar se tkun essenzjali biex tiżdied il-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tiegħu fis-suq tal-Unjoni.

Emenda 1358
Bruno Tobback

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 1 – punt – ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ia) sabiex kwalunkwe proġett

jikkwalifika bħala proġett ta' interess komuni, irrispettivament mit-teknoloġija li jikkonċerna, il-proġett irid ikollu livell ippruvat ta' maturità teknoloġika, domanda u offerta reali suffiċjenti għall-vettur tal-enerġija kkonċernat fis-suq tal-Unjoni u jkun proġett kosteffettiv u jikkonforma mar-rekwiżiti u l-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1359
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għal proġetti ta' interess reċiproku relatati mal-kategorija stabbilita fil-punt (1)(a), (d) u (h) tal-Anness II, il-proġett iżid il-kapaċità netta ta' trasferiment fil-fruntiera ta' dak l-Istat Membru ma' pajjiż terz u jġib benefiċċji sinifikanti għal mill-inqas żewġ pajjiżi kkonċernati direttament jew indirettament mill-proġett;	(a) għal proġetti ta' interess reċiproku relatati mal-kategorija stabbilita fil-punt (1)(a), (d)***, (g)*** u (h) tal-Anness II, il-proġett iżid il-kapaċità netta ta' trasferiment fil-fruntiera ta' dak l-Istat Membru ma' pajjiż terz u jġib benefiċċji sinifikanti għal mill-inqas żewġ pajjiżi kkonċernati direttament jew indirettament mill-proġett;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-grilji intelliġenti tal-elettriku jeħtiġilhom jkunu eliġibbli għall-istatus ta' Proġetti ta' Interess Reċiproku (PMI) skont ir-Regolament TEN-E minħabba r-rwol ewlieni tagħhom fil-provvista ta' enerġija affordabbli, fil-kompetittività industrijali u fit-tlestija tas-suq uniku għall-elettriku. Għalkemm huma rikonoxxuti b'mod espliċitu fil-qafas tat-TEN-E, huma eskluży mill-eliġibbiltà tal-PMI.

Emenda 1360
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament

Anness IV – punt 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għal proġetti ta' interess reċiproku relatati mal-kategorija stabbilita fil-punt (1)(a), (d) u (h) tal-Anness II, il-proġett iżid il-kapaċità netta ta' trasferiment fil-fruntiera ta' dak l-Istat Membru ma' pajjiż terz u jġib benefiċċji sinifikanti għal mill-inqas żewġ pajjiżi kkonċernati direttament jew indirettament mill-proġett;	(a) għal proġetti ta' interess reċiproku relatati mal-kategorija stabbilita fil-punt (1)(a), (d)***, (g)*** u (h) tal-Anness II, il-proġett iżid il-kapaċità netta ta' trasferiment fil-fruntiera ta' dak l-Istat Membru ma' pajjiż terz u jġib benefiċċji sinifikanti għal mill-inqas żewġ pajjiżi kkonċernati direttament jew indirettament mill-proġett;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-esklużjoni tal-grilji intelliġenti tal-elettriku mill-eliġibbiltà tal-PMI toħloq inkonsistenza fil-qafas tat-TEN-E, minkejja r-rwol essenzjali tagħhom għall-elettrifikazzjoni, il-flessibbiltà tas-sistema u l-enerġija affordabbli.

Emenda 1361
András Gyürk, Ewa Zajączkowska-Hernik, Ondřej Knotek, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għal proġetti ta' interess reċiproku relatati mal-kategorija stabbilita fil-punt (1)(a), (d) u (h) tal-Anness II, il-proġett iżid il-kapaċità netta ta' trasferiment fil-fruntiera ta' dak l-Istat Membru ma' pajjiż terz u jġib benefiċċji sinifikanti għal mill-inqas żewġ pajjiżi kkonċernati direttament jew indirettament mill-proġett;	(a) għal proġetti ta' interess reċiproku relatati mal-kategorija stabbilita fil-punt (1)(a), (d)***, (g)*** u (h) tal-Anness II, il-proġett iżid il-kapaċità netta ta' trasferiment fil-fruntiera ta' dak l-Istat Membru ma' pajjiż terz u jġib benefiċċji sinifikanti għal mill-inqas żewġ pajjiżi kkonċernati direttament jew indirettament mill-proġett;

Or. en

Emenda 1362
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) għal proġetti ta' interess reċiproku fil-kategorija stabbilita fil-punt (2)(a) tal-Anness II, il-proġett tal-idroġenu jippermetti t-trażmissjoni tal-idroġenu fuq il-fruntiera ta' Stat Membru ma' pajjiż terz u juri li jġib benefiċċji sinifikanti lil mill-inqas żewġ pajjiżi kkonċernati direttament jew indirettament mill-proġett;	(b) għal proġetti ta' interess reċiproku fil-kategorija stabbilita fil-punt (2)(a) tal-Anness II ***u fil-punt (1)(k) ta' dan l-Anness***, il-proġett tal-idroġenu jippermetti t-trażmissjoni tal-idroġenu fuq il-fruntiera ta' Stat Membru ma' pajjiż terz u juri li jġib benefiċċji sinifikanti lil mill-inqas żewġ pajjiżi kkonċernati direttament jew indirettament mill-proġett;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-infrastruttura tal-idroġenu fil-baħar se tkun essenzjali biex tiżdied il-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tiegħu fis-suq tal-Unjoni.

Emenda 1363
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) għal proġetti ta' interess reċiproku fil-kategorija stabbilita fil-punt (2)(a) tal-Anness II, il-proġett tal-idroġenu jippermetti t-trażmissjoni tal-idroġenu fuq il-fruntiera ta' Stat Membru ma' pajjiż terz u juri li jġib benefiċċji sinifikanti lil mill-inqas żewġ pajjiżi kkonċernati direttament jew indirettament mill-proġett;	(b) għal proġetti ta' interess reċiproku fil-kategorija stabbilita fil-punt (2)(a) tal-Anness II, il-proġett tal-idroġenu jippermetti t-trażmissjoni tal-idroġenu ***rinnovabbli*** fuq il-fruntiera ta' Stat Membru ma' pajjiż terz u juri li jġib benefiċċji sinifikanti lil mill-inqas żewġ pajjiżi kkonċernati direttament jew indirettament mill-proġett;

Or. en

Emenda 1364
Michael Bloss

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) għal proġetti ta' interess reċiproku fil-kategorija stabbilita fil-punt (4) tal-Anness II, il-proġett jista' jintuża għat-trasport u għall-ħżin tad-diossidu tal-karbonju antropoġeniku ***minn mill-inqas żewġ Stati Membri u pajjiż terz***.	(c) għal proġetti ta' interess reċiproku fil-kategorija stabbilita fil-punt (4) tal-Anness II, il-proġett jista' jintuża ***minn tal-inqas żewġ Stati Membri u pajjiż terz*** għat-trasport u għall-ħżin tad-diossidu tal-karbonju antropoġeniku ***maqbud minn installazzjonijiet industrijali permezz ta' tagħmir li jiżgura l-kejl, ir-rapportar u l-verifika tal-effiċjenza tal-qbid f'konformità ma' livell limitu minimu ta' 95 %***.

Or. en

Emenda 1365
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) (d) għal proġetti ta' interess reċiproku fil-kategorija stabbilita fil-punt (6) tal-Anness II, il-proġett ta' infrastruttura għall-integrazzjoni ta' molekuli nodfa jkun jinvolvi TSOs, TSOs u DSOs jew DSOs minn tal-inqas żewġ Stati Membri. Id-DSOs jistgħu jkunu involuti, iżda biss bl-appoġġ tat-TSOs ta' mill-inqas żewġ Stati Membri, li jkunu assoċjati mill-qrib mal-proġett u jiżguraw l-interoperabbiltà;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dekarbonizzazzjoni ta' setturi li huma diffiċli biex jiġu elettrifikati (l-industrija peżanti, it-trasport, it-tisħin, eċċ.) tirrikjedi proġetti li jinvolvu kollaborazzjoni bejn it-TSOs u d-DSOs minn diversi Stati Membri. Din il-kollaborazzjoni tgħin, pereżempju, l-integrazzjoni ta' molekuli nodfa fit-taħlita tal-enerġija, billi tnaqqas l-emissjonijiet u tavvanza l-għanijiet tan-newtralità klimatika tal-UE. Barra minn hekk, l-involviment ta' pajjiżi terzi jrawwem il-parteċipazzjoni multilaterali, il-kooperazzjoni reġjonali, u l-kondiviżjoni tar-riskju. B'mod ġenerali, dan l-approċċ jiżgura koordinazzjoni b'saħħitha fost diversi operaturi tal-grilja, li hija essenzjali għall-interoperabbiltà.

Emenda 1366
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) għal proġetti ta' interess reċiproku fil-kategorija stabbilita fil-punt (6) tal-Anness II, il-proġett ta' infrastruttura għall-integrazzjoni ta' molekuli nodfa jkun jinvolvi TSOs, TSOs u DSOs jew DSOs minn tal-inqas żewġ Stati Membri. Id-DSOs jistgħu jkunu involuti wkoll, dment li l-interoperabbiltà u l-koordinazzjoni transfruntiera bejniethom ikunu assigurati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni tad-DSOs tirrifletti r-rwol dejjem akbar tan-networks ta' distribuzzjoni fl-integrazzjoni tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx tal-karbonju fis-sistema tal-enerġija tal-Unjoni.

Emenda 1367
Christophe Grudler, Bart Groothuis, Michael McNamara, Sophie Wilmès

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 3 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-trażmissjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli lejn iċ-ċentri ta' konsum u s-siti ta' ħżin ewlenin, imkejla f'konformità mal-analiżi magħmula fl-aħħar pjan ta' 10 snin disponibbli għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha għall-elettriku, b'mod partikolari billi:	(a) it-trażmissjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli ***u ġenerazzjoni ta' enerġija oħra mhux fossili*** lejn iċ-ċentri ta' konsum u s-siti ta' ħżin ewlenin, imkejla f'konformità mal-analiżi magħmula fl-aħħar pjan ta' 10 snin disponibbli għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha għall-elettriku, b'mod partikolari billi:

Or. en